Ħarġa nru. 62 - Mejju 2012

# SPORTIV

B'XEJN
ma' l-orizzont

Magażin Sportiv ta' kull xahar



Xewkija T. jirbħu l-unuri kollha
paġna 38



## Valletta champions għall-21 darba

» Aktar f'paġna 40

- FUTBOL • ŻWIEMEL • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
- KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT
- STORJA TAL-FUTBOL MALTI • POOL • SNOOKER
- BASKETBALL • FORMULA WIEĦED • MOTO GP

TeamSport
IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAM SPORT

# OFTEN imitated.

imitated.

# NEVER equalled.



Luzhniki Olympic Stadium - Moscow, Russia



Sherriff Football Complex - Tiraspol, Russia



Tokyo Dome - Tokyo, Japan



Nickerson Field - Boston, MA




Seahawks Stadium - Seattle, WA



Giants Stadium - East Rutherford, NJ

## *The One and Only*

1st FIFA Recommended Field (Nickerson Field, MA)
1st FIFA U/20 World Cup Finals 2007 (BMO Field Canada)
1st UEFA Cup Qualifying Round (Torpedo, Moscow)
1st EURO 2008 Qalifier between England and Russia (Luzhniki Stadium)
1st International Rugby League Game (Olympic Stadium, Russia)
1st FIFA Soccer Tournament (Jeux de la Francophonie)
1st International Rugby Union Game (Taipei vs Hong Kong)
1st Warmup Area of Main Pitch (Twickenham, UK)
1st (and only) Turf in Top 3 in NFL Best Field Survey (2002)
1st (and only) Independent Safety Testing (Barnhill / 99-04)
1st (and only) with Biomechanical Testing (Shorten / 2002)
1st (and only) Third Party Insured Warranty
1st NCAA Stadium (University of Nebraska)
1st NFL Stadium (Seahawk Stadium, Seattle)
1st MLB Stadium (Tropicana Field, FL)
1st High School Stadium (Ringgold High School, PA)

## *The Most Engineered System*

Most Installations - 3000+
Most Installations 5 or More Years Old - 527
Most NCAA Team Stadiums - 40
Most NCAA Team Practice Fields - 60
Most NFL Team Stadiums - 22
Most NFL Team Practice Fields - 32
Most FIFA Recommended Fields - 28
Most MLB Fields - 9
Most Premier League Acadamies - 30
Most Unsuccessful Imitators - countless

But first and foremost, we put our customer 1st. Whether you're a premier league club, or the local school pitch, you can count on the same 1st class installation. Because every FieldTurf pitch is identical. Visit our web site, email us, or give us a call. And we'll show you what being 1st is all about.

For further information or quotation, kindly contact:
**MARIO ATTARD**
on 2169 3175 / 6 - 9949 0003
or visit
**www.fieldturftarkett.com**

AUTHENTIC FIELDTURF

FIELDturf®

**The greatest turf on earth.™**

LOOKS LIKE GRASS...FEELS LIKE GRASS...PLAYS LIKE GRASS.®



# Mejju

Matul dan ix-xahar ta' Mejju, ġew ti tmiemhom il-Kampjonati rispettivi fejn l-attenzjoni prinċipali kienet immirata lejn Valletta li rebħu l-Kampjonat Premier għat-tieni sena konsekuttiva biex għaqqdu l-21 titlu fl-istorja tal-klabb.

Filwaqt li nifirħu liċ-champions u lir-rebbieħa ta' kull dixxiplina sportiva, insellmu lil dawk li kellhom staġun diżappuntanti.

Fix-xena internazzjonali, Chelsea huma ċ-champions Ewropej il-ġodda meta fil-final għelbu lil Bayern Munich bl-għoti tal-penalties wara partita kumbattuta. Bla dubju, it-tim Ingliż kien jimmeritah li jirbaħ din il-kompetizzjoni għall-fatt li għal din il-mixja trijonfali għeleb kull ostaklu diffiċli li sab quddiemu ... bl-aktar wieħed ikun dak ta' Barcelona.

Issa wara li tintlagħab il-final tal-FA Trophy, proprju għada bejn Hibs u Qormi, l-interess idur fuq żewġ avvenimenti sportivi li se jiddominaw ix-xahrejn li ġejjin - il-Euro 2012 u l-Logħob Olimpiku.

Dan kollu u aktar sport differenti ssibuh fl-aktar magazin sportiv popolari ...

Jesmond Moore - Editur






# Irbaħ ma'

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**Għal kemm-il darba Valletta rebħu l-Kampjonat?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz
sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ġunju, 2012:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom,
l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 61 hija:*
**Svezja**
*u r-rebbieħa huma (1) Aidan Zammit - Attard*
*(2) Angelo Vassallo - San Gwann (3) Joanne Pisani - Birkirkara*

TeamSporT®




1




2




3


Unilever
LYNX
The Final Edition*
2012
LYNX
FINAL EDITION
Get it on for the End of the World
*Limited edition.
www.facebook.com/lynx2012malta





SPORTIV

Ħarġa nru 62
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Union Print**
Union Print Co. Ltd
Marsa Tel: 25900265

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Reklamar**
Alfred Caruana (Manager)
acaruana@unionprint.com.mt

Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com

**Ritratti**
Ray Attard, Charles Marsh,
Roger Azzopardi

*Cover - Il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, jippreżenta t-Tazza tal-Kampjonat lill-captain ta' Valletta, Gilbert Agius - (Ritratt: Ray Attard)*

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta

# Werrej

4 **MFA**
Maħtur kowċ ġdid

14 **Premier**
Valletta Champions għal 21 darba

19 **FA Trophy**
Finali bejn Hibernians u Qormi

21 **I Diviżjoni**
Melita jirbħu l-partita diretta

22 **II Diviżjoni**
Gzira U. champions

23 **III Diviżjoni**
Pembroke A. jirbħu l-logħba kruċjali

24 **Youth FA**
Staġun 2011-2012

26 **KMS**
Paġna oħra storika għall-isport f'pajjiżna

34 **EURO 2012**
Il-Programm tal-fażi finali

36 **Basketball**
A to Z Electronics Athleta u Luxol champions

38 **Gozo Sports**
Xewkija Tigers jirbħu kollox dan l-istaġun

40 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Finali mill-aqwa fit-trott u fil-galopp matul Ġunju

42 **Snooker/Pool**
Malta U/21 tiddefendi t-titlu ta' champions tad-dinja

44 **Storja tar-Regatta**
It-Tiġrija tal-Vitorja (1990-1999)... Ir-Raba' Parti

46 **L-Istorja tal-Futbol Malti**
Sliema Wanderers ikabbru l-vantaġġ f'ras il-klassifika

48 **Formula 1**
L-ewwel rebħa għall-Venezwelan Pastor Maldonado

49 **Moto GP**
Jorge Lorenzo jaqbeż fl-ewwel post

55 **Smoking and Exercise**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

56 **Spot the Ball u Tisliba**
Irbaħ ma' SPORTIV

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

maltafootball.com




Pietro Ghedin jindirizza l-ġurnalisti flimkien mal-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo

# It-Taljan Pietro Ghedin

## maħtur kowċ nazzjonali

**Il-kowċ Taljan Pietro Ghedin se jerġa' jkun il-kowċ tat-tim nazzjonali Malti. Dan wara li kien magħżul mill-Kumitat Eżekuttiv tal-MFA biex jimla' l-post vakant, liema post sa ftit xhur ilu kien jokkupah il-kowċ John Buttigieg. Ghedin kien diġa' mexxa lit-tim nazzjonali bejn, Lulju 1993 u Novembru 1995.**

Il-ħatra tiegħu tħabbret waqt konferenza tal-aħbarijiet fil-bidu ta' dan ix-xahar mill-President tal-MFA, is-sur Norman Darmanin Demajo. Kien fix-xahar ta' April meta l-MFA fetħet l-ewwel negozjati ma' Pietro Ghedin, konsegwentament bil-Kap Eżekuttiv, is-sur Bjorn Vassallo jikkonkludi d-dettalji dwar l-ingaġġ tiegħu permezz ta' ftehim li sar bejn l-MFA u l-FIGC (Federazione Italiana Giuoco Calcio). Id-deċiżjoni kienet approvata l-ewwel mill-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni u eventwalment mill-Kunsill tal-MFA.

Ghedin, li huwa kowċ rispettat ferm, fl Italja mexxa diversi selezzjonijiet ta' timijiet nazzjonali fosthom it-tim tan-nisa, fejn dam fil-kariga għal dawn l-aħħar seba' snin u li matulhom ittrasforma lit-tim Taljan f'wieħed mill-aqwa fl-Ewropa. Wara li kien telaq minn Malta, fl-1995, Pietro Ghedin kien għamel perijodu twil bħala *assistant* tal-kowċ




Il-kowċ Taljan jidher waqt sessjoni ta' taħriġ flimkien ma' Michael Mifsud

rinomat Giovanni Trapattoni u kif ukoll ta' Cesare Maldini fit-tmexxija tat-tim nazzjonali Taljan.

Ghedin ingħata kuntratt ta' tliet snin u nofs u l-ewwel impenji kompetittivi tiegħu se jkunu l-logħbiet preliminari minn Grupp B tat-Tazza tad-Dinja tal-Brażil 2014, fejn fost it-timijiet li se tilgħab kontrihom Malta hemm l-Italja.

Waqt il-konferenza tal-aħbarijiet, Ghedin tenna, li hu kuntent li jerġa' jinsab f'Malta u lest li jilqa' kull sfida b'impenn massimu. "Kuntent li se nerġa' nkun il-kowċ nazzjonali ta' Malta u se nagħmel ħilti għall-kawża tal-futbol Malti."
Huwa saħaq ukoll li kulħadd irid jemmen li nistgħu nimxu 'il quddiem u din iqisha bħala sfida mhux biss għalih personali, iżda wkoll għall-plejers, l-MFA u l-pubbliku sportiv Malti u Għawdxi.

L-ewwel impenji ta' Malta fit-Tazza tad-Dinja se jkunu kontra l-Armenja, f'Malta, u kontra l-Italja barra minn xtutna. Il-preparazzjoni għal dawn il-logħbiet se tibda hekk kif jintemmu l-kompetizzjonijiet domestiċi, tant li bejn Ġunju u Awwissu t-tim nazzjonali Malti se jilgħab żewġ logħbiet ta' ħbiberija kontra l-Lussemburgu u San Marino rispettivament. Huwa fattur importanti ħafna li t-tim nazzjonali Malti jkun ippreparat bl-aħjar mod possibbli kemm mil-lat fiżiku u kif ukoll mil-lat psikoloġiku. Dan għandu jwassal biex il-plejers ikunu fl-aħjar forma biex jaffrontaw kampjonat denju tal-livell ta' futbol tal-ogħla livell.

Meta fakkar l-ewwel impenn tiegħu mat-tim nazzjonali Malti, bejn l-1993 u l-1995, Ghedin qal li għandu tifkiriet b'affezzjoni tax-xogħol li kien għamel f'Malta. Fil-fatt huwa stqarr: ..."Nirringrazzja lill-MFA li tatni l-opportunita' li nirritorna wara li segwejt kull riżultat li kisbet Malta minn dak iż-żmien sal-lum u nemmen li t-tim nazzjonali għandu plejers validi u kapaċi. Malta trid tkun preżenti u mhux assenti waqt il-logħbiet."

Il-President tal-MFA, is-sur Norman Darmanin Demajo, qal li l-għażla tal-kowċ Taljan kienet il-kontinwità tal-familjarità tiegħu mal-logħba Maltija u din għandha tkun ta' vantaġġ." Darmanin Demajo għamel ukoll riferenza dwar it-taħriġ tal-plejers mat-tim nazzjonali u spjega kif mis-sistema jibbenefikaw il-plejers b'mod dirett u kemm il-klabbs li jilagħbu magħhom. Il-President tal-MFA faħħar ukoll ix-xogħol siewi li qiegħed jagħmel id-Direttur Tekniku, s-sur Robert Gatt, fejn irringrazzjah pubblikament tal-impenn u l-passjoni li għandu lejn l-iżvilupp tal-logħba tal-futbol.

**Il-logħbiet ta' Malta b'Ghedin fit-tmexxija kienu dawn:**

| | |
|---|---|
| 05-11-1993 vs Eġittu | 0-3 (a) |
| **07-11-1993 vs Gabon** | **2-1 (a)** |
| 17-11-1993 vs Skozja | 0-2 (h) |
| **08-02-1994 vs Tuneżija** | **1-1 (h)** |
| 10-02-1994 vs Georgia | 0-1 (h) |
| 12-02-1994 vs Slovenja | 0-1 (h) |
| **16-02-1994 vs Belġju** | **1-0 (h)** |
| 30-03-1994 vs Slovakkja | 1-2 (h) |
| **19-04-1994 vs Azerbaijan** | **5-0 (h)** |
| 02-06-1994 vs Latvja | 0-2 (a) |
| 18-07-1994 vs Armenja | 0-1 (a) |
| **19-07-1994 vs Georgia** | **1-1 (a)** |
| **16-08-1994 vs Slovakkja** | **1-1 (a)** |
| 06-09-1994 vs Rep. Ċeka | 1-6 (a) |
| **12-10-1994 vs Rep Ċeka** | **0-0 (h)** |
| 14-12-1994 vs Norvegja | 0-1 (h) |
| 22-02-1995 vs Lussemburgu | 0-1 (h) |
| 29-03-1995 vs Olanda | 0-4 (a) |
| **26-04-1995 vs Bealrus** | **1-1 (a)** |
| 07-06-1995 vs Norveġja | 0-2 (a) |
| **16-08-1995 vs Albanija** | **2-1 (h)** |
| 11-10-1995 vs Norveġja | 0-2 (a) |
| 12-11-1995 vs Belarus | 0-2 (h) |




# L-MFA tippreżenta *Website* ġdida u tniedi l-*Facebook Page* uffiċjali

**L-MFA għadha kemm ippreżentat il-website l-ġdida tagħha u kif ukoll nidiet il-paġna uffiċjali fis-social network popolari Facebook. L-indirizz tal-website il-ġdida hu www.mfa.com.mt.**

*Dan l-investiment sar wara li nħasset il-ħtieġa li s-sit elettroniku tal-MFA ikun ittrasformat fi pjattaforma akbar li toffri aktar informazzjoni u innovazzjonijiet. Fil-ġurnata tal-lum, il-potenzjal ta' sit elettroniku huwa enormi, għaldaqstant u biex l-MFA tersaq aktar viċin il-pubbliku sportiv, ħadmet biex dan il-proġett ikollu l-għan li jkompli jgħin fit-trasformazzjoni tal-immaġini tal-futbol lokali. Il-website hija aktar friska fid-dehra tagħha u toffri ferm aktar informazzjoni u statistika biex tkun tista' titgawda mill-partitarji tat-timijiet lokali u minn dawk tat-timijiet nazzjonali. Apparti dan, l-MFA għandha ħafna rwoli x'tilgħab u hija involuta fl-organizzazzjoni ta' ħafna attivitajiet u għalhekk hu fundamentali li dan is-sit iwassal kull informazzjoni dwar l-avvenimenti kollha li l-MFA torganizza matul is-sena.*

Il-kumpanija li ħadet ħsieb id-disinn tal-*website* il-ġdida Untangled Media Ltd, l-MFA sabet in-nies li qed jagħmlu ħilithom biex il-prodott finali jkun dak li qed tfittex l-MFA biex twassal il-messaġġ.

Minbarra dettalji dwar l-amministrazzjoni tal-assoċjazzjoni, il-kompetizzjonijiet li torganizza l-MFA u ċ-Ċentru Tekniku, hemm ukoll parti esklussiva dedikata għall-partitarji. Din il-parti tissejjaħ Fanzone u toffri materjal esklussiv dwar it-timijiet nazzjonali u informazzjoni limitata biss għal dawk li jissieħbu bħala membri. L-innovazzjonijiet jinkludu l-faċilità ta' *newsletter, wallpapers, photo galleries* u *video galleries* fost l-oħrajn. Permezz ta' din il-website il-ġdida hemm espożizzjoni aħjar tal-*isponsors* u s-sieħba kummerċjali tal-MFA.

Biex tkompli ssaħħaħ il-popolarità tal-futbol f'pajjiżna u biex tiżgura li l-messaġġ tagħha jasal b'mod effettiv, il-Malta Football Association nidiet ukoll il-paġna uffiċjali ta' *Facebook*. F'messaġġ ta' merħba mill-President tal-MFA, is-sur Norman Darmanin Demajo, dan jisħaq li l-kommunikjazzjoni u d-djalogu huma ferm importanti fir-relazzjoni bejn l-MFA u l-pubbliku sportiv Malti u Għawdxi. Darmanin Demajo saħaq ukoll li l-paġna ta' *Facebook* tista' tkun storja ta' suċċess u jistieden lil dawk li jħobbu l-futbol biex jużaw din il-paġna biex iżommu ruħhom aġġornati fl-ispirtu tal-*Fair Play* u r-Rispett.

L-MFA, bħala l-akbar organizazzjoni sportiva tal-pajjiż, temmen li għandha tkompli taġġorna l-istrutturi tagħha biex il-partitarji tal-futbol ikomplu jgawdu din il-logħba tant sabiħa.




# reach for the exclusive

Many great ideas start on paper. With a BOV High Value Personal Loan, your projects and aspirations come to life.

Talk to us now for a loan that is truly personal.

*Your success is our goal.*

**BOV HIGH VALUE PERSONAL LOAN**
**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c.
58, Zachary Street
Valletta VLT 1130 - Malta

Personal Loans are subject to normal Bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Terms and conditions apply.

BOV
Bank of Valletta

BOV 29123



# Stadium Reġjonali ġdid f'San Pawl il-Baħar





**Il-politika tal-Malta Football Association li tibni aktar stadiums moderni fid-diversi partijiet ta' Malta u Għawdex kompliet titwettaq issa li tlesta x-xogħol fuq stadium reġjonali ieħor. Il-faċilità sportiva tinsab fit-tramuntana ta' Malta, proprju, f'San Pawl il-Baħar, u tintuża mill-klabb tat-Tielet Diviżjoni ta' Sirens.**

B'hekk mill-istaġun li ġej aktar futbol domestiku se jkompli jinfirex fl-irħula madwar Malta, kunċett li kien introdott għall-ewwel darba matul dan l-istaġun u li intlaqa' ferm tajjeb mill-pubbliku sportiv. Permezz ta' dawn il-faċilitajiet sportivi ġodda l-futbol m'għadux jintlagħab filgħodu, iżda issa qiegħed jintlagħab f'ħinijiet adekwati wara nofs inhar jew filgħaxija. Dan kien pass ieħor importanti mill-MFA favur l-iżvilupp tal-logħba, proġetti li minnhom igawdu l-klabbs lokali u kif ukoll l-eluf ta' partitarji li kull staġun isegwu t-timijiet tagħhom fid-diviżjonijiet rispettivi.

L-investiment qawwi li sar fil-bini ta' dan l-istadium hu prova oħra qawwija ta' kemm l-MFA hija kommessa li taqdi l-funzjoni tal-futbol qabel kull interess ieħor u dawn il-proġetti għandhom jgħinu biex iressqu aktar nies qrib il-logħba speċjalment tfal li l-lum għandhom faċilitajiet kif jixraq fejn imorru jitħarrġu u jieħdu gost.

Il-logħba inawgurali f'dan l-istadium il-ġdid saret fis-16 ta' Mejju. Isegwu din il-logħba hemm ħafna aktar logħbiet u wieħed jawgura li din il-faċilità ġdida titgawda bis-sħiħ mill-familja tal-futbol kollha.

L-inawgurazzjoni uffiċjali ta' dan l-istadium mistennija ssir fil-ġimgħat li ġejjien, fejn bla dubju se tinkixef il-ħidma bla heda li qiegħda ssir mill-MFA u l-klabbs tagħha, f'dan il-każ il-klabb ta' Sirens, biex il-futbol Malti u Għawdxi jevolvi f'livelli ġodda.



FXDD EUROPE

FXDD is the proud sponsor of the Malta National Football Team. This high-paced team embodies the passion, heart, and spirit that define FXDD's core values. Watch them this season as they put top-competitors to the ultimate test!

While the Malta National Football Team practices to optimize its skill and precision, you can practice with FXDD's innovative Forex demo platform. With cutting-edge charting and real-time commentary from pioneering financial thinkers, you'll be able to navigate currency price trends like a professional. And for as little as $250, you can put that practice to use by trading alongside the smartest companies around the world in today's largest financial market.

FXDD is a leader in online Forex trading dedicated to providing superior customer service, powerful trading technology, and reliable streaming liquidity. FXDD provides services to individual and institutional traders, hedge funds, commercial entities, brokerage firms and money managers around the world. The Company's services currently provide competitive interbank pricing, no-interest accounts, and automated execution. FXDD provides 200:1 leverage to its customers


Il-parteċipanti kollha waqt waħda mis-sessjonijiet tal-iStudy Group


Il-president tal-MFA Norman Darmanin Demajo jindirizza lill-parteċipanti fil-preżenza ta' Fr. Hilary Tagliaferro u Robert Gatt, president tal-YFA u Direttur tekniku tal-MFA

# Jintemm b'suċċess l-ewwel UEFA Study Group f'Malta

***Matul ix-xahar ta' Mejju, iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA organizza l-ewwel UEFA Study Group li qatt sar f'Malta, avveniment li kien jiffoka fuq il-Grassroots Football. L-attività kollha saret, f'Ta' Qali, fejn dan l-aħħar sar investiment importanti fl-infrastruttura taċ-Ċentru Tekniku u l-immodernizzar tal-post għen biex avvenimenti ta' din ix-xorta jkunu jistgħu jsiru fid-dar tal-futbol.***

L-għan wara din l-inizjattiva hu dak li kowċis fi ħdan l-assoċjazzjonijiet membri tal-UEFA u li jkunu ġejjin minn skejjel tal-futbol differenti jiltaqgħu f'post wieħed minn fejn ikunu jistgħu jagħmlu skambju ta' informazzjoni u ta' esperjenzi.

B'hekk matul it-tlett ijiem ta' studju, saret diskussjoni fonda dwar il-futbol fl-għeruq tiegħu, fejn b'kollox attendew total ta' 44 kowċ, rappreżentanti mill-Italja, Litwanja, Lussemburgu u Malta.

Is-suġġetti diskussa kienu jinkludu n-nurseries tal-futbol, il-*coach education*, id-dixxiplini tal-futsal u l-beach soccer, l-akkademja tar-referees u l-futbol tan-nisa.

L-indirizz ta' introduzzjoni sar mill-President tal-MFA, is-sur Norman Darmanin Demajo, filwaqt li Fr.Hilary Tagliaferro fetaħ l-attività billi ppreżenta filmat qasir dwar l-istorja tal-futbol taż-żgħażagħ u l-għeruq tal-futbol f'Malta. Wara kien hemm diskussjoni estensiva, fejn saħansitra saru preżentazzjonijiet mill-pajjiżi parteċipanti kollha.

Bħala parti mill-ħidma fiżika l-parteċipanti żaru diversi nurseries u attendew ukoll għall-festival fil-livell ta' *grassroots* li sar fil-Victor Tedesco Stadium fil-Ħamrun. Dan il-festival kien organizzat mill-MFA bil-kollaborazzjoni tal-iSport Promotion Unit tal-KMS.

Il-parteċipanti attendew ukoll għal *Futsal Festival* tal-bniet li sar fil-kumpless sportiv tal-Kottonera u kif ukoll attendew għal sessjonijiet ta' taħriġ tal-akkademji tas-subien u tal-bniet fit-*Training Grounds* tal-MFA.

Finalment id-Direttur taċ-Ċentru, is-sur Robert Gatt, irringrazzja lill-parteċipanti għall-impenn u s-sehem tagħhom biex dan l-ewwel *Study Group* tal-UEFA kien suċċess kbir.

## It-Tabib David Attard jattendi workshop tal-UEFA għat-tobba fid-dixxiplina tal-futbol

*Fi Vjenna, fl-Awstrija, il-UEFA organizzat l-ewwel workshop msejjaħ Football Doctor Education Programme, bl-MFA tkun irrappreżentata mit-tabib David Attard. Din kienet okkażjoni għat-tobba li jaħdmu fil-qasam tal-futbol biex jaqsmu bejniethom l-aħjar prattiċi tax-xogħol f'dan is-settur.*

Dr. Michel D'Hooghe, Chairman tal-Kumitat Mediku tal-UEFA, fid-diskors tal-ftuħ semma l-bidliet li seħħew fis-settur tal-mediċina fil-logħba. Huwa qal, "għadna wisq marbutin ma' dixxiplina lokomotorja bħat-traumaoloġija, l-ortopedija, il-fiżjoterapija u kif ukoll il-fiżjoloġija, il-psikoloġija u s-settur farmaċewtiku tal-mediċina. Miżjud ma' dan hemm l-elementi nutrittivi u tal-iġene u bis-saħħa tal-evoluzzjoni globali fil-futbol qed inqarrbu lejn setturi ġodda bħal ma huma l-addattament tal-*jetlag*, id-differenza fl-altitudni u f'kundizzjonijiet tat-temp estremi."

"Normalment meta torganizza workshop bħal dan, dan m'għandux jintemm meta jispiċċa u kulħadd jirritorna d-dar", qal il-konsulent edukattiv tal-UEFA, Andre Boder. L-ambizzjoni għandha tkun dik li r-rappreżentanti mediċi tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali jingħataw l-informazzjoni meħtieġa biex ikollhom għarfien komuni u dan jgħadduh lill-istaff mediku u lit-tobba tal-klabbs f'pajjiżhom.

Biex ixerred it-tagħrif kemm jista' jkun malajr, il-UEFA tipprovdi tliet għodod edukattivi ... manwal b'tagħrif tekniku, delegati mħarrġin permezz ta' korsijiet li qegħdin hemm biex jagħtu pariri lill-assoċjazzjonijiet membri u pjattaforma estensiva *online* f'forma ta' *e-learning*.

Matul il-ġimgħat li ġejjien l-MFA mistennija tinvesti f'apparat mediku ġdid biex issaħħaħ il-funzjoni tagħha fil-kamp mediku, kemm għall-plejers fil-pitch u kif ukoll għall-pubbliku f'każijiet ta' emerġenza.




# JIĠI FI TMIEMU L-FESTIVAL GĦALL-ISKEJJEL PRIMARJI

*Il-Malta Football Association, permezz tal-kowċis Pierre Brincat u Mark Gatt, flimkien mal-amministraturi Maria Mifsud, Alfred Zammit u Dorita Agius, organizzaw ġurnata oħra ta' divertiment għall-Iskejjel Primarji tal-bniet biex iħajru aktar tfajliet jersqu lejn il-logħba tal-futbol.*

B'kollox ħadu sehem total ta' ħames skejjel, fosthom St. Joan Antide, Chiswick High School, St. Martin's College, San Anton School u l-Fgura Primary School. F'Novembru, fl-iskola San Anton kienet organizzata l-ewwel ġurnata minn sensiela ta' attivitajiet, biex f'Jannar, fil-Kulleġġ St. Martin, saret it-tieni ġurnata. Matul l-ewwel żewġ laqgħat ħadu sehem l-iskejjel ta' St Catherine's High School, San Andrea School u Theresa Nuzzo School. L-aħħar ġurnata kienet organizzata matul dan ix-xahar u din ġabet fi tmiemu l-*festival* li b'kollox attira total ta' 120 tifla.

Dawn il-*festivals* li saru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Malti għall-iSport servew bħala opportunita' eċċellenti għall-kowċis nazzjonali biex isegwu mill-qrib lil dawk it-tfajliet promettenti u ħeġġewhom biex jingħaqdu fid-diversi nurseries tal-futbol femminili li jeżistu kemm f'Malta u kif ukoll f'Għawdex. Dan minbarra l-impenn li aktar tfal ikomplu jitħarrġu fil-ħiliet bażiċi tagħhom u biex tkompli titkattar il-kultura sportiva.

Matul l-aħħar ġimgħat l-MFA nidiet il-kampanja **Get into Football**, immirata biex aktar tfajliet jibdew jilgħabu l-futbol, kampanja li qiegħda tħalli l-frott mixtieq.


Pierre Brincat jindirizza t-tfajliet parteċipanti

# Il-UEFA tagħżel referee Malti




## għall-Finali tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt is-17-il sena

**Il-UEFA ħatret lir-referee Malti tal-FIFA, Alan Mario Sant, biex ikun fil-grupp tar-referees li kkontrollaw il-logħbiet mill-fażi finali tal-Kampjonat ta' Taħt is-17-il sena li sar fis-Slovenja, bejn l-4 u s-16 ta' Mejju. Fil-bidu ta' dan ix-xahar, Alan Mario Sant kellu jgħaddi minn eżami rigoruż msejjaħ FIFA Fitness Test, biex eventwalment seta' jikkwalifika għal dan it-tournament.**

Dan hu tournament prestiġjuż u l-aħħar darba li l-MFA kienet irrappreżentata minn *referee* f'dan it-tournament, kien proprju 12-il sena ilu. Ir-*referee* Malti kien l-uniku wieħed li ntgħażel mill-Kategorija tal-UEFA 3, fejn b'kollox hemm total ta' 104 uffiċjali.

Għal dan it-tournament, il-UEFA għażlet sitt *referees* u tmien *assistant referees* u żewġ *fourth officials*. Il-logħbiet tal-gruppi ntlagħbu fl-ibliet ta' Ljubljana, Domzale, Maribor u Lendava. Il-final ntlagħbet fis-16 ta' Mejju.

Fost il-finalisti kien hemnm tliet eks rebbieħa tal-kompetizzjoni, jiġifieri l-Olanda fl-2011, il-Ġermanja fl-2009 u Franza fl-2004. Il-Polonja kienet magħduda mal-lista tar-rebbieħa għaliex, fl-1993, kienu rebħu t-*tournament* Under 16, liema avveniment m'għadux jiġi organizzat. It-timijiet l-oħra li ħadu sehem kienu Islanda, Georgia, Slovenja u Belġju.



# Eku mill-passat...
# Italja vs Malta snin 90



**Eks plejers tat-tim nazzjonali Malti tas-snin 80 u 90, bħalissa qegħdin jiltaqgħu biex jitħarrġu taħt id-direzzjoni tal-eks kowċ nazzjonali Pippo Psaila, li bejn il-15 u s-17 ta' Ġunju, se jilagħbu kontra t-tim nazzjonali Taljan tal-istess era, li huwa kompost minn ħafna eks plejers popolari fix-xena tal-futbol.**



Il-logħba se tintlagħab, f'Modica, fi Sqallija u ż-żewġ timijiet se jissieltu għat-Tazza Averna, bid-dħul kollu minn din il-logħba se jmur għall-benefiċċjenza favur l-Associazione Bambini del Mondo. Il-logħba se tingħata pubbliċità mill-istampa Taljana u kif ukoll minn dik Maltija.



Il-kontinġent Malti qiegħed jipprepara bis-sħiħ għal din il-logħba, tant li f'dawn l-aħħar ġimgħat il-preparazzjoni intensifikat, bis-sessjonijiet ta' taħriġ ikunu aktar spissi. Fost l-eks plejers Maltin hemm Reggie Cini, Ernest Barry, Joe Galea, Martin Gregory, Joe Brincat, Raymond Vella, Silvio Vella, Michael Degiorgio, Nicky Saliba, Joe Camilleri, Jonathan Magri Overand, Joseph Sant Fournier, Edwin Camilleri, Stefan Sultana u oħrajn. Għal bosta plejers Maltin din se tkun laqgħa emozzjonanti ħafna minħabba l-fatt li dawn il-plejers qegħdin jiltaqgħu flimkien fuq *pitch* tal-futbol u fid-*dressing room* wara ħafna snin.
Min-naħa tat-Taljani hemm bosta ismijiet magħrufa bħal Baresi, Gentile, Zola, Schillaci, Evani, Eranio, Signori, Tacconi, Apolloni, Pagliuca, Rizzitelli, Altobelli, Ferri, Bergomi, Vierchowood, Cabrini, Collovati, Crippa, Massaro, Berti, Tardelli, Ravanelli, Di Livio, Graziani, Ganz, Fuser u oħrajn.



Fatt kurjuż u nteressanti huwa dak li t-timijiet nazzjonali attwali ta' Malta u l-Italja, fi żmien ftit xhur, se jilagħbu kontra xulxin f'logħbiet ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja. F'Settembru li ġej jilagħbu fl-Italja u, f'Marzu 2013, jilagħbu fl-iStadium Nazzjonali f'Ta' Qali.

# Celebrating a Decade of

# Thinking Outside the Stocks.

What began with the first in-house MT4 bridge has developed into a multifaceted suite of innovative technologies that empower you to make the most of any trading environment.

FXDD

Your Money, Empowered.

HIGH RISK WARNING: Foreign exchange trading carries a high level of risk that may not be suitable for all investors. Leverage creates additional risk and loss exposure. Before you decide to trade foreign exchange, carefully consider your investment objectives, experience level, and risk tolerance. You could lose some or all of your initial investment; do not invest money that you cannot afford to lose. Educate yourself on the risks associated with foreign exchange trading, and seek advice from an independent financial or tax advisor if you have any questions.

Licensing statement FXDD Europe: FXDD Malta Limited is licensed to provide investment services by the Malta Financial Services Authority. Registered office: K2, 1st Floor, Forni Complex, Valletta Waterfront, Floriana FRN 1913, Malta.

ADVISORY WARNING: FXDD provides references and links to selected blogs and other sources of economic and market information as an educational service to its clients and prospects and does not endorse the opinions or recommendations of the blogs or other sources of information. Clients and prospects are advised to carefully consider the opinions and analysis offered in the blogs or other information sources in the context of the client or prospect's individual analysis and decision making. None of the blogs or other sources of information is to be considered as constituting a track record. Past performance is no guarantee of future results and FXDD specifically advises clients and prospects to carefully review all claims and representations made by advisors, bloggers, money managers and system vendors before investing any funds or opening an account with any Forex dealer. Any news, opinions, research, data, or other information contained within this website is provided as general market commentary and does not constitute investment or trading advice. FXDD expressly disclaims any liability for any lost principal or profits without limitation which may arise directly or indirectly from the use of or reliance on such information. As with all such advisory services, past results are never a guarantee of future results.




# VALLETTA champions għal 21 darba

## Valletta jirbħu l-Kampjonat għat-tieni sena konsekuttiva - ikomplu jiddominaw ix-xena lokali ...

**Valletta rebħu t-tieni Kampjonat konsekuttiv u l-21 titlu fl-istorja tal-klabb hekk kif taħt it-tmexxija tal-kowċ, Jesmond Zerafa (assistit minn Nardu Farrugia), iddominaw ix-xena tal-futbol għal dawn l-aħħar sentejn ... hekk kif ir-rekord jitkellem waħdu ... minn 60 partita, il-Lilywhites rebħu 43, 15 il draw u tilfu tnejn biss ... li nċidentalment waslu kontra Hibernians li kienu l-isfidanti ewlenin dan l-istaġun.**

Huma kellhom skwadra kbira u armati f'kull dipartiment bi plejers li jippossjiedu talenti straordinarji. Matul dan l-istaġun ġew utilizzati 28 plejer, f'rotazzjoni, bil-konsegwenza li ħafna minnhom kellhom jikkuntentaw fuq il-bank tas-sostituti.

Iżda kull element kien importanti minħabba li l-Kampjonat huwa maratona u għaldaqstant kulħadd ta sehmu biex tinżamm il-konsistenza. Biżżejjed wieħed jgħid li Valletta kienu l-aktar tim li skorja (75) u l-inqas li sofra gowls (24).

Wieħed ma jistax ma jsemmix lill-attakkant Niġerjan ta' Mosta, Obinna Obiefule, li kiser ir-rekord tal-aqwa skorer ta' kull żmien meta skorja 34 gowl (li 10 minnhom irreġistrahom fl-ewwel parti tal-istaġun ma' Marsalokk). Ir-rekord kien għand l-attakkant Serb Danilo Doncic li fl-istaġuni 1996/97 (ma' Valletta) u 2001/02 (ma' Sliema Wanderers) skorja 32 gowl rispettivament.

Hibernians, Birkirkara u Floriana, li spiċċaw b'mod rispettiv wara Valletta, ikkwalifikaw biex jilagħbu fir-rawnd preliminari tal-UEFA Europa League.

Iż-żewġ timijiet li sfaw relegati kienu Marsaxlokk u Mqabba li posthom se jimtela minn Melita u Rabat Ajax. Filwaqt li r-Rabtin se jirritornaw mal-kbar wara nuqqas ta' 12-il sena, l-aħħar darba li Melita kienu fl-ogħla diviżjoni kien fl-istaġun 1963/64.

Min-naħa l-oħra, nawguraw ritorna ta' malajr lil Marsaxlokk u Mqabba fil-Kampjonat Premier.

## Relegation Pool

**Logħba Nru 175 - 27.04.2012 - 18.00 hrs**

**Tarxien Rainbows 2**
L. De Castro 6, M. Tanti 85

**Mosta 1**
O. Obiefule 30 pen

HT 1-1 **Hibernians Stadium**

**Tarxien R.** – Nicky Vella, Steven Sadowski, Carlo Mamo, Manuel Caruana (Julian Vella 82), Adrian Carabott (Karl Pulo 77), Ricardo Costa (Jimmy Mayasi 42), Mark Tanti, Daniel Mariano Bueno, Luiz Romulo De Castro, Orosco Anonam, Clive Fenech
*Coach* – Patrick Curmi
**Mosta** – Jonathan Debono, Adrian Borg, Alex Cini, Federico Tisbi, Yannick Ossok, Florent Raimy, Jonathan Bajada, Dyson Falzon (Firas Aboulezz 68), Gilbert Martin, Obinna Obiefule, Ian Zammit
*Coach* – Steve D'Amato
Referee – Alan Mario Sant
Assistenti – Edward Spiteri, Alex Grech
Raba' Uff. – Malcolm Spiteri
Ammoniti – D. Bueno, L. De Castro, J. Mayasi, C. Mamo (TR), D. Falzon (M)

## Championship Pool

**Logħba Nru 176 - 27.04.2012 - 20.00 hrs**

**Balzan Youths 0**

**Floriana 3**
C. Caruana 63, T. Farrugia 87, R. Darmanin 89

HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Balzan Y.** – Matthew Camilleri, Jonathan Francica, Bledjon Guga, Yessous Camilleri, Rennie Forace, Nikola Tasic, Martin Deanov, Glenn Bonello (Nicholas Zammit 81), Jamie Pace (Michael Borg 88), Bjorn Bondin, Roderick Farrugia (Miguel Ciantar 73)
*Coach* – Joe Borg
**Floriana** – Patrick Jansen, Thomas Paris, Mano Micallef, Eric Akoto, Owen Bugeja, Pablo Doffo, Tyrone Farrugia, Ivan Woods (Ryan Darmanin 83), John Mintoff, Christian Caruana (Brooke Farrugia 89), Onome Sodje
*Coach* – Joe Brincat
Referee – Chris Lautier
Assistenti – Chris Francalanza, Sammy Attard
Raba' Uff. – Fyodor Zammit
Ammoniti – J. Mintoff (F)

## Relegation Pool

**Logħba Nru 177 - 28.04.2012 - 15.00 hrs**

**Qormi 6**
A. Bello-Osagie 45, 50 pen, J. Pereira Da Silva 65, M. Bartolo 68, L. Sciberras 88, R. Sammut 93 pen

**Hamrun Spartans 0**

HT 1-0 **National Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia, Roderick Sammut, Matthew Bartolo, Joseph Chetcuti, Joseph Farrugia, Jonathan Bondin, Jorge Da Silva Pereira, Kris Thackray, Triston Caruana, Abubakar Bello Osagie, Vincent Kouadio Adiumani (Carmelo Farrugia 82)
*Coach* – Stephen Azzopardi
**Hamrun S.** – Omar Borg, Gianluca Calabretta, David Camilleri, Matthew Gauci (Massimo Grima 71), Ronni Hartvig, Steve Bonnici, Daniel Zerafa, Lee James Agius (Rupert Mangion 60), Kevin Sammut, Anderson Mendes Ribeiro, Gaetan Spiteri (Ryan Spiteri 61)
*Coach* – Stefan Sultana
Referee – Malcolm Spiteri
Assistenti – Sammy Attard, Alex Grech
Raba' Uff. – Paul Caruana
Ammoniti – K. Thackray, J Chetcuti (Q); L. J. Agius, R. Hartvig (HS)

## Championship Pool

**Logħba Nru 178 - 28.04.2012 - 17.00 hrs**

**Birkirkara 2**
H. Shola Shodiya 41, R. Camenzuli 85

**Hibernians 0**

HT 1-0 **National Stadium**

**Birkirkara** – Reuben Gauci, Ryan Scicluna, Nikola Vukanac, Joseph Zerafa, Ryan Camilleri, Rowen Muscat, Gareth Sciberras, Shaun Bajada, Angus Buhagiar, Moises Avila Perez (Michael Camilleri 76), Hauna Shola Shodiya (Jean Pierre Mifsud Triganza 83)
*Coach* – Paul Zammit
**Hibernians** – Mario Muscat, Jonathan Pearson (Peter Anizoba 79), Jason Vandelannoite (Marcelo Dias 44), Rodolfo Soares, Ryan Camilleri, Bjorn Kristensen (Johann Bezzina 81), Andrew Cohen, Jackson Lima Sequeira, Edward Herrera, Clayton Failla, Edison Luis Dos Santos
*Coach* – Mark Miller
Referee – Mario Apap
Assistenti – William Debattista, Joe Camilleri
Raba' Uff. – Marco Borg
Ammoniti – A. Buhagiar, H. Shola Shodiya, S. Bajada (B); C. Failla (H)
Tkeċċa – R. Muscat 35, N. Vukanac 65 (B)

## Relegation Pool

**Logħba Nru 179 - 29.04.2012 - 15.00 hrs**

**Marsaxlokk 0**

**Mqabba 4**
B. Mamic 27, 90, Thiago Dos Santos Mazitelli 29, 85

HT 0-2 **National Stadium**

**Marsaxlokk** – Christian Cassar, Jonathan Xerri, Patrick Borg, Paul Paris, Modesto Valeriani (Sacha Borg 64), Luke Agius, Darren Attard, Sunday Eboh (Darrell Grech 83), Gary Caruana, Peter Taiye Oladotun (Craig Debattista 76), Alex Cesar Pedroso
*Coach* – Anton Cremona
**Mqabba** – Kris Calleja, Pierre Grima, Marko Potezika, Julian Briffa (David Azzopardi 68), Branislav Timotic, Thiago Dos Santos Mazitelli, Claudio Calleja (Rene Duca 49), Mauro Bonnici (Mark Anthony Psaila 86), David Fenech, Ryan Sammut, Bojan Mamic
*Coach* – Clive Mizzi
Referee – Kevin Azzopardi
Assistenti – William Debattista, Thomas Debono
Raba' Uff. – Andrea Arciola
Ammoniti – C. Calleja (Mq); G. Caruana (Mx)

## Championship Pool

**Logħba Nru 180 - 29.04.2012 - 17.00 hrs**

**Valletta 3**
D. Dos Santos 43, M. Mifsud 44, O. Zongo 54

**Sliema W. 0**

HT 2-0 **National Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Jonathan Caruana, Steve Borg, Saidou Mady Panandetigiuri, Ian Azzopardi, Roderick Briffa, Edmond Agius (Roderick Bajada 73), Ousseni Zongo, Denni Rocha dos Santos (Terence Scerri 70), William Barbosa (Gilbert Agius 60), Michael Mifsud
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Sliema W.** – Anthony Curmi, Ryan Fenech, Josef Mifsud, Ryan Grech (Andrew Caligari 77), Mark Scerri, Steve Bezzina (Zach Micallef 90), Clifford Gatt Baldacchino, Trevor Cilia, Alex Muscat, Cleaven Frendo (Dejan Vukovic 87), Beppe Muscat
*Coach* – Danilo Doncic
Referee – Paul Caruana
Assistenti – Chris Francalanza, Paul Apap
Raba' Uff. – Chris Lautier
Ammoniti – M. Scerri (SW)

## Relegation Pool

**Logħba Nru 181 - 04.05.2012 - 18.00 hrs**

**Mosta 5**
O. Obiefule 20, 47, 49, 53, I. Zammit 75

**Marsaxlokk 0**

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Mosta** – Jonathan Debono, Bryan Agius, Jonathan Bajada, Firas Aboulezz (Sheldon Grech 74), Alex Cini, Kane Farrugia (Luca Martinelli 69), Yannick Dieudonne Ossok, Federico Tisbi, Ian Zammit, Florent Raimy, Obinna Obiefule (Pio Vassallo 80)
*Coach* – Steve D'Amato
**Marsaxlokk** – Christian Cassar, Patrick Borg (Craig Debattista 82), Jermain Brincat (Jonathan Xerri 68), Jean Paul Farrugia, Clive Brincat, Darrell Grech, Trevor Templeman, Alex Cesar Pedrozo (Sacha Borg 53), Sunday Eboh, Modesto Valeriani, Darren Attard
*Coach* – Anton Cremona
Referee – Paul Caruana
Assistenti – Ingmar Spiteri, Mariano Debono
Raba' Uff. – Glenn Tonna
Ammoniti – B. Agius (Ms); S. Eboh (Mx)

## Relegation Pool

**Logħba Nru 182 - 04.05.2012 - 20.00 hrs**

**Mqabba 0**

**Qormi 1**
J. Pereira Da Silva 74

HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Mqabba** – Kris Calleja, Julian Briffa (Rene Duca 76), Claudio Calleja (Franklin Azzopardi 64), David Fenech, Pierre Grima, Bojan Mamic, Thiago Dos Santos Mazitelli, Marko Potezika, Ryan Sammut, Branislav Timotic, Mauro Bonnici
*Coach* – Clive Mizzi
**Qormi** – Matthew Farrugia, Matthew Bartolo, Abubakar Bello Osagie (Luke Sciberras 90), Jonathan Bondin, Triston Caruana, Joseph Checuti, Jorge Da Silva Pereira, Joseph Farrugia, Roderick Sammut, Vincent Kouadio Adioumani, Kris Thackray
*Coach* – Stephen Azzopardi
Referee – Marco Borg
Assistenti – Chris Francalanza, Paul Apap
Raba' Uff. – Fyodor Zammit
Ammoniti – J. Briffa, P. Grima, F. Azzopardi, R. Sammut (M)
Tkeċċa – K. Calleja 64 (M)

## Relegation Pool

**Logħba Nru 183 - 05.05.2012 - 16.00 hrs**

**Hamrun Spartans 0**

**Tarxien Rainbows 3**
J. Mayasi 48, A. Carabott 88, 90

HT 0-0 **National Stadium**

**Hamrun S.** – Andrea Cassar, Glenn Azzopardi, Steve Bonnici, Gianluca Calabretta (Ryan Spiteri 66), Roderick Fenech, Matthew Gauci, Luke Grech, Massimo Grima, Anderson Mendes Ribeiro, Daniel Zerafa (Rupert Mangion 56), Kevin Sammut (Ayrton Micallef 59)
*Coach* – Stefan Sultana
**Tarxien R.** – Nicholas Vella, Carlo Mamo, Orosco Anonam, Adrian Carabott, Manuel Caruana (Clive Fenech 85), Justin Grioli, Daniel Mariano Bueno, Everton Antonio Pereira, Karl Pulo (Mark Tanti 69), Jimmy Nzinga Mayasi, Luis Rumolo De Castro
*Coach* – Patrick Curmi
Referee – Clayton Pisani
Assistenti – Chris Francalanza, William Debattista
Raba' Uff. – Mario Apap
Ammoniti – J. Grioli (TR)

## Championship Pool

**Logħba Nru 184 - 05.05.2012 - 18.00 hrs**

**Floriana 0**

**Valletta 1**
E. Agius 38

HT 0-1 **National Stadium**

**Floriana** – Patrick Jansen, Manolito Micallef, Thomas Paris, Owen Bugeja, Eric Akoto (Brooke Farrugia 78), Ivan Woods (John Mintoff 80), Tyrone Farrugia, Pablo Doffo, Clyde Borg, Onome Sodje, Christian Caruana (Duncan Pisani 73)
*Coach* – Joe Brincat
**Valletta** – Andrew Hogg, Jonathan Caruana, Steve Borg, Gilbert Agius (Terence Scerri 75), Ian Azzopardi, Roderick Briffa, Edmond Agius, Oussain Zongo (Alfred Ffiong 88), Denni Rocha Dos Santos (Saidou Mady Panandetiguiri 83), William Barbosa, Michael Mifsud
*Coach* – Jesmond Zerafa
Referee – Fyodor Zammit
Assistenti – Joe Camilleri, Alex Grech
Raba' Uff. – Chris Lautier
Ammonit – T. Paris (F)

## Championship Pool

**Logħba Nru 185 - 06.05.2012 - 15.00 hrs**

**Hibernians 3**
J. Vandelannoite 48, R. Soares 55, A. Cohen 72

**Balzan Youths 0**

HT 0-0 **National Stadium**

**Hibernians** – Mario Muscat, Jonathan Pearson (Ayrton Azzopardi 59), Rodolfo Soares, Clayton Failla, Jason Vadelannoite, Bjorn Kristensen (Edison Luis Dos Santos 76), Jackson Lima Sequeira (Brandon Muscat 61), Edward Herrera, Andrew Cohen, Marcelo Dias, Ryan Camilleri
*Coach* – Mark Miller
**Balzan Y.** – Matthew Camilleri, Roderick Farrugia, Yessous Camilleri, Rennie Forace, Nikola Tasic, Bledjon Guga, Jamie Pace, Bjorn Bondin (Nicholas Zammit 78) Miguel Ciantar (Michael Borg 68), Glenn Bonello (Lydon Micallef 54), Martin Deanov
*Coach* – Joe Borg
Referee – Glenn Tonna
Assistenti – Edward Spiteri, Chris Francalanza
Raba' Uff. – Kevin Azzopardi
Ammoniti – B. Guga, J. Bondin (BY); B. Kristensen (H)
Tkeċċa – J. Pace 57 (BY)

## Championship Pool

**Logħba Nru 186 - 06.05.2012 - 17.00 hrs**

**Sliema Wanderers 1**
T. Cilia 25

**Birkirkara 4**
M. Avila Perez 14, A. Tabone 18, 50, J. P. Mifsud Triganza 62

HT 1-2 **National Stadium**

**Sliema W.** – Anthony Curmi, Alex Muscat, Ryan Fenech, Nikola Bogdanovic, Josef Mifsud, Mark Scerri (Ryan Grech 51), Danial Mitev, Clifford Gatt Baldacchino, Trevor Cilia (Cleavon Frendo 68), Andrew Caligari (Steve Bezzina 65), Beppe Muscat
*Coach* – Danilo Doncic
**Birkirkara** – Reuben Gauci, Ryan Camenzuli, Joseph Zerafa, Jean Pierre Mifsud Triganza (Michael Camilleri 75), Gareth Sciberras, Fabian Zammit, Harun Shola Shodiya, Paul Fenech, Ryan Scicluna, Alan Tabone (Ian Schembri 85), Moises Avila Perez (Jorge Santos Silva 65)
*Coach* – Paul Zammit
Referee – Adrian Azzopardi
Assistenti – Duncan Sultana, Roberto Vella
Raba' Uff. – Trustin Farrugia Cann
Ammoniti – F. Zammit, M. Avila Perez, J. Zerafa (B); N. Bogdanovic, J. Mifsud (SW)



### KIF SPIĊĊAW

**Championship Pool**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Valletta | 32 | 25 | 5 | 2 | 75 | 24 | 53 |
| Hibernians | 32 | 22 | 6 | 4 | 74 | 26 | 47 |
| Birkirkara | 32 | 17 | 4 | 11 | 55 | 37 | 38 |
| Floriana | 32 | 16 | 6 | 10 | 47 | 35 | 33 |
| Sliema W. | 32 | 9 | 14 | 9 | 47 | 47 | 24 |
| Balzan Y. | 32 | 9 | 6 | 17 | 36 | 67 | 18 |



**Relegation Pool**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Qormi | 32 | 15 | 2 | 15 | 54 | 48 | 33 |
| Mosta | 32 | 10 | 8 | 14 | 45 | 47 | 27 |
| Tarxien R. | 32 | 11 | 3 | 18 | 45 | 54 | 27 |
| Hamrun S. | 32 | 9 | 7 | 16 | 47 | 71 | 25 |
| Mqabba | 32 | 9 | 7 | 16 | 40 | 55 | 24 |
| Marsaxlokk | 32 | 5 | 2 | 25 | 34 | 88 | 8 |

*- Balzan Y. ingħataw rebħa ta' 2-0 wara li rebħu protest fuq Hamrun S.*
*- Tarxien R. ingħataw rebħa ta' 2-0 wara li rebħu protest fuq Marsaxlokk*
*- Marsaxlokk b'4 punti mnaqqsa*














ritratti: ray attard

## Relegation Pool

Logħba Nru 187 - 10.05.2012 - 19.00 hrs

**Tarxien Rainbows** 2
D. M. Bueno 52, W. Zerafa 86

**Marsaxlokk** 4
A. C. Pedrozo 8, 22, J. P. Farrugia 18, 25

HT 0-3 **Centenary Stadium**

**Tarxien R.** – Nicky Vella, Steve Sadowski, Manuel Caruana, Adrian Carabott (Warren Zerafa 84), Clive Fenech, Jimmy Nzinga Mayasi (Carlo Mamo 64), Karl Pulo, Daniel Mariano Bueno, Luiz Romulo de Castro, Lee Galea (Justin Grioli 31), Everton Antonio Pereira

*Coach* – Patrick Curmi

**Marsaxlokk** – Christian Cassar, Clive Brincat, Patrick Borg, Jonathan Xerri, Darrell Grech (Craig Debattista 69), Trevor Templeman, Gary Caruana (Dylan Attard 62), Sunday Eboh, Jean Paul Farrugia, Modesto Valeriani, Alex Cesar Pedrozo (Darren Attard 75)

*Coach* – Anton Cremona

Referee – Glenn Tonna

Assistenti – Thomas Debono, Alex Grech

Raba' Uff. – Marco Borg

Ammoniti – D. Grech, P. Borg (M); D. M. Bueno, J. Grioli (TR)

## Championship Pool

Logħba Nru 188 - 11.05.2012 - 18.00 hrs

**Floriana** 1
R. Darmanin 33

**Sliema Wanderers** 4
E. Lattes 3, D. Mitev 40, 48, A. Muscat 56

HT 1-2 **National Stadium**

**Floriana** – Patrick Jansen, Duncan Pisani, Mano Micallef, Eric Akoto (Francesco Gusman 51), Brooke Farrugia, Pablo Doffo, Joseph Borg (Andre Grabowski 51), Tyrone Farrugia, Clyde Borg, Ryan Darmanin, Onome Sodje (Alandson Da Silva 72)

*Coach* – Joe Brincat

**Sliema W.** – Henry Bonello (Keane Cutajar 87), Alex Muscat, Josef Mifsud, Daniel Mitev, Steve Bezzina, Clifford Gatt Baldacchino, Trevor Cilia (Andrew Caligari 12), Ryan Fenech (Paolo Dandolo 77), Emiliano Lattes, Cleaven Frendo, Beppe Muscat

*Coach* – Danilo Doncic

Referee – Mario Apap

Assistenti – Thomas Debono, Roberto Vella

Raba' Uff. – Adrian Azzopardi

Ammoniti – R. Fenech (SW)

## Championship Pool

Logħba Nru 189 - 11.05.2012 - 18.00 hrs

**Birkirkara** 3
J. Santos Silva 25, 35, S. Shodiya Haruna 61 pen

**Balzan Youths** 0

HT 2-0 **Hibernians Stadium**

**Birkirkara** – Karl Magri, Ryan Scicluna, Nikola Vukanac, Joseph Zerafa (Ryan Camenzuli 61), Shaun Bajada (Michael Camilleri 76), Gareth Sciberras, Paul Fenech (Fabian Zammit 57), Rodrigo Pereira, Jorge Santos Silva, Angus Buhagiar, Shola Shodiya Haruna

*Coach* – Paul Zammit

**Balzan Y.** – Frederick Tabone, Renie Forace, Bledjon Guga, Nikola Tasic, Yessous Camilleri, Roderick Farrugia, Bjorn Bondin (Nicholas Zammit 58), Miguel Ciantar (Michael Borg 55), Glenn Bonello, Pedro dos Santos Calcado, Martin Deanov

*Coach* – Joe Borg

Referee – Paul Caruana

Assistenti – Alan Camilleri, Joe Camilleri

Raba' Uff. – Fyodor Zammit

Ammoniti – S. Bajada, P. Fenech, M. Camilleri (B), B. Bondin, P. Dos Santos Calcado, B. Guga (BY)

Tkeċċa – A. Buhagiar 45 (B)

## Relegation Pool

Logħba Nru 190 - 11.05.2012 - 20.00 hrs

**Qormi** 1
J. Chetcuti 72

**Mosta** 4
O. Obiefule 17, 24, 70, F. Raimy 37

HT 0-2 **National Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia (Steve Sultana 46), Carmelo Farrugia, Matthew Bartolo, George Chircop, Jeremy Farrugia, Joseph Chetcuti, Ranier Buhagiar, Kenneth Scicluna, Alessio Cassar, Stephen Wellman, Abubakar Bello-Osagie (Christian Briffa 60)

*Coach* – Stephen Azzopardi

**Mosta** – Jonathan Debono, Kane Farrugia (Adrian Borg 64), Bryan Agius (Luca Martinelli 80), Federico Tisbi, Yannick Ossok, Florent Raimy, Gilbert Martin, Firas Aboulezz, Ian Zammit, Obinna Obiefule (Predrag Mirceta 80), Dyson Falzon

*Coach* – Steve D'Amato

Referee – Trustin Farrugia Cann

Assistenti – Ingmar Spiteri, Edward Spiteri

Raba' Uff. – Chris Lautier

Ammoniti – Hadd

## Relegation Pool

Logħba Nru 191 - 11.05.2012 - 20.00 hrs

**Mqabba** 4
B. Mamic 15, 32, D. Fenech 81, M. Potezika 90

**Hamrun Spartans** 1
D. Camilleri 45 pen

HT 2-1 **Hibernians Stadium**

**Mqabba** – Franklin Azzopardi, Mauro Bonnici, Claudio Calleja, Branislav Timotic, John Paul Muscat (Omar Farrugia 83), Renè Duca (Julian Briffa 76), Marco Potezika, David Azzopardi, Bojan Mamic, Thiago do Santos Mazitelli (Ryan Schembri 89), David Fenech

*Coach* – Clive Mizzi

**Hamrun S.** – Andrea Cassar, Roderick Fenech, Ronnie Hartvig, Steve Bonnici, Matthew Gauci (Diego Cucciardi 83), Gianluca Calabretta, David Camilleri, Lee James Agius (Ayrton Micallef 78), Kevin Sammut, Gaetan Spiteri, Anderson Mendes Ribeiro

*Coach* – Stefan Sultana

Referee – Andrè Arciola

Assistenti – William Debattista, Mariano Debono

Raba' Uff. – Kevin Azzopardi

Ammoniti – R. Duca (M); G. Calabretta, R. Hartvig (HS)

## Championship Pool

Logħba Nru 192 - 12.05.2012 - 16.00 hrs

**Hibernians** 2
C. Failla 11 pen, B. Kristensen 75

**Valletta** 1
M. Mifsud 19

HT 1-1 **National Stadium**

**Hibernians** – Mario Muscat, Ryan Camilleri (Steve Pisani 83), Jonathan Pearson, Rodolfo Soares, Clayton Failla, Jason Vandelannoite, Bjorn Kristensen, Jackson Lima Sequeira, Edward Herrera, Andrew Cohen, Marcelo Dias (Edison Luis Dos Santos 24)

*Coach* – Mark Miller

**Valletta** – Andrew Hogg, Jonathan Caruana, Steve Borg, Gibert Agius (Terence Scerri 66), Ian Azzopardi, Roderick Briffa, Edmond Agius, Denni Rocha Dos Santos, William Barbosa, Michael Mifsud, Saidou Mady Panandetiguiri (Alfred Effiong 76)

*Coach* – Jesmond Zerafa

Referee – Malcolm Spiteri

Assistenti – Konrad Borg, Chris Francalanza

Raba' Uff. – Clayton Pisani

Ammoniti – E. Luis Dos Santos 89 (H)

# L-iskorers kollha tal-Kampjonat Premier

**595 gowl - (150 skorer)**

**34** – Obinna Obiefule (Mosta 24+Marsaxlokk 10)

**22** – Edison Luis Dos Santos (Hibernians)

**18** – Jorge Pereira Dos Santos (Qormi)

**15** – Moises Avila Perez (Birkirkara); Anderson Mendes Ribeiro (Hamrun S.); Bojan Mamic (Mqabba)

**14** – Clayton Failla (Hibernians)

**13** – Pedro Dos Santos Calcado (Balzan Y.)

**12** – William Barbosa, Denni Rocha Dos Santos (Valletta)

**11** – Joseph Farrugia (Qormi); Daniel Marian Bueno (Tarxien R.)

**10** - Jorge Santos Silva (Birkirkara 7+Sliema W. 3); Danial Mitev (Sliema W.); Michael Mifsud, Ousseni Zongo (Valletta)

**9** – Massimo Grima (Hamrun S.); Andrew Cohen (Hibernians); Jackson Lima Sequeira (Hibernians 5+Sliema W. 4); Thiago Dos Santos Mazitelli (Mqabba); Abubakar Bello Osagie (Qormi); Ricardo Costa (Tarxien R.), Alfred Effiong (Valletta)

**8** – Dene Shields (Hamrun S)

**7** - Christian Caruana, Andrew Grabowski (Floriana); Emiliano Lattes (Sliema W. 5+Marsaxlokk 2)

**6** – Miguel Ciantar (Balzan Y.); Shola Haruna Shodiya (Birkirkara), Jean Pierre Mifsud Triganza (Birkirkara 4+Sliema W. 2); Ivan Woods (Floriana); Jean Paul Farrugia (Marsaxlokk); Ian Zammit (Mosta); Trevor Cilia (Sliema W. 2+Birkirkara 4); Adrian Carabott (Tarxien R.)

**5** – Kris Bright (Balzan Y.); Onome Sodje (Floriana); Kevin Sammut (Hamrun S.); John Nwoba (Mqabba)

**4** – Ryan Darmanin (Floriana); Edward Herrera, Marcelo Dias, Steve Pisani (Hibernians); Martin Deanov (Marsaxlokk); Gilbert Martin (Mosta); Triston Caruana (Qormi 2+Hibernians 2); Daniel Nwoke (Qormi); Roderick Bajada (Sliema W.); Karl Pulo (Tarxien R.); Gilbert Agius, Steve Borg, Roderick Briffa, Aleksandrs Cekulajevs (Valletta)

**3** – Jamie Pace (Balzan Y 1+Valletta 2); Rodrigo Pereira (Birkirkara); Manolito Micallef (Floriana); Gianluca Calabretta (Hamrun S.); Peter Anizoba, Rodolfo Soares (Hibernians); Alex Cesar Pedrozo, Trevor Templeman (Marsaxlokk); Michael Bertrand Mvondo (Mosta); Anicet Eyenga, Cleavon Frendo (Sliema W.); Jimmy Nayasi (Tarxien R.)

**2** – Rennie Forace, Dylan Grima (Balzan Y.); Shaun Bajada, Leighton Grech, Alan Tabone (Birkirkara); Joseph Borg, Christian Cassar, Tyrone Farrugia, John Mintoff (Floriana); Carlo Polli (Hamrun S.); Jason Vandelannoite (Hibernians); Gary Caruana (Marsaxlokk); Firas Aboulezz, Jonathan Bajada (Mosta); John Paul Muscat, Marko Potezica (Mqabba); Matthew Bartolo, Jonathan Bondin, Luke Sciberras (Qormi); Jeremiah Ani, Nikola Bogdanovic, Alex Muscat (Sliema W.); Orosoo Anonam, Luiz De Castro, Galvao Rodrigo (Tarxien R.); Edmon Agius (Valletta)

**1** – Yessous Camilleri, Luis Fagner Bernardes, Roderick Farrugia, Nikola Tasic (Balzan Y.); Angus Buhagiar, Ryan Camenzuli, Michael Camilleri, Paul Fenech, Rowen Muscat, Ryan Scicluna, Terence Vella, Nikola Vukanac, Joseph Zerafa (Birkirkara); Alandson Da Silva, Eric Akoto, Clyde Borg, Pablo Doffo, Malcolm Licari, Boris Odwong (Floriana): James Lee Agius, David Camilleri, Ronni Hartvig, Luis Fernando Silva, Carlos Toneto Porcari (Hamrun S.); Bjorn Kristensen, Carlos Compagnoli, Dylan Kokavessis, Peter Oladotun, Nemanja Stoskovic (Marsaxlokk); Arilson Da Silva, Adrian Borg, Kurt Magro, Florent Raimy (Mosta); David Azzopardi, Marlo Briffa, Mauro Bonnici, Claudio Calleja, David Fenech, Ryan Sammut, Branislav Timotic (Mqabba); Caio Garcia Suguino, Joseph Chetcuti, Roderick Sammut, Kris Thackray (Qormi); Steve Bezzina, Ryan Fenech, Rumen Galabov, Josef Mifsud, Mark Scerri (Sliema W.); Everton Antonio Pereira, Mark Tanti, Warren Zerafa (Tarxien R.); Jonathan Caruana, Terence Scerri (Valletta)

**Auto-goals** – (5) – Rodrigo Pereira (Birkirkara); Owen Bugeja (Floriana); David Camilleri (Hamrun S.); Pierre Grima (Mqabba); Rodrigo Galvao (Tarxien R.)


Share the passion and the emotions of the world's most beautiful game
U*BET®
play your game
UNDER 16
Available in over 200
MALTCO LOTTERIES outlets
around Malta & Gozo
Maltco LOTTERIES
MALTCO LOTTERIES Limited
Help Line Centre: 2388 3333
www.maltco.com




# Finali bejn Hibernians u Qormi

**Proprju għada tintlagħab il-final tal-U*Bet FA Trophy bejn Hibernians u Qormi fejn dawn tal-aħħar jimmiraw li jirbħu l-ewwel unur fl-ogħla livell tal-futbol Malti.**

Jekk wieħed iħares lejn kif il-Qriema rnexxielhom jegħlbu l-isfida taċ-champions Valletta, wieħed mill-ewwel jiġbed il-konklużjoni li huwa denji li jirbħu din il-kompetizzjoni.

Forsi fuq il-karta, Valletta kienu l-favoriti iżda t-tim immexxi mill-kowċ Stephen Azzopardi ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 4-3. Il-protagonista ta' din ir-rebħa kien l-attakkant Brażiljan, Jorge Pereira Da Silva, li skorja hat-trick ... b'gowl isbaħ mill-ieħor ... biex Valletta naqsu li jirbħu d-double li kien ilhom ma jagħmlu dan għal dawn l-aħħar 12-il sena.

Fis-semi-finali l-oħra, Hibernians għelbu lil Hamrun Spartans bl-iskor ta' 2-1 biex għad għandhom iċ-ċans li jpattu għal staġun diżappuntanti u jistgħu jagħlqu ċ-ċelebrazzjonijiet tad-90 avviversarju mit-twaqqif tal-klabb.

Il-Pawlisti fetħu vantaġġ ta' żewġ gowls iżda l-Ispartans daħlu tard wisq fil-logħba meta naqqsu l-marġni tal-iskor minn penalti skorjat minn Dene Shields fl-aħħar mumenti tal-partita.

Il-finali ta' għada għandha tiġbed attendenza kbira lejn l-Istadium Nazzjonali u aħna nawguraw li din il-partita tintlagħab fi spirtu sportiv biex l-istaġun jintemm fuq nota pożittiva.









## Semi-finali (1)

**20.05.2012 - 18.00 hrs**

**Qormi** 4
J. Farrugia 7, J. Periera Da Silva 45, 58, 88

**Valletta** 3
D. Rocha Dos Santos 8, 77 pen T. Scerri 33

HT 2-2 **National Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia, Rodrick Sammut, Matthew Bartolo, Joseph Chetcuti, JOseph Farrugia, Jonathan Bondin, Jorge Pereira Da Silva (Stephen Wellman 93), Kris Thackray, Triston Caruana, Abubakar Bello-Osagie (Luke Sciberras 90), Vincent Adioumani Kouadio (Kenneth Scicluna 81)
*Coach* – Stephen Azzopardi
**Valletta** – Andrew Hogg, Jonathan Caruana, Steve Borg, Ian Azzopardi, Terence Scerri, Roderick Briffa, Edmond Agius, Denni Rocha Dos Santos, William Barbosa (Alfred Effiong 65), Michael Mifsud, Oussain Zongo (Gilbert Agius 65)
*Coach* – Jesmond Zerafa
Referee – Trustin Farrugia Cann
Assistenti – Ingmar Spiteri, Alex Grech
Raba' Uff. – Chris Lautier
Ammoniti – M. Bartolo, R. Sammut, V. Adioumani Kouadio (Q), J. Caruana (V)

## Semi-finali (2)

**22.05.2012 - 19.30 hrs**

**Hibernians** 2
R. Soares 30, S. Pisani 73

**Hamrun Spartans** 1
D. Shields 82 pen

HT 1-0 **National Stadium**

**Hibernians** – Mario Muscat, Jonathan Pearson, Rodolfo Soares, Ryan Camilleri, Adrian Pulis (Marcelo Dias 62 (Peter Anizoba 82), Jason Vandelannoite, Jackson Lima, Edward Herrera, Bjorn Kristensen, Andrew Cohen, Steve Pisani (Johann Bezzina 86)
*Coach* – Richard Mercieca
**Hamrun G.** – Omar Borg, Roderick Fenech, Ronnie Hartvig, Steve Bonnici, Matthew Gauci, Massimo Grima, Daniel Zerafa (Gianluca Calabretta 65), Kevin Sammut, Gaetan Spiteri (Lee James Agius 75), Dene Shields, Anderson Ribeiro
*Coach* – Stefan Sultana
Referee – Fyodor Zammit
Assistenti – Edward Spiteri, Roberto Vella
Raba' Uff. – Marco Borg
Ammoniti – K. Sammut, G. Calabretta, G. Spiteri (HS), E. Herrera, J. Pearson, S. Pisani, R. Camilleri, P. Anizoba (H)

# Melita jirbħu l-partita diretta għar-rebħ tal-Kampjonat

## St. George's u St. Patrick relegati




**27.04.2012**
**St. George's v Lija A. ............1-2**
*Gary Inguanez (SG); Alan Abela o.g., Ige Abdullahi Adeshina (LA)*
**St. Patrick v Birżebbuġa SP..0-0**

**28.04.2012**
**Vittoriosa S. v B'buġa SP......5-1**
*Marcelo Pereira 2, Leighton Grech 2, Gary Muir (VS); Paul Camilleri (BSP)*

**Melita v Zejtun C. .................5-0**
*Luke Micallef, Manuel Ramon Sierra Camacho, Julian Galea, Kane Micallef, George Gribbon (M)*

**29.04.2012**
**Rabat A. v Naxxar L. .............0-2**
*Darren Falzon, Andrea Farrugia (NL)*

**Pieta H. v St. Andrew's .........2-0**
*Quilin Refalo 2 (PH)*

**04.05.2012**
**St. Andrew's v St. Patrick.....0-1**
*Spas Spasov (SP)*
**Birżebbuġa SP v Rabat A......0-2**
*Ryan Micallef, Adam Smeir (RA)*

**05.05.2012**
**Dingli S. v Vittoriosa S. ........1-3**
*Chris Azzopardi (DS); Marcelo Pereira Gary Muir, Luke Vella Critien (VS)*

**Naxxar L. v Melita.................2-2**
*Andrea Farrugia, Osy Lucky Agboegbina (NL); Julian Galea, George Gribbon (M)*

**06.05.2012**
**Lija A. v Pieta H......................1-0**
*Ige Abdullahi Adeshina (LA)*

**Zejtun C. v St. Goerge's ........5-1**
*Kenneth Abela 3, Kalin Ganchev, Carmel Formosa 2, Leonardo Rocha dos Santos (SG)*

**12.05.2012**
**Melita v Rabat A.....................1-0**
*Julian Galea (M)*

**Pieta H. v Zejtun C................0-1**
*Ryan Cauchi (ZC)*

**14.05.2012**
**St. Patrick v Lija A. ...............1-3**
*Gilbert Camilleri, Ben Camilleri, Andre Scicluna (LA); Rigers Ceka (SP)*

**Vittoriosa S. v St. Andrew's.2-1**
*Gary Muir, Marcelo Pereira (VS); Michael Grima (SA)*

**Dingli S. v Birżebbuġa SP....2-1**
*Carlos Eduardo Toneto Porcari, Daniel Cilia (DS); Glenn Tanti (BSP)*

**St. George's v Naxxar L........2-0**
*Julian Azzopardi o.g., Klinsmann Grech (SG)*





**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Melita | 22 | 14 | 5 | 3 | 46 | 23 | 47 |
| Rabat A. | 22 | 14 | 3 | 5 | 26 | 12 | 45 |
| Pietà H. | 22 | 12 | 2 | 8 | 27 | 19 | 38 |
| Zejtun C. | 22 | 11 | 3 | 8 | 29 | 21 | 36 |
| Vittoriosa S. | 22 | 9 | 7 | 6 | 38 | 25 | 34 |
| Naxxar L. | 22 | 9 | 6 | 7 | 32 | 31 | 33 |
| Lija A. | 22 | 8 | 5 | 9 | 26 | 25 | 29 |
| St. Andrews | 22 | 8 | 3 | 11 | 24 | 30 | 27 |
| B'Buġa SP | 22 | 7 | 2 | 13 | 31 | 40 | 23 |
| Dingli S. | 22 | 6 | 4 | 12 | 16 | 30 | 22 |
| St. Patrick | 22 | 5 | 4 | 13 | 18 | 37 | 19 |
| St. George's | 22 | 5 | 4 | 13 | 19 | 38 | 19 |

*- St. George's ingħataw rebħa ta' 2-0 wara li rebħu protest fuq Pietà H.*

Gzira United jiċċelebraw

# Gżira U. champions, Gudja U. promossi




20.04.2012
**Gzira U. v Għargħur................2-0**
*Ryan Deguara, Anthony Ewurum (GU)*

21.04.2012
**Senglea A. v Attard..................3-4**
*Nigel Spiteri, Darren Galea, Chris Farrugia, Kurt Zahra (A); Glenn Brincat, Jamie Abdilla, John Roland Emeka (SA)*

**Msida SJ v Zebbug R................1-1**
*Jorge Paiva (MSJ); Jeremy Agius (ZR)*

**Mellieħa v Kirkop U.................1-0**
*Giovanni Galea (M)*

**San Gwann v Zurrieq..............0-1**
*Johan Briffa (Z)*

**Gudja U. v St. Venera L. .........1-1**
*Emanuel Muscat (SVL); Elvin Gauci (GU)*

**Luqa SA v Siggiewi.................0-3**
*Stephen Delia, Josef Vassallo, Kim Buhagiar (S)*

27.04.2012
**Kirkop U. v Gudja U. ..............0-4**
*Keith Bonello, William Camenzuli, Peter Paul Sammut, Timothy Thomas (GU)*

29.04.2012
**St. Venera L. v Siggiewi..........0-0**

**Senglea A. v Luqa SA..............4-2**
*John Emeka 4 (SA); Malcolm Coleiro, Lee Baldacchino (LSA)*

**Attard v Msida SJ.....................0-2**
*Fernando de Andrade 2 (MSJ)*

**Zebbug R. v San Gwann.........1-1**
*Jeremy Agius (ZR); Richard Attard (SG)*

**Għargħur v Mellieħa...............0-1**
*Wayne Borg St. John (M)*

**Zurrieq v Gzira U......................2-2**
*Karl Saliba, Simon Shead (GU); Darko Stojavonic, Christian Schembri (Z)*

04.05.2012
**Msida SJ v Senglea A...............3-0**
*Fernando de Andrade, Matt Clarke, Leslie Cassar (MSJ)*

05.05.2012
**Luqa SA v St. Venera L. ...........0-2**
*Dylan Mercieca, Leonardo Gugliemetti (SVL)*

**Gzira U. v Zebbug R................1-1**
*Malcolm Tirchett (ZR); Yanis Tonna (GU)*

**Mellieħa v Zurrieq...................3-3**
*Glen Magri, Wayne Borg St. John 2 (M); Victor Camilleri, Steve Azzopaqrdi, Darko Stojanovic (Z)*

**Siggiewi v Kirkop U. ...............2-3**
*Kim Buhagiar, James Shead (S); Ivan Stnakovic 2, Rumen Kerekov (KU)*

**Gudja U. v Għargħur...............3-2**
*Chris Vella, Trayo Grozev (Għ); Peter Paul Sammut 2, William Camenzuli (GU)*

**San Gwann v Attard................1-3**
*Dimcho Traykov 3 (A); Shaun Vella (SG)*

13.05.2012
**Għargħur v Siggiewi................4-2**
*Chris Viella, Trayo Gozev, Mark Gauci, Carl Azzopardi (Għ); Kim Buhagiar, Roderick Farrugia (S)*

**Msida SJ v Luqa SA.................1-0**
*Oswald Zammit (MSJ)*

**Attard v Gzira U.......................0-2**
*Yanis Tonna 2 (GU)*

**Krikop U. v St. Venera L.........5-1**
*Ivan Stakovic 4, Rumen Kerekov (KU); Dylan Mercieca (SVL)*

**Zurrieq v Gudja U....................0-1**
*William Camenzuli (GU)*

**Senglea A. v San Gwann .........3-5**
*Glenn Brincat, John Roland Emeka , Ryan Ahar (SA); Jean Xavier Lopes, Richard Attard 2, Ryan Sell 2 (SG)*

**Zebbug R. v Mellieħa...............0-2**
*Wayne Borg St. John, David Cauchi (M)*

KLASSIFIKA

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gzira U. | 26 | 18 | 6 | 2 | 58 | 16 | 60 |
| Gudja U. | 26 | 16 | 6 | 4 | 57 | 20 | 54 |
| Mellieħa | 26 | 16 | 6 | 4 | 51 | 27 | 52 |
| Għargħur | 26 | 13 | 5 | 8 | 57 | 37 | 44 |
| Zebbug R. | 26 | 11 | 10 | 5 | 47 | 30 | 43 |
| San Gwann | 26 | 10 | 9 | 7 | 43 | 35 | 39 |
| Msida SJ | 26 | 11 | 3 | 12 | 42 | 29 | 36 |
| Kirkop U. | 26 | 11 | 2 | 13 | 44 | 52 | 35 |
| St. Venera L. | 26 | 9 | 6 | 11 | 27 | 45 | 33 |
| Zurrieq | 26 | 8 | 5 | 13 | 26 | 40 | 29 |
| Siggiewi | 26 | 7 | 6 | 13 | 31 | 51 | 27 |
| Attard | 26 | 7 | 4 | 15 | 30 | 56 | 25 |
| Senglea A. | 26 | 4 | 3 | 19 | 34 | 71 | 15 |
| Luqa SA | 26 | 4 | 3 | 19 | 24 | 62 | 15 |

Pembroke Athleta jiċċelebraw ir-rebħ tal-Kampjonat tat-Tielet Diviżjoni




# Pembroke A. jirbħu l-logħba kruċjali biex jaċċertaw mit-titlu

22.04.2012

**Xgħajra T. v Kalkara..............2-4**
*David Gauci, Charles Cachia, Abduljawed Musha, Shaun Cucciardi (K); Christian Magro, Martin Nosko (XT)*

**Fgura U. v Sirens....................6-2**
*Lydon Vella 3, Ricardo Goncalves Severinò 2, Michael Zammit (FU); George Falzon, Jonathan Grech (S)*

**Marsa v Pembroke A. ............0-3**
*Adrian Galea, Lydon Cilia, Jonathan Mifsud (PA)*

**Għaxaq v Qrendi....................4-1**
*Leonardo Alla, Francois Galea, Franridge Schembri, Ryan D'Amato (Għ); Adrian Muacat (Q)*

**Mgarr U. Marsaskala .............4-1**
*Nazzareno Abela (Mk); Chris Abela 2, Russell Marmara, Chris Tabone (MU)*

**St. Lucia v Mdina K ...............2-1**
*Basil Chibueze 2 (SL); Matthew Francalanza (MK)*

**Swieqi v Mtarfa......................0-1**
*Omar Smeir (M)*

28.04.2012

**Fgura U. v Xgħajra T.............3-0**
*Ricardo Goncalves Severino 2, Michael Zammit (FU)*

**Pembroke A. v Kalkara .........1-1**
*Vojko Martinovic (PS); Jacob Camilleri (K)*

**Marsaskala v Marsa ..............0-0**

**Qrendi v St. Lucia .................0-5**
*Basil Chibueze 4, Christian Bugeja (SL)*

**Mtarfa v Mgarr U. ..................1-2**
*Vesko Petrovic, Chris Abela 2 (MU); Harun Doda (M)*

**Mdina K. v Swieqi U. ............2-1**
*Robert Southward, Nicholas Micallef (MK); Simon Sammut (SU)*

06.05.2012

**Għaxaq v Fgura U. .................0-2**
*Matthew Spiteri, Leeroy Bonett (FU)*

**Kalkara v Marsaskala ............2-4**
*Jesmond Scicluna, Christian Schembri, Nazzareno Abela 2 (M); Jacob Camilleri, Abdul Musha (K)*

**St. Lucia v Sirens....................1-0**
*Nico Corito (SL)*

**Xgħajra T. v Pembroke A......2-2**
*Matthew Borg 2, Milan Polonec, Ali Manaf (XT)*

**Marsa v Mtarfa........................2-2**
*Yusuf Abdullahi, Shaun Cutajar (Ms); Haruna Doda, Edson Falzon (Mf)*

**Swieqi v Qrendi .....................1-1**
*Michael Farrugia (Q); Matthew Fenech (S)*

**Mgarr U. v Mdina K ..............3-1**
*Nicholas Micallef (MK); Chris Abela (MU)*

12.05.2012

**Għaxaq v Xgħajra T. .............2-2**
*Leonard Alla 2 (Għ);*

**Marsaskala v Pembroke A....1-6**

**Fgura U. v Santa Lucia...........4-3**
*Basil Chibueze 2, Nico Corito (SL); Michael Zammit 2, Vincent Camilleri, Ricardo Congalves Severino (FU)*

**Mtarfa v Kalkara ....................2-2**
*Shaun Peplow, Paul Azzopardi (M); Jacob Camilleri, Clive Caruana (K)*

**Mdina K. v Marsa...................0-0**

**Qrendi v Mgarr U....................1-6**
*Sandro Galea (Q); Mark Deguara 2, Albert Aquilina, Jeffrey Gauci, Merlin Mifsud, Melchior Psaila (MU)*

**Sirens v Swieqi U....................0-0**

**Marsaskala v Pembroke A....1-6**
*Nikola Slavchev (M); Lydon Cilia 3, Carlo Leonardi 3 (PA)*

KLASSIFIKA

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pembroke A. | 26 | 19 | 6 | 1 | 60 | 16 | 63 |
| Fgura U. | 26 | 20 | 2 | 4 | 70 | 30 | 62 |
| Mgarr U. | 26 | 18 | 1 | 7 | 50 | 28 | 55 |
| Santa Lucia | 26 | 15 | 3 | 8 | 46 | 27 | 48 |
| Għaxaq | 26 | 14 | 6 | 6 | 40 | 27 | 48 |
| Mdina K. | 26 | 13 | 7 | 6 | 46 | 26 | 46 |
| Xgħajra T. | 26 | 11 | 8 | 7 | 37 | 35 | 41 |
| Marsaskala | 26 | 8 | 5 | 13 | 24 | 48 | 29 |
| Swieqi U. | 26 | 7 | 8 | 11 | 24 | 28 | 29 |
| Sirens | 26 | 6 | 6 | 14 | 27 | 44 | 24 |
| Mtarfa | 26 | 5 | 5 | 16 | 30 | 50 | 20 |
| Qrendi | 26 | 4 | 6 | 16 | 21 | 55 | 18 |
| Marsa | 26 | 3 | 7 | 16 | 12 | 33 | 16 |
| Kalkara | 26 | 2 | 4 | 20 | 29 | 69 | 10 |




# Staġun 2011-2012

## Kampjonati U15 – U17 b'madwar 750 logħba
## Medja ta' 4 gowls f'kull partita jew aħjar qrib 3,000 gowl matul il-kampjonati
## Parteċipazzjoni ta' 'l-fuq minn 1,462 plejer fil-Kampjonati U15 – U17

**Wasalna fit-tmiem staġun ieħor, li bħal oħrajn jibqa' mfakkar għal dawk l-affarijiet partikolari li jkunu seħħew. Kellna kampjonati b'ħafna logħob sabiħ, kompetizzjoni sal-aħħar, b'logħob deċiżiv min ser ikun ir-rebbieħ ta' xi s-sezzjoni .... ġrajjiet li jagħmlu l-kampjonati nteressanti sal-aħħar .... wara kollox dak huwa s-sabiħ tal-futbol.**

Kienu Kampjonjati fejn bdejna naraw jidħlu fis-seħħ riformi fin-numru ta' timijiet promossi u relegati, servizz mediku fil-maġġoranza tal-logħob u dan għax nemmnu fis-saħħa u s-sigurtà tal-plejers li jkunu qed jilagħbu kif ukoll servizz ġdid ta' ground inspectors waqt il-logħob. Event ġdida U13 'inħobb il-futbol' biex naraw aktar plejers f'dawn l-etajiet jilagħbu b'regolamenti fejn ir-rebħ mhux iċ-ċentru ta' dawn l-events, iżda l-parteċipazzjoni u l-edukazzjoni jkunu il-prijorità. Dwar dawn nagħtu ħarsa aktar mill-qrib f'ħarġiet oħrajn.

F'din il-ħarġa, bħal ma nagħmlu kull staġun, se nagħtu ħarsa mill-qrib lejn kull sezzjoni tal-Kampjonat u nanalizzaw ftit il-klassifiki finali.

**U17 Sezzjoni A.** Hamrun Spartans iċċelebraw bil-kbir dan l-istaġun, mhux biss il-25 sena mit-twaqqif tan-nursery, iżda wkoll ir-rebħ tal-Kampjonat U17A. Kellha tkun l-aħħar partita kontra St. Patrick li ddeċidiet id-destin ta' Hamrun bħala champions, għaliex kemm Paola Hibs kif ukoll Sliema kienu qed jistennew ir-riżultat ta' din il-partita biex dawn kellhom jikkuntentaw bit-tieni post, b'46punt, jew aħjar 3 punti anqas minn Hamrun Spartans. Minħabba r-riforma fil-kampjonati tal-Youth FA, f'dan l-istaġun kellu jkun meħtieġ li jiġu relegati erba' timijiet filwaqt li jitilgħu tnejn.

Dan biex minn staġun ieħor sezzjoni A tkun ifformata minn għaxar timijiet. Mit-tliet timijiet promossi dan l-istaġun, kienu St. Patrick li żammew posthom għaliex kemm Rabat, kif ukoll Pembroke rritornaw f'Sezzjoni A, wara avventura ta' staġun wieħed akkumpanjati minn Floriana u Luxol St. Andrew's. It-timijiet ta' Valletta u Pietà Hotspurs spiċċaw f'nofs il-klassifika, filwaqt li Birkirkara, St. Patrick u Mosta ġew salvi biex fi staġun ieħor jilagħbu mill-ġdid f'din is-sezzjoni.

**U17 Sezzjoni B.** Wara li kienu ġew relegati għal Sezzjoni B, fl-aħħar tal-istaġun, Melita għamlu rimonta tajba biex wara biss nuqqas ta' staġun, mill-gdid irritornaw jilagħbu fl-ogħla sezzjoni b'total ta' 52 punt.

Melita kienu konsistenti matul l-istaġun u ma serqu xejn. San Gwann, fit-tieni post, b'44 punt ma serqu xejn għaliex (bħal Melita) urew karattru matul il-kampjonat, biex iż-żewġ timijiet li ġew relegati, l-istaġun l-ieħor, ikunu huma, iż-żewġ timijiet li mill-ġdid irritornaw f'Sezzjoni A.

Mit-tliet timijiet promossi minn Sezzjoni C, Dingli u Birżebbuġa rritornaw mill-ġdid f'din is-sezzjoni filwaqt li t-tim ta' Msida irnexxielu jżomm postu f'din is-sezzjoni għall-istaġun li ġej. Attard kien it-tim l-ieħor relegat filwaqt li t-tim ta' Marsa kien irtira minħabba xi diffikultajiet fil-bidu ta' dan l-istaġun.

Naxxar, li spiċċaw b'41 punt fit-tielet post, tilfu ċ-ċans tal-promozzjoni meta spiċċaw ħames darbiet fi draw ma' timijiet min-naħa ta' isfel tal-klassifika. Balzan, b'differenza ta' punt wieħed fuq il-ġirien Attard, salvaw mir-relegazzjoni. Kien mistenni aktar mit-timijiet ta' Mellieħa, Tarxien u Qormi, iżda bla dubju bi plejers b'aktar esperjenza, staġun ieħor żgur li dawn it-timijiet ikunu sfidanti ewlenin.

**U17 Sezzjoni C1-2-3.** Zejtun, Sta. Venera u Zebbug rebħu s-sezzjonijiet rispettivi. Kien kampjonat kumbattut,

minn Joe Micallef (Segretarju Ġenerali YFA)






tant, li biex ħareġ ir-rebbieħ ta' Sezzjoni C3, kellha ssir logħba deċiżiva bejn Lija/Iklin u Żebbuġ biex dawn tal-aħħar ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 4-1. Ir-rebħ tas-sezzjonijiet minn dawn it-tliet timijiet kienu kollha meritati u minn dejjem żammew pass 'il quddiem matul l-istaġun. Zejtun kienu l-uniku tim fil-kategorija U17, li spiċċaw il-kampjonat mingħajr telfa u mingħajr draw, u jkunu huma wkoll l-anqas tim li sofra gowls b'total ta' 8. Minħabba r-riforma fil-kampjonati, fejn jitilgħu żewġ timijiet, it-tliet timijiet riedu jilagħbu bejniethom biex minnhom kellhom joħorġu tnejn li staġun ieħor jilagħbu f'Sezzjoni B. It-tim ta' Cottonera, li kien qed jikkompeti f'Sezzjoni C3, temm din l-ewwel avventura storika tiegħu f'nofs il-klassifika.

**U15 Sezzjoni A.** Jekk f'U17A it-tim rebbieħ kiteb storja ġdida għan-nursery tiegħu, hekk ukoll jista' jingħad għat-tim ta' St. Andrew's, fejn għall-ewwel darba wkoll irnexxielu jirbaħ dan l-unur f'din is-sezzjoni. Il-konsistenza ta' dan it-tim matul l-istaġun kienet garanzija li kien ser ikun tim sfidant denju, tant, li spiċċa b'53 punt ... 9 punti aktar mill-eqreb rivali Floriana, b'44 punt. Melita, li l-istaġun l-ieħor kienu rebbieħa ta' din is-sezzjoni, spiċċaw fit-tielet post b'41, segwiti minn Sliema 39 punt. It-tliet timijiet promossi tal-istaġun l-ieħor, dawk ta' San Gwann, Pembroke u Mellieħa, mill-ġdid irritornaw jilagħbu f'Sezzjoni B, akkumpanjati minn Birkirkara li, matul dan l-istaġun ma kienu xejn fil-forma ta' staġuni preċedenti. It-timijiet ta' nofs il-klassifika Hamrun, Paola, Valletta u Pietà kienu biss tliet punti jifirduhom, b'Hamrun u Paola b'35 punt, Valletta 34 u Pietà bi 32 biex jeħilsuha mir-relegazzjoni. F'din is-sezzjoni wkoll, kienu erba' timijiet li ġew relegati filwaqt li ġew promossi żewġ timijiet minn Sezzjoni B, biex hawn ukoll, il-kampjonat minn staġun ieħor ikun kompost minn 10 timijiet.

F'din is-sezzjoni hemm xi logħob li jrid isir iżda dan mhux ser jaffettwa lir-rebbieħ tas-sezzjoni, kif ukoll iż-żona tar-relegazzjoni.

**U15 Sezzjoni B.** It-tim ta' Gozo rebaħ ta' din is-Sezzjoni b'57 punt, u kienu wkoll l-aktar tim li skorja gowls b'total ta' 69. B'tim intelliġenti u bi plejers interessanti, bla dubju, kien meritat dan l-unur u ma tkunx sorpriża jekk inbassar li staġun ieħor, dan it-tim ikun sfidant denju għall-unuri. Mosta wkoll, wara nuqqas ta' staġun irritornaw jilagħbu f'Sezzjoni A. Rabat ħallew fejn spiċċaw l-istaġun li għadda, f'nofs il-klassifika bi 32 punt. Zebbug u Attard salvi filwaqt li Qormi kienu sfidanti fil-bidu ta' dan il-kampjonati u jispiccaw fit-tielet post b'St. Patrick u Tarxien jispiċċaw fir-raba' u l-ħames post rispettivament.

- F'din is-sezzjoni hemm ukoll xi logħob li għadu jirid jintlagħab, li iżda, mhux se jkollu effett fuq ir-rebbieħa u parti tar-relegazzjoni.

**U15 Sezzjoni C1-2-3.** Sezzjoni interessanti għall-aħħar u fit-tliet gruppi kellna nistennew sal-aħħar logħob biex ikun deċiż ir-rebbieħ ta' kull sezzjoni. Zejtun irreġistraw double għax irnexxielhom jirbħu wkoll din is-sezzjoni, U15C3, apparti dik tal-U17C1 (rigal tan-nursery lill-eks amministratur u fundatur tan-nursery, Gulio Camilleri, li ħalliena ftit tax-xhur ilu). F'din is-sezzjoni, Siggiewi fallew bi ftit għaliex b'differenza ta' draw aktar minn Zejtun kellhom jikkuntentaw bit-tieni post, mingħajr promozzjoni. F'Sezzjoni 15C2, Zurrieq spiċċaw fl-ewwel post bi 30 punt, segwiti mit-tim ta' Cottonera bi 28 punt fejn kienet logħba ta' draw li tellfet lil dan it-tim il-promozzjoni fl-ewwel staġun mit-twaqqif tiegħu. Sezzjoni C1, b'differenza ta' punt wieħed, kienu Birżebbuġa b'29 punt li rebħu din is-sezzjoni b'Lija/Iklin ikollhom jikkuntentaw bit-tieni post, bi 28 punt. Fil-ġranet li ġejjin, it-tliet timijiet rebbieħa ta' kull sezzjoni, Zejtun, Birżebbuġa u Zurrieq, iridu jilagħbu bejniethom biex tnejn minnhom, staġun ieħor, jikkompetu f'Sezzjoni U15B.




ritratti stephen gatt

# Paġna oħra storika għall-isport f'pajjiżna




## Inawgurat il-Kumpless Sportiv ta' Ħal Kirkop

Nhar il-Ħamis, 17 ta' Mejju, 2012, inkitbet paġna oħra storika fl-istorja tal-isport Malti meta l-Prim Ministru Lawrence Gonzi inawgura kumpless sportiv kbir u modern f'Ħal-Kirkop li se jservi ta' ġid għall-istudenti li jattendu l-Kulleġġ San Benedittu, għall-Għaqdiet sportivi, għall-atleti Nazzjonali u għall-komunità tal-madwar.

Din hija ħolma oħra li saret realtà u li tkompli tikkonferma l-impenn tal-Gvern li jxettel kultura sportiva f'pajjiżna. Dan il-kumpless sportiv għandu:

- Kważi elfejn metru kwadru ta' spazju fejn jiġi pprattikat l-isport
- Sala prinċipali u tliet swali multi purpose
- Fitness Centre
- Shooting simulator li sar bi ftehim mal-Malta Shooting Federation għat-taħriġ tal-atleti Maltin u għall-istudenti fl-akkademja tal-isparar
- F'dan il-post se tiġi nstallata wkoll pixxina temporanja biex tintuża għat-tagħlim u taħriġ tal-għawm.

Dawn il-faċilitajiet, li issa qed jingħaqdu mal-grawnd tal-futbol u t-trakka għall-mixi u għall-ġiri fl-iskola, qed jintużaw mill istudenti li jattendu l-Kulleġġ San Benedittu u minn numru ta' Għaqdiet sportivi.

### Kumpless li jakkomoda 15-il dixxiplina sportiva

Dan il-kumpless se jkun qed jakkomoda 15-il dixxiplina sportiva differenti. Fost id-dixxiplini sportivi li se jkunu qed jagħmlu użu minn dan il-kumpless insibu l-football, l-atletika, in-netball, il-volleyball, il-basketball, il-badminton, il-futsal, il-judo, il-ġinnastika, it-table tennis, l-isparar u d-danza.

### Kumpless li se jintuża mill-iskola Nazzjonali tal-isport

Aktar minn hekk, dan il-kumpless sportiv se jkun wieħed miċ-ċentri li se jkun qed jintuża mill-iskola Nazzjonali tal-isport li ser tiftaħ, f'Settembru li ġej, u li se tkun qed topera mill-kulleġġ biswit din il-faċilità.

### Kumpless mgħammar b'simulator għall-isports tal-isparar

F'dan il-Kumpless Sportiv ġie installat simulator tal-isparar sabiex








*Studenti tal-Kulleġġ San Benedittu jagħtu esibizzjoni tal-ġinnastika waqt il-ftuħ uffiċjali tal-Kumpless Sportiv ta' Ħal Kirkop.*

fuq dan l-apparat jsir taħriġ mill-atleti Maltin tal-isparar. Peress li b'dan l-apparat ma jintużawx armi, qed jintuża wkoll minn tfal taħt l-14-il sena biex huma wkoll jibdew jitħarrġu f'dan l-isport sa minn età żgħira. Dan l-apparat se jkun qed jintuża wkoll mill-istudenti tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport kif ukoll mill-istudenti li jkunu qed jipparteċipaw fl akkademja tal isparar, li se tkun qed titmexxa mill-kowċ Nazzjonali tal-Isparar Jimmy Bugeja.

## Kumpless li se jgħin fis-saħħa tal-poplu u fil-ġlieda kontra l-obeżità

L-investiment li qed isir fl-isports jifforma parti mill-programm tal-Gvern biex jibni soċjetà fiżikament u mentalment b'saħħitha u fl-istess waqt ikompli jiġġieled il-problema tal-obeżità. Għalhekk l-investiment fl-isport jimxi pari passu ma' Investiment ieħor li l-Gvern qed jagħmel biex it-tfal u ż-żgħażagħ jikbru b'saħħithom.

Fil-fatt, il-komunità tal-madwar se jkollha wkoll access għal dan il-kumpless, permezz tal-walking and jogging club tal-KMS, li diġà għandu 300 membru u permezz tal-fitness centre u l-programmi sportivi li se jiġu organizzati f'dan il-kumpless.

F'dawn l-aħħar snin, il-Gvern permezz tal-KMS, għaraf jagħti aktar importanza lill-programmi sportivi organizzati mill-SPU. Dan il-unit twaqqaf f'din il-leġiżlatura sabiex it-tfal jibbenefikaw minn programmi sportivi għal qabel, waqt u wara l-ħin tal-iskola. Permezz ta' dawn il-programmi aktar minn 31,000 tifel u tifla qed jieħdu sehem f'dawn il-programmi li minnhom 4,300 student/a ħadu sehem f'festivals u tournaments tal-atletika, basketball, futsal, rugby u volleyball u madwar 7,000 ħadu sehem f'sessjonijiet ta' ħiliet bażiċi fl-isport

F'din il-leġiżlatura kienu msaħħa wkoll il-programmi sportivi tal-KMS fejn din is-sena madwar 8,000 parteċipant, fosthom tfal, ġenituri u anzjani qed jieħdu sehem f'wieħed mill-programmi sportivi tal-KMS.

Kienu mwaqqfa wkoll l-inizjattivi sportivi bi sħab mal-Kunsilli Lokali biex fl-aħħar tliet snin ipparteċipaw fihom 12,881 persuna.

• *ikompli f'paġna 28*




## *Ninvestu fl-atleti u fl-isportivi Maltin permezz ta' 26 skema differenti*

**- Il-Prim Ministru, Lawrence Gonzi**

Waqt id-diskors tiegħu fil-ftuħ ta' dan il-Kumpless, il-Prim Ministru Lawrence Gonzi qal li r-riżultati pożittivi li l-atleti Maltin kisbu għall-pajjiżna, inkisbu wkoll b'riżultat tal-politika tal-Gvern illi fl-aħħar erba' snin ħoloq skemi u inizjattivi għall-iżvilupp tagħhom.

Huwa tenna li din is-sena, il-Gvern qed jagħti lill-Għaqdiet sportivi u l-isportivi Maltin total ta' 26 skema differenti.

Il-Prim Ministru fakkar li matul din il-leġiżltura il-Gvern waqqaf it-20/20 sports *training leave* li permezz tagħha l atleti Nazzjonali qed jitħarrġu waqt il-ħin tax-xogħol. Din l-iskema bdiet mal-atleti li huma ħaddiema tal-Gvern u s-sena li għaddiet ġiet estiża għall-atleti li jaħdmu mal-privat.

Fakkar ukoll li twaqqfet unit fl-armata fejn l-atleti Nazzjonali jistgħu jiġu rreklutati biex isiru suldati u fl istess waqt jitħarrġu waqt il ħin tax xogħol fl-isports tagħhom. Filwaqt li fakkar kif minn din is-sena ġew imnedija boroż ta' studju fl-isports, minn Settembru li ġej, se tinfetaħ l-iskola Nazzjonali tal-isports.

Il-Prim Ministru sostna wkoll li






Il-Kunsill Malti għall-Isport jipprovdi tlett programmi differenti għall-persuni 'l fuq minn 60 sena li għandhom il-Karta Anzjan.

**Senior Citizens on the Move**

kunsill malti għall isport
www.sportmalta.org.mt

**WALKFIT 60+**

Programm li joffri aċċess għall-mixjiet ta' nhar ta' Ħadd organizzati mill-*Ramblers Association of Malta* darba fix-xahar.

**SWIMFIT 60+**

Skema ta' sħubija b'xejn għaċ-ċittadini anzjani kollha li jixtiequ jgħumu b'mod regolari fil-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq.

**SVPR FIT**

Sensiela ta' klassijiet għar-residenti ta' San Vinċenz de Paule għat-titjib tal-flessibilità, tas-saħħa u tal-bilanċ. It-taħriġ isir minn fiżjoterapisti kwalifikati u jsir fir-residenza stess.

**www.sportmalta.org.mt T: 2203 6000 E: kms@sportmalta.org.mt**

l-isports qed jikkontribwixxi wkoll biex tiżdied l-attività ekonomika u jinħoloq aktar xogħol għall-ħaddiema kemm waqt li jkunu qed isiru l-proġetti sportivi kif ukoll biż-żamma tagħhom u billi inġibu f'pajjiżna kompetizzjonijiet internazzjonali u nsaħħu t-turiżmu sportiv. Huwa fakkar kif f'dawn l-aħħar tliet snin permezz tal-iskema ta' turiżmu sportiv imnedija f'din il-leġiżlatura ġibna f'pajjiżna 134,000 *bednight* ta' sportivi li ħallew €7.3 miljun fl-ekonomija Maltija. Għal din is-sena, il-Gvern qed iżid l-allokazzjoni finanzjarja għal din l-iskema.

## Ħolqa oħra minn katina fl-istrateġija tal-Gvern

**– Is-Segretarju Parlamentari Clyde Puli**

Waqt id-diskors tiegħu, l-Onorevoli Clyde Puli, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u l-Isport, tenna li dan il-Kumpless Sportiv *state of the art* li sar mill-gvern b'investment ta' €3.5 miljun hu ħolqa oħra mill-istrateġija tal-Gvern biex issaħħaħ l-attività fiżika u sportiva u jxettilha fit-tessut soċjali tal-poplu Malti. Huwa fakkar kif fl-aħħar snin sar investiment fil-faċilitajiet sportivi eżistenti fejn il-Gvern immodernizza l-Kumpless Sportiv tal-Kottonera li issa ġie ċċertifikat mill-UEFA biex jilqa' fih logħob internazzjonali tal-Futsal. Kien immodernizzat ukoll il-Kumpless Sportiv, f'Tal-Qroqq, fejn apparti n-nefqa rikorrenti ta' madwar €1.7 miljun fis-sena, il-Gvern għaraf jimmodernizza l-appartat tal-pixxina u tal-fitness centre, sar xogħol fix-showers u xogħol fl-isquash courts. Aktar minn hekk, inbeda xogħol biex, f'Tal Qroqq, titwaqqaf akkademja tal-isnooker u gym għat-tfal. Sar ukoll xogħol ta' titjib fil-Kumpless Sportiv tal Marsa li jilqa' fih diversi dixxiplini ta' outdoor sports.

L-Onorevoli Puli saħaq li din il-leġiżlatura kienet ukoll kkaratterizzata minn ftuħ ta' faċilitajiet sportivi ġodda, fosthom, 33 pitch tal-football b'turf sintetiku u qed isir xogħol ieħor fuq 19-il pitch tal-football ieħor. Sar titjib f'25 pitch tal-boċċi u fix-xhur li ġejjin il-Gvern se jkompli jaħdem fuq 10 pitches oħrajn. Sar żvilupp fil-korsa għat-taħriġ u l-kompetizzjonijiet tal-karting u dixxiplini awtomobilistiċi oħrajn. Infetaħ Outdoor Gym Fitness Centre, f'Ta' Qali, u ser jinfetħu erbgħa oħra. Kienu inawgurati żewġ High Ropes, wieħed, f'Ta' Qali, u wieħed fil-camp site tal-iscouts, f'Għajn Tuffieħa.

Hu sostna li f'dawn l-aħħar erba' snin, il-Gvern għadda aktar artijiet lill-Għaqdiet sportivi biex jinvestu fil-faċilitajiet tagħhom biex illum 115–il Għaqda sportiva qed igawdu minn total ta' 129 biċċa art tal-Gvern b'valur ta' €47 miljun. Il-Gvern għaraf ukoll jiftaħ beraħ il-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel biex wara l-ħinijiet tal-iskola jitgawdew mill-Għaqdiet sportivi u l-komunità u tenna li llum 34 Għaqda sportiva qed jużaw il-faċilitajiet f'16-il skola tal-istat.

Fakkar ukoll kif il-Gvern daħal bi sħab mal-Malta Basketball Association biex ikunu żviluppati faċilitajiet oħrajn tal-basketball, b'investiment ta' €800,000.

## *Kumpless sportiv li lilna l-atleti jagħmlilna unur kbir*

***- William Chetcuti***

It tiratur internazzjonali Malti, William Chetcuti faħħar l-impenn tal-Gvern fil-qasam sportiv u tenna li kumpless sportiv bħal dan jagħmel unur kbir lill-atleti Nazzjonali. Hu saħaq li dan il-Kumpless se jservi ta' benniena għal dawk kollha li jixtiequ jipprattikaw l-isport u għal diversi għaqdiet li ser jagħmlu użu minn dawn il-faċilitajiet wara l-ħin tal-iskola.

Chetcuti semma l-opportunitajiet li l-Gvern qed jagħti lill-atleti Nazzjonali permezz tal-iskemi li qed joffrilhom. Hu semma l-iskema li permezz tagħha l-atleti Nazzjonali qed jingħataw iċ-ċans li jiġu rreklutati fl armata u qal li b'din l-inizjattiva atleti Maltin ser ikollhom l-aħjar taħriġ li qatt kellhom matul is-snin u se jkunu ippreparati ferm aħjar għall-impenji internazzjonali u fl-istess waqt ikollhom opportunità ta' karriera.



# Summer on the Move 2012

## - 23 programm ta' attività fiżika għat-tfal u għall-adulti
## - Applika issa fuq il-website www.sportmalta.org.mt

Il-Kunsill Malti għall-Isport nieda l-programm ta' Summer On the Move 2012 li se jkun mifrux fuq tmien ġimgħat bejn is-16 ta' Lulju, 2012, u s-7 ta' Settembru 2012.

Din l-għażla wiesa', li hija mmirata għat-tfal kif ukoll għall-adulti, se tkun komposta minn 23 attività fiżika li se jkunu maqsuma f'erba' ċentri reġjonali -

Kumpless Sportiv – Tal-Qroqq
Kumpless Sportiv – Kottonera
Kumpless Sportiv – Ħal-Kirkop
Skola Sekondarja tas-Subien – Mosta

### Il-programm kollu ta' din l-attività fiżika jinkludi:

01 Għawm u Logħob fuq Ġewwa (Reġjun tal-Kottonera) 4 – 10 snin
02 Għawm u Logħob fuq Ġewwa (Reġjun tal-Kottonera) 9 -16-il sena
03 Klassijiet ta' Fitness għall-Adulti (Reġjun tal-Kottonera) 'il fuq 17-il sena
04 Klassijiet ta' Fitness għall-Adulti (Reġjun Ħal-Kirkop) 'il fuq 17-il sena
05 Klassijiet ta' Fitness għall-Adulti (Reġjun Tal-Qroqq) 'il fuq minn 17-il sena
06 Għawm u Logħob fuq Ġewwa (Reġjun Ħal-Kirkop) 4 -16-il sena
07 Għawm u Logħob fuq Ġewwa (Reġjun Tal-Qroqq) 4 -16-il sena
08 Klassijiet tal-Għawm (Reġjun tal-Qroqq) 4 -16-il sena
09 Klassijiet tal-Għawm (Reġjun tal-Qroqq) 'il fuq minn 17-il sena
10 Avventura fuq Barra (Kottonera u Tal-Qroqq) 13-16-il sena
11 Għawm u Logħob fuq Barra (Reġjun tal-Mosta) 4-10 snin
12 Klassijiet ta' Fitness għall-Adulti (Reġjun Tal-Mosta) 'il fuq minn 17-il sena
13 Active Youngsters (Reġjun tal-Mosta) 7-16-il sena
14 Sparar fuq Ġewwa (Reġjun Ħal-Kirkop) 7-16-il sena
15 Klassijiet tal-Ibburdjar (Xatt it-Tiben, Floriana) 9-16-il sena
16 Klassijiet tal-Ibburdjar (Il-Bajja Sabiħa, Birżebbuġa) 8-16-il sena
17 Canoeing (Canoe Racing Club, Msida) 10-16-il sena
18 Active Youngsters (Reġjun tal-Kottonera) 7-16-il sena
19 Active Youngsters (Reġjun ta' Ħal-Kirkop) 7-16-il sena
20 Sports Buzz (Kumpless Sportiv – Kottonera) 6-10 snin
21 Akkademja tal-Għawm (Kumpless Sportiv – Tal-Qroqq) 6-10 snin
22 Akkademja tal-Atletika (Kumpless Sportiv Kirkop) 6-16-il sena
23 Akkademja tal-Billiard u l-iSnooker (Kumpless Sportiv – Tal-Qroqq) 7-16-il sena

### Rati għall-Familji

Tieni tifel/tifla: skont ta' €30.

Tielet tifel/tifla u aktar: skont ta' €50.

Ma japplikawx skontijiet għall-programmi 3, 4, 5, 9, 14, 15 u 16.

- It-trasport bejn il-Kumpless Sportiv Kottonera u l-Kumpless Sportiv Tal-Qroqq għall-programmi 1 u 2 huwa pprovdut mill-KMS.

- It-trasport bejn il-Kumpless Sportiv u l-post fejn isir il-Logħob fuq barra għall-programmi 2, 7 u 10 huwa pprovdut mill-KMS.

### Il-Gvern qed joffri inċentivi fiskali għal min jibgħat lil uliedu għal taħriġ sportiv

Il-Gvern qed joffri inċentivi fiskali lill-ġenituri li jibagħtu lil uliedhom fi programmi tal-Kunsill Malti għall-iSport (KMS) jew f'nurseries u akkademji tal-isport li huma rreġistrati mal-KMS. It-tnaqqis mit-taxxa jlaħħaq massimu ta' €100 fuq miżati mid dħul taxxabbli. Permezz ta' din l-iskema, hemm aktar minn 4,000 familja li diġà ffrankaw it-taxxa. Dawn il-familji se jiffrankaw sa massimu ta' €400,000 f'taxxa.






# Il-gvern jerġa' jagħti l-għajnuna tiegħu fl-organizzazzjoni tal-Mdina Grand Prix

F'konferenza tal-aħbarijiet, giet imnedija r-raba' edizzjoni tal-Mdina Grand Prix organizzata mill-Valletta Grand Prix Foundation b'kollaborazzjoni mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu u l-Kunsill Malti għall-iSport (KMS). Din l-attività tinvolvi tlielaq u wirijiet ta' vetturi klassiċi u storiċi.

Din l-attività, li qed tittella' għar-raba' sena konsekuttiva mill-Valletta Grand Prix Foundation, se ssir bejn il-11 u l-14 ta' Ottubru, 2012, fl-Imdina u l-akkwati tal-madwar. Din ser terġa' tittella' għat-tieni darba fl-Imdina. Din l-attività se tibda, nhar il-Ġimgħa 11 ta' Ottubru, b'Hill Climb miftuħa għall-vetturi klassiċi u Concurs d'Elegance, fejn il-karozzi se jkunu għall-wiri fil-pjazza tal-Kattidral, fit-12 ta' Ottubru.




Fid-diskors tiegħu, l-Onorevoli Clyde Puli, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, qal li l-Gvern jappoġġa attivitajiet li jqanqalu interess qawwi fost id-dilettanti sportivi Maltin filwaqt li jikkontribwixxu wkoll lejn l-ekonomija tal-pajjiż permezz ta' turiżmu sportiv. Huwa spjega kif, fl-2009, tnediet skema ta' turiżmu sportiv għall Għaqdiet sportivi rreġistrati mal KMS biex jattiraw kompetizzjonijiet u taħriġ minn sportivi barranin. Is-Segretarju Parlamentari, Puli, qal li permezz ta' din l-iskema, fi żmien tliet snin, l-Għaqdiet sportivi ġabu lejn pajjiżna aktar minn 134,000 bednight li huma stmati li ħallew €7.3 miljun fl-ekonomija Maltija. F'erba' snin, l-Għaqdiet sportivi se jkunu ggwadanjaw madwar €1 miljun bejniethom minn din l-iskema.

Tkellem ukoll l-Onorevoli Mario De Marco, Ministru għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura, li sostna li l-Mdina Grand Prix sar avveniment annwali li jsaħħaħ il-prodott turistiku ta' pajjiżna u li avvenimenti bħal dan jattira turisti li huma nteressati fl-isport. Fakkar li t-turiżmu sportiv huwa niċċa tas-settur turistiku ta' pajjiżna li l-Gvern u s-settur privat qed jikkollaboraw flimkien biex ikomplu jkattruh. Il-Ministru De Marco qal ukoll li din l-attività tindirizza wkoll l-isfida tal-istaġjonalità u għaldaqstant tgħin biex isaħħaħ l-operat tal-kumpaniji fis-settur u b'hekk jissaħħaħ ix-xogħol u l-ekonomija ta' pajjiżna.

Min-naħa tiegħu, is-Sur Joe Said, viċi Chairman tal-VGPF, tenna li skont l-interess li rċevew din is-sena minn parteċipanti prospettivi, jidher li l-parteċipazzjoni ta' din is-sena se tkun suċċess. Huwa żied jgħid li l-Fondazzjoni tirringrazzja lill-MTA u l-KMS għas-sostenn tagħhom, kif ukoll lill-Kunsilli Lokali tal-Imdina, tar-Rabat u tal-Imtarfa li l-appoġġ tagħhom kien strumentali biex din it-tiġrija tkun tista' tittella' f'dan il-post.

Is-Segretarju tal-Fondazzjoni, is-Sur Charles Zahra, ta dettalji fuq iċ-ċirkwit li se jkollu distanza ta' 2.2 kilometri.



# Somma rekord miġbura fit-tmien edizzjoni ta' Puttinu Cares

## Il-Gvern, permezz tal-KMS, kburi li jgħin din il-maratona anke billi jagħti faċilitajiet sportivi bla ħlas

Fil-bidu ta' dan ix-xahar, il-maratona tal-futbol ta' Puttinu Cares ġabret rekord ta' €950,000 wara 60 siegħa ta' logħob ta' futbol u volleyball li saru fil-grounds tal-Marsa. L-ammont milħuq jirrifletti s-solidarjetà tal-Maltin u l-Għawdxin lejn min għandu bżonn l-għajnuna waqt li l-isport lokali reġa' ta prova kif jista' jkun ta' għajnuna b'diversi modi sabiex ikunu mgħejjuna t-tfal li sfortunatament jimirdu bil-marda tal-kanċer.

Għal darb'oħra, il-Kunsill Malti għall-iSport reġa' ta s-sehem tiegħu f'din l-inizjattiva u kien spalla ma' spalla mal-organizzaturi ta' din il-maratona li din is-sena kienet it-tmien edizzjoni tagħha. Illum, din il-maratona saret parti mill-kalendarju annwali tal-isport lokali u fiha jipparteċipaw diversi timijiet tal-futbol bl-għan li jinġabru fondi għall-fondazzjoni Puttinu Cares, li ta' kull sena jkollha bżonn aktar minn €700,000 biex tkopri l-ispejjeż ta' fondi li jgħinu persuni fil-bżonn.

F'kummenti li ta wieħed mill-organizzaturi, Rennie Zerafa esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal din is-somma rekord. Is-somma li nġabret din is-sena qabżet sew dik tas-sena li għaddiet li kienet ta' €700,000. Dawn il flus se jmorru għal dawk li jkollhom imorru l-Ingilterra biex jieħdu l-kura għall-kanċer.

Bħalissa, l-Għaqda ta' Puttinu Cares qed tibni appartamenti f'Sutton, f'Londra, biex tgħin lil ġenituri li t-tfal tagħhom għandhom bżonn il-kura għal kontra l-kanċer fl-Ingilterra. In-nefqa totali ta' dan il-bini hu ta' €3 miljun.

Il-Maratona ġiet inawgurata mill-President ta' Malta, George Abela, flimkien ma' Kayleigh, tfajla ta' 14-il sena, li għadha kif tilfet saqajha minħabba l-kanċer. Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi żar din il-maratona u kien akkumpanjat mis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport Clyde Puli. Il-Gvern, permezz tal-Kunsill Malti għall-iSport, offra l-Kumpless Sportiv tal-Marsa u l-involviment dirett tal-ħaddiema tiegħu biex tittella' din il-maratona.







Tal-Qroqq Fitness Centre

Il-Fitness Centre mmexxi mill-Kunsill Malti għall-Isport fil-Kumpless Sportiv Tal-Qroqq huwa mgħammar b'apparat modern għall-*weightlifting* u taħriġ kardjo-vaskulari.

Joffri ambjent tajjeb għal taħriġ fiżiku u jiftaħ kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd, b'ħinijiet differenti fi tmiem il-ġimgħa.

L-iskemi ta' sħubija huma l-irħas f'Malta bi prezzijiet differenti għaż-żgħażagħ, adulti u koppji li jgħixu fl-istess indirizz.

Trid tissieħeb?
www.sportmalta.org.mt
T: 2203 6000
E: kms@sportmalta.org.mt

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 30 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt




# Euro 2012 Polonja/Ukranja

## Il-programm tal-Fażi Finali

### Grupp A

08.06.12 - National Stadium – Warsaw
Polonja v Grecja 1 - 1

08.06.12 – Municipal Stadium - Wroclaw
Russja v Repubblika Ċeka 4 - 1

12.06.12 – Municipal Stadium – Wroclaw
Grecja v Repubblika Ċeka 1 - 2

12.06.12 – National Stadium – Warsaw
Polonja v Russja 1 - 1

16.06.12 – Municipal Stadium – Wroclaw
Repubblika Ċeka v Polonja 1 - 0

16.06.12 – National Stadium – Warsaw
Grecja v Russja 1 - 0

### Grupp B

09.06.12 – Metalist Stadium - Kharkiv
Olanda v Danimarka 0 - 1

09.06.12 – Arena Lviv, Lviv
Ġermanja v Portugall 1 - 0

13.06.12 – Arena Lviv, Lviv
Danimarka v Portugall 2 - 3

13.06.12 – Metalist Stadium - Kharkiv
Olanda v Ġermanja 1 - 2

17.06.12 – Metalist Stadium - Kharkiv
Portugall v Olanda 2 - 1

17.06.12 – Arena Lviv, Lviv
Danimarka v Ġermanja 1 - 2

EURO 2012





## Grupp C

10.06.12 – PGE Arena - Gdansk
Spanja v Italja 1 - 1

10.06.12 – Municipal Stadium - Poznan
Irlanda v Kroazja 1 - 3

14.06.12 – Municipal Stadium - Poznan
Italja v Kroazja 1 - 1

14.06.12 – PGE Arena - Gdansk
Spanja v Irlanda 4 - 0

18.06.12 – PGE Arena - Gdansk
Kroazja v Spanja 0 - 1

18.06.12 – Municipal Stadium - Poznan
Italja v Irlanda 2 - 0

## Grupp D

11.06.12 – Donbass Arena - Donetsk
Franza v Ingilterra 1 - 1

11.06.12 – Olympic Stadium - Kiev
Ukrajna v Svezja 2 - 1

15.06.12 – Donbass Arena - Donetsk
Ukraine v Franza 0 - 2

15.06.12 – Olympic Stadium - Kiev
Svezja v Ingilterra 2 - 3

19.06.12 – Donbass Arena - Donetsk
Ingilterra v Ukraine 1 - 0

19.06.12 – Olympic Stadium - Kiev
Svezja v Franza 2 - 0

## Kwarti-Finali

21.06.12 – National Stadium – Warsaw
(1) R.CEKA Reb. A v PORTUGAL Run. up B 0 - 1

22.06.12 – PGE Arena - Gdansk
(2) GERMANJA Reb. B v GRECJA Run. up A 4 - 2

23.06.12 – Donbass Arena - Donetsk
(3) SPANJA Reb. C v FRANZA Run. up D 2 - 0

24.06.12 – Olympic Stadium - Kiev
(4) INGILTERRA Reb. D v ITALJA Run. up C 0 (2) - 0 (4)

## Semi-Finali

27.06.12 – Donbass Arena - Donetsk
(1) PORTUGAL Reb. K/F (1) v SPANJA Reb. K/F (3) - 

28.06.12 – National Stadium – Warsaw
(2) GERMANJA Reb. K/F (2) v ITALJA Reb. K/F (4) - 

## Finali

01.07.12 – Olympic Stadium - Kiev
Rebbieħ S/F (1) v Rebbieħ S/F (2) - 




# A to Z Electronics Athleta (Irġiel) u Luxol (Nisa) champions

**Il-Kampjonat MSV Life ntrebaħ minn A to Z Electronics Athleta, biex żammew l-unur mirbuħ tal-istaġun li għadda. Minn serje tal-aħjar minn ħamsa, Athleta rebħu tliet partiti wara xulxin, biex il-Kampjonat ġie mirbuħ kmieni. Huma kienu champions disa' darbiet fl-istorja tagħhom.**

Ta' min isemmi li Depiro kellhom l-isfortuna li tilfu lill-Amerikan tagħhom, Greg Hamlin, wara intervent kirurġiku li sarlu, biex lagħbu mingħjar is-servizzi tiegħu fl-ewwel żewġ finali. Meta Hamlin irritorna għat-tielet finali, ma kienx hemm differenza, għax Athleta, li wkoll lagħbu mingħajr Michael Naudi għall-aħhar żewġ logħbiet, baqgħu dominanti u r-rebħiet tagħhom kienu bi skor għoli.

Kien hemm il-bidu ta' kompetizzjoni oħra, bejn l-aħħar żewġ timijiet ta' l-Ewwel Diviżjoni u l-ewwel żewġ timijiet mit-Tieni Diviżjoni. Bupa Luxol u Tata Motors Loyola eliminaw lil Starlites u Bell Net SN Suns rispettivament wara żewġ logħbiet minn tlieta. Loyola rebħu din il-kompetizzjoni f'żewġ logħbiet, bit-tieni logħba tmur fil-ħin barrani.

Fir-rebħ tal-Kampjonat MSV Life tan-Nisa, il-finalisti kienu Luxol u Alyssa Ashley Loyola. Għal Loyola kienet l-ewwel dehra tagħhom f'finali ta' din il-kwalità. Is-sensiela marret sal-ħames partita. Wara li l-ewwel logħba marret favur Luxol, Loyola irkupraw sew biex rebħu ż-żewġ logħbiet ta' wara biex Luxol sforzaw l-aħħar logħba meta rebħu r-raba' finali. L-aħħar finali, bħal ta' qabilha, marret sal-aħħar sekondi, qabel ma Luxol żammew l-unur mirbuħ l-istaġun ta' qabel u għad-disa' darba fl-istorja tagħhom

**Kampjonat MSV Life I Diviżjoni Irġiel**

**Finali 1**
A to Z Electronics Athleta............70
**Depiro Mtarfa**..................................54
(16-9, 18-14, 7-15, 29-16)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara. A. Carbonaro

**Finali 2**
**Depiro Mtarfa**..................................50
A to Z Electronics Athleta............90
(12-22, 15-23, 13-24, 10-21)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, C. Terribile

**Finali 3**
A to Z Electronics Athleta............87
**Depiro Mtarfa**..................................54
(26-10, 18-20, 25-13, 18-11)
Referis: B. Vassallo, A. Mangani, A. Carbonaro

**Ir-rebbieħa kollha**
1967 Mundlos
1968 Mundlos
1969 Neptunes
1970 Luxol
1971 Sliema Aperol
1972 Luxol
1973 Sliema Aperol
1974 Sliema Aperol
1975 Polytechnic Fiat
1976 Wrangler
1977 Wrangler
1978 Luxol Pepsi
1979 Luxol Pepsi
1980 University Fiat
1981 University Fiat
1982 Luxol Capt. Morgan
1983 Luxol Murisan
1984 Luxol Murisan
1985 Hamrun L. Sigma
1986 Athleta
1987 Sl. Juv. Magic Kiosk
1988 Enemalta Paola Stars
1989 Enemalta Paola Stars
1990 Enemalta Paola Stars
1991 Depiro Eden Leisure
1992 Depiro Eden Leisure
1993 Luxol Fitgar
1994 Sliema Juv. Aperol
1995 Depiro Eden Leisure
1996 Depiro Eden Leisure
1997 Depiro Eden Leisure
1998 Depiro Eden Leisure
1999 Pembroke Repsol
2000 Pembroke Repsol
2001 Luxol Fiat
2002 Pembroke Allcom
2003 Luxol Fiat
2004 Pembroke Tumas Group
2005 Hamrun L. Go Mobile
2006 Pembroke
2007 Dakar Sliema
2008 Bupa Luxol
2009 Bupa Luxol
2010 Siggiewi Kent Boringer
2011 AtoZ Electronics Ath.
2012 AtoZ Electronics Ath.

**Placing Pool**
**Finali 1**
**Bupa Luxol**.........................................57
**Tata Motors Loyola** .......................79

(13-19, 13-19, 8-18, 23-23)
Referees: E. Mangani, S. Gouder, C. Terribile

**Finali 2**
**Tata Motors Loyola ......................84**
**Bupa Luxol ......................................81**
(16-15, 23-12, 19-22, 8-17) – (18-15)
Referis: E. Mangani. A. Carbonaro, S. Gouder

Kampjonat MSV Life Nisa

**Finali 1**
**Luxol..................................................52**
**Alyssa Ashley Loyola ...................41**
(10-4, 19-8, 12-15, 11-14)
Referis: B. Vassallo, A. Carbonaro, C. Terribile

**Finali 2**
**Alyssas Ashley Loyola .................48**
**Luxol .................................................46**
(8-11, 16-9, 13-13, 11-13)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro, C. Terribile

**Finali 3**
**Luxol..................................................56**
**Alyssa Ashley Loyola ...................57**
(12-9, 19-12, 11-16, 14-20)
Referis:E. Mangani, A. Carbonaro, C. Terribile

**Finali 4**
**Alyssa Ashley Loyola ...................55**
**Luxol .................................................59**
(16-11, 16 12, 18 16, 5-20)
Referis: B. Vassallo, A. Carbonaro, C. Terribile

**Finali 5**
**Luxol..................................................54**
**Alyssa Ashley Loyola ...................53**
(18-13, 15-9, 9-15, 12-16)
Referees: G. Barbara, E. Mangani, A. Carbonaro

**Ir-rebbieħa kollha**

1973 MCAST
1974 Gzira Youth Centre
1975 Luxol
1976 Polytechnic Fiat
1977 Polytechnic Fiat
1978 Polytechnic Fiat
1979 New University Fiat
1980 Athleta Legrand
1981 New University Fiat
1982 New University Fiat
1983 Athleta Fisher
1984 Luxol Murisan
1985 Luxol Murisan
1986 Luxol Imco
1987 Luxol Plasmon
1988 Siggiewi
1989 Selekta Paola Stars
1990 Luxol
1991 Selekta Paola Stars
1992 Luxol Plasmon
1993 Selekta Paola Stars
1994 Selekta Paola Stars
1995 Hibernians Selekta
1996 B'kara Med Film S.
1997 Pembroke Assitalia
1998 Hibernians
1999 Hibernians
2000 Hibernians
2001 Hibs Go Moblile
2002 Depiro Still
2003 Depiro Still
2004 Depiro Still
2005 Depiro Still
2006 Hibs Medsea
2007 Hibs Medsea
2008 Hibs Medsea
2009 Hibs Medsea
2010 Hibs Medsea
2011 Luxol
2012 Luxol



## Lista Finali ta' l-Aħjar Skorers

**I Diviżjoni Irġiel**

| Medja | Isem | Tim | Punti/Logħob |
|---|---|---|---|
| 33.33 | Evan Fjeld | Floriana Francesco Fenech | 400 / 12 |
| 31.92 | Jeron Belin | Bupa Luxol | 447 / 14 |
| 28.06 | Rashanti Harris | Tata motors Loyola | 449 / 16 |
| 21.66 | Marco Matijevic | Siggiewi | 390 / 18 |
| 17.44 | Greg Hamlin | Depiro Mtarfa | 314 / 18 |
| 15.27 | Chris Sammu | Floriana Francesco Fenech | 275 / 18 |

**II Diviżjoni Irġiel**

| Medja | Isem | Tim | Punti/Logħob |
|---|---|---|---|
| 17.68 | Robert Bonnici | Starlites | 336 / 19 |
| 17.65 | Ivan Marjanovic | Bell Net SN Suns | 353 / 20 |
| 17.33 | Petar Vulovic | Siggiewi | 364 / 21 |
| 14.92 | Rihards Polis | Floriana YTC Travel | 194 / 19 |
| 14.20 | Graham Coleiro | Mellieha Tritones | 223 / 15 |
| 13-86 | Matthew Shoults | Siggiewi | 208 / 15 |

**Kampjonat Nisa**

| Medja | Isem | Tim | Punti/Logħob |
|---|---|---|---|
| 20.22 | Desarae Johnson | Alyssa Ashley Loyola | 384 / 19 |
| 19.17 | Aleksandra Ratomska | Honey Athleta | 326 / 17 |
| 17.38 | Robin Murphy | Luxol | 365 / 21 |
| 16.60 | Lena Gipson | Hibs Melita Gardens | 415 / 25 |
| 15.41 | Steffi De Martino | McDonalds Depiro | 370 / 24 |
| 15.12 | Christina Grima | Alyssa Ashley Loyola | 378 / 25 |





# Xewkija Tigers
## jirbħu kollox f'dan l-istaġun

**Kampjonat Melita tal-Ewwel Diviżjoni**

Xewkija Tigers, immexxija mill-president ħabrieki Jeffrey Farrugia, flimkien mal-kowċ Simon Cassar, irnexxielhom jirbħu kull unur li kkompetew għalih f'dan l-istaġun meta minbarra li spiċċaw champions, huma rebħu wkoll l-Bov GFA Cup, is-Super Cup, it-Tazzi Indipendenza u Jum il-Ħelsien. Għaldaqstant huma nkurunaw bil-kbir staġun mill-iktar memorabbli għalihom. B'hekk huma wkoll, kif fil-fatt anke kienu għamlu fl-istaġun 1983-84, meta dak in-nhar kienu rebħu tliet tazzi, niżżlu isimhom ma' timijiet oħra fl-istorja tal-futbol Ghawdxi meta kaxkru kollox fi staġun wieħed. Sa mill-bidu tal-Kampjonat Melita tal-Ewwel Diviżjoni, huma wrew li ser ikunu minn ta' quddiem fejn prattikament dejjem okkupaw l-ewwel postijiet ta' dan it-62 Kampjonat, biex finalment spiċċaw b'43 punt, wieħed iktar minn Nadur Youngsters fejn fl-aħħar partita, kontra l-istess Nadurin, huma ħadu l-punt li kellhom bżonn quddiem l-ikbar folla li qatt ra l-Gozo Stadium ghal logħba futbol.

**BOV GFA Cup Finali**

Ix-Xewkin, b'gowl deċiżiv fl-14 il-minuta tat-tieni taqsima skorjat minn John Camilleri wara pass inteliġenti ta' Elton Vella, rebħu d-39 edizzjoni ta' GFA Cup. Kienet logħba mill-iktar kumbattuta fejn, f'Xagħra United, sabu avversarji determinati fejn minkejja li dawn tal-aħħar spiċċaw jilagħbu b'żewġ plajers inqas, ir-riżultat baqa' ncert sal-aħħar. Għal Xewkija dan kien ir-raba' unur staġjonali bil-GFA Cup tirritorna għandhom wara nuqqas ta' sitt staġuni. Għalihom ukoll dan kien it-tmien suċċess f'dan it-tieni l-ikbar unur li joffri l-futbol Għawdxi. Kienet l-esperjenza li finalment għamlet id-differenza bejn iż-żewġ naħat.

**Super Cup Finali**

Xewkija Tigers, b'rebħa oħra kontra Xagħra United fil-finali tas-Super Cup, kisbu l-ħames suċċess tagħhom staġjonali. Din il-finali li niżżlet is-siparju ta' dan l-istaġun kalċistiku Għawdxi, rat lil Xewkija jiksbu rebħa konvinċenti u fuq kollox meritata. Kienu huma li kellhom l-inizjattiva għal diversi ħinijiet, kif ukoll li ħolqu l-iktar ċansijiet ta' skor. Huma skorjaw il-gowls tagħhom minn penalti ta' Chris Camilleri wara foul fuq Rodney Buttigieg. Fit-tieni taqsima, huma rdoppjaw permezz ta' John Camilleri, fl-14 il-minuta, u Rodney Buttigieg issiġilla r-rebħa fit-33 minuta.

**Super Cup Finali**

Xewkija Tigers b'rebħa oħra kontra Xagħra United fil-finali tas-Super Cup, kisbu l-ħames suċċess tagħhom staġjonali. Din il-finali li niżżlet is-siparju ta' dan l-istaġun kalċistiku Għawdxi, rat lil Xewkija jiksbu rebħa konvinċenti u fuq kollox meritata. Kienu huma li kellhom l-inizjattiva għal diversi ħinijiet, kif ukoll li ħolqu l-iktar ċansijiet ta' skor. Huma skorjaw il-gowls tagħhom minn penalti ta' Chris Camilleri wara foul fuq Rodney Buttigieg. Fit-tieni taqsima huma rdoppjaw permezz ta' John Camilleri, fl-14 il-minuta, u Rodney Buttigieg issiġilla r-rebħa fit-33 minuta.

**Tazza Indipendenza**

It-Tigers, b'żewġ gowls fl-ewwel taqsima skorjati mill-attakkant John Camilleri, irnexxielhom jirbħu l-ewwel unur staġjonali għat-timijiet tal-Ewwel Diviżjoni. Dan issuċċess tagħhom li wasal wara għaxar snin f'din il-kompetizzjoni, kompla jikkonferma li t-Tigers kienu se jkun minn fost il-favoriti għal iktar unuri matul l-istaġun. Ir-rebħa tagħhom f'din il-31 edizzjoni tat-Tazza Indipendenza, kienet meritata għall-fatt li huma kienu aħjar mill-avversarji għal ħafna ħinijiet tal-partita fejn b'aktar attenzjoni mill-attakkanti tagħhom, huma setgħu serrħu rashom mill-kisba ta' dan l-unur qabel it-tisfira finali. Victoria Hotspurs, min-naħa tagħhom f'din ir-raba' finali konsekuttiva, sofrew mill-aggressività tat-Tigers, bir-rimonta tagħhom tasal tard fil-partita b'gowl ta' Ryan Grech fejn ir-Rabtin kienu fetħu tamiet ġodda li jistgħu jisforzaw il-ħin barrani.

**Tazza Jum il-Ħelsien**

Grazzi għall-gowls fit-tieni taqsima, Xewkija Tigers irnexxielhom jirbħu l-għoxrin edizzjoni tat-Tazza Jum il-Ħelsien meta huma għelbu lil Nadur Youngsters bl-iskor ta' 4-2. Għalihom, dan kien it-tieni unur staġjonali wara li aktar qabel kienu rebħu t-Tazza Indipendenza.

Kienet finali mill-aktar interessanti, movimentata u fuq kollox eċċitanti li, bla dubju, issodisfat lill-pubbliku ferm numeruż li attenda l-Gozo Stadium. Partita li kienet issiġillata wkoll bi tliet gowls mill-isbaħ, dawk ta' Claudio Antunes, Rodney Buttigieg u Chris Camilleri. Għalihom skorjaw Rodney Buttigieg fit-8 minuta, bi Claudio Antunes fl-24 minuta jikseb id-draw għal Nadur. Fit-13 il-minuta tat-tieni taqsima, il-Youngsters marru fil-vantaġġ permezz ta' Jeffrey Meilaq, wara freekick ta' Alex Simoncic. Iżda fl-20 minuta, Rodney Buttigieg b'rovexjata stupenda kiseb id-draw. Xewkija ħadu ħames minuti biex reġgħu marru minn fuq b'gowl li vvinta Chris Camilleri b'azzjoni personali, biex fl-34 minuta, issiġġillaw ir-rebħa minn Mark Camilleri.

# Diversi attivitajiet Sportivi b'risq Puttinu Cares

**Għal-tieni sena konsekuttiva ttellgħet sajda organizzata minn Julio Azzopardi bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat ta' Puttinu Cares f'Għawdex, fil-Valletta Waterfront. Għal din l-attività, fejn inġabru €1,272, pparteċipaw għadd ta' dilettanti tas-sajd kif ukoll oħrajn li għelbithom it-tentazzjoni biex jistadu huma wkoll. Fi tmiem din l-attività saret il-premjazzjoni tat-trofej lir-rebbieħa, kif ukoll ċertifikat ta' parteċipazzjoni lil kull min ħa sehem.**


Is-sajda b'risq Puttinu Cares

Bħala l-Club Champions, Kingfisher spiċċaw il-Fishbone b'qabda ta' 5.3 kg fl-ewwel post, segwiti minn Juniors b'5.04 kg u Denċi b'4.35 kg. Il-kompetizzjoni tad-Doubles intrebħet minn Roberto Bugeja/Adrian Nelson b'qabda ta' 3.87 kg. James Micallef/Stefan Borg bi 3.54 kg u Simon Axiaq/James Portelli b'2.68 kg. Il-kompetizzjoni tas-Singles intrebħet minn James Micallef bi 3.05 kg, segwit minn Adrian Nelson b'2.89 kg u Simon Axiaq b'1.52 kg fit-tieni u t-tielet post rispettivament. Din l-attività kienet possibbli li sseħħ bl-għajnuna ta' diversi entitajiet fosthom tal-Valletta Cruise Port, Anglers Centre, Mister Fish, Roots, Buon Pesca, Fishing Frenzy, Curtainraiser, Pirotta Fishing Centre, Solar Engineering Ltd, Valletta Waterfront, JDB Digital Printing, Blackdot Printers u Reel8 Productions Ltd.

Avveniment ieħor sportiv b'risq dan l-għan nobbli kienet il-maratona tal-futbol mifruxa fuq jumejn fl-Istadium ta' Għawdex minn fejn inġabru €1,880. Din is-somma nġabret minn logħbiet 6-a side minn diversi nurseries u gruppi oħra f'Għawdex, kif ukoll minn logħob divertenti organizzat għall-iskejjel. Saret ukoll ġabra minn fost l-ispettaturi waqt li kienet għaddejja l-finali tas-Super Cup bejn Xewkija Tigers u Xagħra United.

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono żaret il-maratona fejn iltaqgħet mal-parteċipanti żgħar li kienu qed jilagħbu l-futbol b'risq dawk morda bil-kanċer. Waqt din l-attività filantropika, il-pubbliku ingħata l-opportunità li jsir jaf aktar dwar il-ħarsien tas-saħħa permezz ta' testijiet tal-pressjoni tad-demm, il-livell taz-zokkor fid-demm, kif ukoll billi jintiżen u jiċċekkja l-Body Mass Index (BMI).

Attività oħra b'risq Puttinu Cares, kienet il-mixja li saret minn ħdejn il-bieb ewlieni tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex organizzata mill-Kumitat Soċjali, Kulturali u Edukattiv tal-Ħaddiema fi ħdan l-iSptar Ġenerali ta' Għawdex. Matul din l-attività kienu organizzati diversi inizjattivi oħra bħal logħob għat-tfal u bejgħ ta' pjanti, kejkijiet, kotba u diversi oġġetti oħra.

Mal-ħidma b'risq Puttinu Cares, kienet ukoll marbuta l-edizzjoni tal-Maratona ta' Għawdex organizzata mill-Gozo Amateur Athelic Club bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra. Fil-fatt, l-atleti kollha li ħadu sehem f'din is-37 edizzjoni kif ukoll dawk kollha preżenti, ġew mitluba biex jagħtu donazzjoni għal din l-Għaqda li tgħin bis-sħiħ lin-nies li jbatu bil-marda tal-kanċer. Attwalment din l-organizzazzjoni mwaqqfa fl-2000, tinsab għaddejja b'ħidma qawwija biex jitlestew 12-il appartament, ftit minuti biss 'l bogħod mir-Royal Marsden Hospital, l-isptar li jispeċjalizza fit-trattament tal-kanċer. Dan il-proġett, li huwa kkalkulat li ser jiġi jiswa €3 miljuni, mistenni li jakkomoda madwar 400 pazjent Malti u Għawdxi li jmorru ta' kull sena għat-trattament fl-Ingilterra.


Il-Ministru għal Għawdex l-Onor., Giovanna Debono, iżżur il-maratona u tiltaqa' mal-parteċipanti żgħar



# Finali mill-aqwa fit-trott u fil-galopp matul Ġunju

## Ix-xahar ta' Mejju kien ikkaratterizzat b'diversi attrazzjonijiet fil-korsa tal-Marsa



**Il-finali tal-kampjonati Skyparks għaż-żwiemel tat-trott Svediżi serqu x-xena. Dik tal-Klassi Premier intrebħet minn Wiss Night Hawk li, fid-dritta tat-tmiem, attakka b'saħħa kbira u baqa' sejjer biex rebaħ quddiem Livi Cantona u True Q.**

Il-finali l-oħrajn f'dawn il-kampjonati, intrebħu minn Lover Boy Index (klassi Gold), Victory Farming (klassi Silver), Nicole L.H. (klassi Bronze) u Trick The Lind (klassi Copper).

Kellna wkoll xejn inqas minn 21 heat mill-Kampjonati SECF għaż-żwiemel Franċiżi tal-Klassijiet kollha fuq distanza ta' 2,140m. Dawn irriżultaw f'tiġrijiet tassew kumbattuti u b'ħinijiet tajbin, inkluż il-1'15'0 fil-kilometru rrealizzat mid-debuttant, Oros de Reve, fil-Prix d'Enghien (Klassi Gold).

Is-sewwieq żagħżugħ, Shaun Portelli, għamel unur lil Malta meta rrappreżentana fil-Kampjonat tal-Mediterran għas-sewwieqa ġol-korsa ta' Agnano, ġewwa l-Italja, u kiseb it-tieni post prestiġjuż biex segwa fil-passi tar-rebħa ta' Raymond Clifton, f'pajjiżna, f'Marzu.

Rajna wkoll tiġrija oħra internazzjonali, fil-Marsa, bejn sewwieqa Maltin u Svediżi li rriżultat f'rebħa għall-Isvediż, Ronald Jansson.

Nifirħu wkoll lis-sewwieq Għawdxi, Julian Farrugia, li rebaħ is-Sewwieq tax-Xahar ta' April, wara s-sitt rebħiet li rreġistra f'dak ix-xahar.

Għada, 27 ta' Mejju, isiru tliet heats mill-aqwa mis-Sette Giugno Cup miftuħa għall-aqwa żwiemel, fuq distanza ta' 2,140m. Żwiemel minn seba' pajjiżi differenti huma miktuba fihom, bl ewwel erbgħa minn kull heat jikkwalifikaw għall-finali, li naturalment tinżamm fis-7 ta' Ġunju.

Fit-3 ta' Ġunju, naraw is-semi finali tal-Kampjonat tal-Franċiżi, bil-finali mill-aktar mistennija jsiru fis-17 ta' Ġunju.

L-attrazzjoni ewlenija fil-galopp, f'pajjiżna, se tinżamm ukoll f'dan ix-xahar, fl-10 ta' Ġunju, bil-finali tal-Mediterranean Derby, li fiha jieħdu sehem tmienja mill-krema taż-żwiemel tal-galopp f'pajjiżna.

Insomma, prattikament Kampjonat eċċitanti kull ġimgħa fil-korsa tal-Marsa matul ix-xahar li ġej. Min se jkunu r-rebbieħa?

# RIŻULTATI, SE

## Il-Ġimgħa, 20 ta' April, 2012

Race 1 – (2140m) – Class Copper Autostart
01. Emil Brebro (Brian Zammit) Ħin: 1 19' 3
02. Kung Fjalar (Mark Desira)
03. Trick The Lind (Noel Baldacchino)

Race 2 – (2140m) – Class Bronze Autostart
01. Ballad Ribb (Tony Demanuele) Ħin: 1'19"2
02. Purple Street (Charles Camilleri)
03. Nolan Streamline (Andy Mifsud)

Race 3 – (2140m) – Class Copper Autostart
01. Dollar As (Salvu Vella) – Ħin: 1'19"4
02. Vera LH (David Ellul)
03. Latest Score (Sh aun Portelli)

Race 4 – (1640m) – Class Open Autostart
01. Inkato (Darren Grima) – Ħin: 1'20"7
02. Dark Oman (Emmanuele James)
03. Shadow Fax (Simon Cachia)

Race 5 – (2140m) – Class Copper Autostart
01. Upptillbevis (Julian Farrugia) Ħin: 1 19 4
02. Glenn Healy (Claudio Refalo)
03. Pine Wood Harry (Cliferty Calleja)

Race 6 – (2140m) – Class Silver Autostart
01. Ackaturbo (Pamela Westgeest) Ħin: 1'17"7
02. Orage du Pont (Anita Gorter)
03. Ygor of Pass (Laura Cunningham)

Race 7 – (2140m) – Class Bronze Autostart
01. Nicole LH (Clint Vassallo) Ħin: 1'18"2
02. Mr King (France Tanti)
03. Family's Moonlight (Ivan Bilocca)

## Il-Ħadd, 22 ta' April, 2012

Race 1 – (3140m)
Class Bronze Autostart
01. Koko Loco (Jesmar Gafa) – Ħin: 1'20"8
02. Hawkear (Rodney Gatt)
03. Nill's Daka (Mario Farrugia)

Race 2 – (3140m)
Class Silver Autostart
01. Nasdaq du Closet (Eugenio Zerafa) – Ħin: 1'19"0
02. Orgeat (Noel Baldacchino)
03. Ouragan de Valsoiz (Emmanuel Garzia)

Race 3 – (3140m)
Class Silver Autostart
01. L'Alpha de Cosse (David Galea) – Ħin: 1'18"7
02. Lord of Rush (Ludvic Ghigo)
03. Orphee Kadesh (Michael Ellul)

Race 4 – (2140m)
Class Silver Autostart
01. Ironbar (Julian Farrugia) – Ħin: 1'17"7
02. Rambo Lambo (Claudio Refalo)
03. Victory Farming (Shaun Portelli)

Race 5 – (2140m)
Class Silver Autostart
01. Delvin Brodde (Julian Farrugia) – Ħin: 1'16"8
02. Victory Toll (Charles Camilleri)
03. Race Ball (Tony Demanuele)

Race 6 – (2140m)
Class Silver Autostart
01. Stefan Sufflor (Anthony Bartolo) – Ħin: 1'17"1
02. Hulot (Jason Vassallo)
03. Global Hunt (Charles Camilleri)

Race 7 – (2140m)
Class Premier Autostart
01. Utah Hornline (Julian Farrugia)

Ħin: 1'15"1
02. Livi Cantona (Charles Camilleri)
03. Think Yatzee (Clint Vassallo)

Race 8 – (2140m) – Class Gold Autostart
01. Lover Boy Index (Noel Baldacchino) Ħin: 1'16"2
02. Affe Fager (Brian Zammit)
03. Matador Knick (Carmelo Farrugia)

## Il-Ħadd, 29 ta' April, 2012

Race 1 – (2140m)
Class Copper Autostart
01. New Hope (Charles Camilleri) Ħin: 1'18"6
02. Splanky (Dario Fenech)
03. Icare de Jemma (Tony Demanuele)

Race 2 – (2140m)
Class Copper Autostart
01. Luriga Liz (George Attard) Ħin: 1'18"2
02. Zut (Joe Schembri)
03. Dandy (Robert Polidano)

Race 3 – (2140m)
Class Bronze Autostart
01. Above Roland (Rodney Gatt) Ħin: 1'17"0
02. Boston Harbor (George Attard)
03. Brokkur TYC (Peter Farrugia)

Race 4 – (1750m)
Class A Flat Race
01. Cheeky Jack (Stati Uniti) – Ħin: 1'13"57
02. Darielli (Stati Uniti)
03. Little Anthony (Irlanda)

Race 5 – (2140m)
Class Bronze Autostart
01. Ocean Gede (Cliferty Calleja) – Ħin: 1'16"5
02. Pout de Quelaines (Kerstin Galea)
03. Notre Bellouet (Clive Gerada)

Race 6 – (2140m)
Class Silver Autostart
01. Pared An Hoel (Ivan Bilocca) – Ħin: 1'17"3
02. Lys de l'Oasis (Redent Magro)
03. Nasdaq de Closet (Eugenio Zerafa)

Race 7 – (2140m)
Class Premier Autostart
01. Oviedo Vici (Darren Mizzi) – Ħin: 1'14"7
02. Normand d'Oger (Cliferty Calleja)
03. Nono de Crouay (Melvin Farrugia)

Race 8 – (2140m)
Class Premier Autostart
01. Pedros au Top (Brian Zammit) – Ħin: 1'19"3
02. West Life (Charles Camilleri)
03. Super Spot (Joe Muscat)

Race 9 – (2140m)
Class Bronze Autostart
01. Notre Joyeux (Charles Camilleri) – Ħin: 1'16"8
02. Koko Loco (Jesmar Gafa)
03. Running Asterix (Mario Fenech)

## It-Tlieta, 1 ta' Mejju, 2012

Race 1 – (2140m)
Class Copper Autostart
01. Esmeralda Run (Mario Falzon) Ħin: 1'18"1
02. Mercure Qui Salt (Omar Cauchi)
03. Qualou d'Axel (Carmelo Mifsud)

Race 2 – (2140m)
Class Copper Autostart
01. Lorrain d'Oliverie (Brian Hili) Ħin: 1'19"0
02. Great Line (Tony Demanuele)
03. Lulu Moliere (Emmanuel Bonello)

Race 3 – (2140m)
Class Silver Autostart
01. Ackaturbo (Shaun Portelli) Ħin: 1'16"4
02. Marlow AS (Clayton Vella)
03. Lorenz de Noyelles (Rodney Gatt)

Race 4 – (2140m)
Class Silver Autostart
01. Flying As (Jonathan Farrugia) Ħin: 1'16"5
02. Olifant du Pony (Tony Tanti)
03. Ocean Brillouard (Clint Vassallo)

Race 5 – (2140m)
Class Open Autostart
01. Nous Dix de l'Erve (Roland Jansson) Ħin: 1'16"5
02. Keeping Quality (Cay Makinene)
03. Cacos Kaos (Stig Nillson)

Race 6 – (2140m) – Class Silver Autostart
01. Stoms Alex (Charles Camilleri) – Ħin: 1'16"5
02. Petrus du Vivier (Mark Desira)
03. Orage du Pont (Antoine Grech)

Race 7 – (2140m)
Class Premier Autostart
01. Zilver Boko (Tony Demanuele) – Ħin: 1'15"8
02. Happiness Photo (Julian Farrugia)
03. Troy Boshoeve (Salvu Vella)

Race 8 – (2140m)
Class Silver Autostart
01. Narcus du Roc (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"9
02. Darco As (Mark Tanti)
03. Oregon de la Foret (Joe Schembri)

Race 9 – (2140m)
Class Bronze Autostart
01. Noe de Loudat (Kevin Sciberras) – Ħin: 1'17"4
02. Wonderofyou (Julian Farrugia)
03. Petit Veinard (Charles Camilleri)

## Il-Ħadd, 6 ta' Mejju, 2012

Race 1 – (2140m)
Class Gold Autostart
01. Soren Sufflor (Rodney Gatt) – Ħin: 1'16"9
02. Must du Buisson (Charles Camilleri)
03. Pirate d'Urzy (Eugenio Bondin)

Race 2 – (2140m)
Class Gold Autostart
01. Side Spin (Julian Farrugia) – Ħin: 1'16"9
02. Okir de Leau (Brian Hill)
03. Lime Casted (Rodney Gatt)

Race 3 – (2140m)
Class Gold Autostart
01. She's Dreamlike (Julian Farrugia) – Ħin: 1'16"1
02. Wim (Brian Zammit)
03. Paleo de la Dives (Sam Cassar)

Race 4 – (2140m)
Class Gold Autostart
01. Trick The Lind (Noel Baldacchino) Ħin: 1'18"1
02. Emil Brebro (Brian Zammit)
03. Pine Wood Harry (Clifferty Calleja)

Race 5 – (2140m)
Class Gold Autostart
01. Nicole LH (Clint Vassallo) Ħin: 1'16"9
02. Mr King (France Tanti)
03. Family's Moonlight (Ivan Bilocca)

Race 6 – (2140m)
Class Silver Autostart
01. Victory Farming (Frank Portelli) Ħin: 1'15"9
02. Bankir Zon (Clint Vassallo)
03. Delvin Brodde (Julian Farrugia)

Race 7 – (2140m)
Class Gold Autostart
01. Lover Boy Index (Noel Baldacchino) Ħin: 1'15"5
02. Stefan Sufflor (Anthony Bartolo)
03. Matador Knick (Carmelo Farrugia)

Race 8 – (2140m)
Class Gold Autostart
01. Nagano Phedo (Mario Fenech) Ħin: 1'15"3
02. Velikko Hornline (Carl Caruana)
03. Energy Launcher (Redent Magro)

## Il-Ġimgħa, 11 ta' Mejju, 2012

Race 1 – (2140m)
Class Copper Autostart
01. Loulou Noir (Carl Caruana) – Ħin: 1'19"8
02. Mambere (Kevin Sciberras)
03. Ideal de Suce (Clint Vassallo)

Race 2 – (2140m)
Class Copper Autostart
01. Lucky Charm (Jeffrey Said) – Ħin: 1'19"3
02. Mistral du Chene (Sandro Cutajar)
03. Icare de Jemma (Tony Demanuele)

Race 3 – (2140m)
Class Copper Autostart
01. Jibilo de Terme (Ramon Briffa) – Ħin: 1'19"3
02. Mercure Qui Sait (Omar Cauchi)
03. Minou de Perdriat (Francis Cassar)

Race 4 – (2140m)
Class Bronze Autostart
01. Koko Loco (Jesmar Gafa) – Ħin: 1'17"8
02. Quouky du Soir (Redent Magro)
03. Mambo du Mont (Carl Caruana)

Race 5 – (2140m)
Class Bronze Autostart
01. Noe de Loudat (Kevin Sciberras) – Ħin: 1'18"6
02. Quei Eole Galbe (Redent Magro)
03. Kaki du Vivier (Charles Camilleri)

Race 6 – (2140m)
Class Silver Autostart
01. Natif de l'Hommee (Raymond Clifton) – Ħin: 1'16"5
02. Lutan Villetot (Noel Baldacchino)
03. Netter Williams (Redent Magro)

Race 7 – (2140m) – Class Bronze Autostart
01. Obelix Blue (Salvu Vella) – Ħin: 1'18"3
02. Pout de Quelaines (David Galea)
03. Prince Orange (Charles Farrugia)

Race 8 – (2140m) – Class Silver Autostart
01. Pared An Hoel (Ivan Bilocca) – Ħin: 1'17"8
02. Orlov du Poncelet (Melvin Farrugia)
03. Landl Breton (Nicholas Bonello)

Race 9 – (2140m)
Class Premier Autostart
01. Wiss Night Hawk (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"8
02. Livi Cantona (Charles Camilleri)
03. True Q. (Shaun Portelli)

Race 10 – (2140m)
Class Bronze Autostart
01. Notre Joyeux (Charles Camilleri) – Ħin: 1'17"0
02. November Oaks (Michael Ellul)
03. It's My Way (Brian Hili)

Race 11 – (2140m)
Class Silver Autostart
01. Ocean Brillouard (Michael Ellul) – Ħin: 1'17"5
02. Pascal d'Ablon (Ramon Briffa)
03. Pegase de Relais (Tony Cauchi)

## Il-Ħadd, 13 ta' Mejju, 2012

Race 1 – (2140m)
Class Silver Autostart
01. Petrus de Vivier (Mark Desira) – Ħin: 1'18"4
02. Never Better (David Ellul)
03. Olifant du Pouy (Tony Tanti)

Race 2 – (2140m)
Class Silver Autostart
01. Ollico Pellois (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'17"4
02. Notre Allegro (Michael Ghigo)
03. Need A Chance (Rodney Gatt)

Race 3 – (1250m) – Flat Race
01. Mayfair Princess (Ramon Grima) – Ħin: 1'14"6
02. Little Anthony (Demis Zammit)
03. Nuage de la Tour (Giuseppe Bordonaro)

Race 4 – (2140m)
Class Silver Autostart
01. Ouragan d'Any (France Gauci) – Ħin: 1'17"4
02. Okir de Leau (Brian Hili)
03. Podium (Julian Farrugia)

Race 5 – (2140m)
Class Premier Autostart
01. Mig of the Woods (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'15"7
02. Milord Barbes (Francis Cassar)
03. Nasko Pride (Christian Xerri)

Race 6 – (2140m)
Class Gold Autostart
01. Marini de Mont (Salvu Vella) – Ħin: 1'16"7
02. Orlando Tejy (Noel Baldacchino)
03. Oscar Mati (Rodney Gatt)

Race 7 – (2140m) Class Premier Autostart
01. Nevaio des Bordes (Julian Farrugia) – Ħin: 1'16"6
02. Nitesco d'Antony (Michael Ellul)
03. Mustang du Don (Charles Camilleri)

Race 8 – (2140m) Class Gold Autostart
01. Nagano Phedo (Mario Fenech) – Ħin: 1'16"3
02. Nuevo Musette (Noel Baldacchino)
03. No Comprendo (Andrew Farrugia)

Race 9 – (2140m)
Class Premier Autostart
01. Nuage de Bourgogne (Herman McKay) – Ħin: 1'15"3
02. Mystere d'Urfist (Rodney Gatt)
03. Nelson du Val (Salvatore Cutajar)

Race 10 – (2140m)
Class Gold Autostart
01. Oros de Reve (Charles Camilleri) – Ħin: 1'15"0
02. Pirate d'Urzy (Eugenio Bondin)
03. La Bolide de Suret (Melvin Farrugia)

Race 11 – (2140m)
Class Premier Autostart
01. Label Chouan (David Ellul) – Ħin: 1'16"0
02. Ouf Boy (Eugenio Bondin)
03. Lady de Vindecy (Julian Farrugia)

Race 12 – (2140m) – Class Gold Autostart
01. Magnifique Sablais (Julian Farrugia) – Ħin: 1'17"2
02. Novak (Rodney Gatt)
03. Match de Bannes (Noel Baldacchino)





World 8 Ball Pool Championship - Blackpool - 24 ta' Ġunju - 4 ta' Lulju

# Malta U/21 se tiddefendi t-titlu ta' champions tad-dinja

It-tim nazzjonali Malti tal-Pool ta' Taħt il-21 sena se jiddefendi it-titlu ta' champions tad-dinja, fi Blackpool, b'tim kompletament ġdid.

It-tim Malti li rebaħ il-Kampjonati Mondjali matul is-sena li għaddiet kien magħmul mill-plejers, Thurston Grixti, Maverick Zammit u Matthias Mallia. Din kienet l-ewwel darba fl-istorja sportiva lokali li tim Malti rebaħ Kampjonat Mondjali.

Ta' min isemmi, li eżatt wara li rebħu l-Kampjonat tad-Dinja, jiġifieri madwar sena ilu, Thurston Grixti iddeċieda li jieqaf għal kollox kemm mil-logħba tal-Pool kif ukoll mil-logħba tas-Snooker fejn kellu diversi suċċessi kemm fil-Kampjonati Ewropej kif ukoll dawk Mondjali.

Maverick Zammit, li din is-sena rebaħ il-Kampjonat Malti għall-ewwel darba, issa se jilgħab fit-tim nazzjonali tal-kbar. Il-plejers li se jirrappreżentaw lil Malta U/21, fi Blackpool, għall-Kampjonat Mondjali li ġej, se jkunu Neil Goodlip, Lyden Debono, Neil Chetchuti, Kane Smith, Nicky Spiteri u Matthew Galdes.




It-Tim Nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena li rebaħ it-Tazza tad-Dinja, is-sena l-oħra. It-tliet plejers Maltin, mix-xellug għal-lemin: Maverick Zammit, Matthias Mallia u Thurston Grixti flimkien mal-manager tagħhom

Il-formazzjoni tat-tim nazzjonali Malti tal-Irġiel se jkun magħmul minn dawn il-plejers: Maverick Zammit, Kevin Mercieca, Wayne Bonnici, Alex Camilleri, Christ Mills, Mario Brincat, Clayton Castaldi u Malcolm Azzopardi, filwaqt li l-plejers tal-Juniors se jkunu Scott Muscat, Ryan Pisani, Dylan Cassar, Owen Amato, Ryan Falzon u Dejan Grech.

minn Vincent Pisani



## Kwalifikazzjoni għall-Kampjonat Mondjali tal-Pool

# Castaldi jegħleb lil Azzopardi 9-8



Clayton Castaldi

**Clayton Castaldi irnexxielu jegħleb lil Malcolm Azzopardi 9-8 fil-final tal-kwalifikazzjoni għall-Kampjonat tad-Dinja tal-Pool biex iż-żewġ plejers sabu posthom għall-ewwel darba fit-tim nazzjonali li se jikkompeti fit-Tazza tad-Dinja, ix-xahar id-dieħel, fi Blackpool, fl-Ingilterra.**

Fis-semi-finali, Castaldi għeleb lil Marcel Micallef 8-6 filwaqt li Malcolm Azzopardi għeleb lil Clint Azzopardi 8-7.

Ir-riżultati tal-kwarti-finali kienu dawn: Castaldi v Johan Attard 7-6, Malcolm Azzopardi v Matthias Mallia 7-2, Clint Azzopardi v Jesmond Schembri 7-3 u Marcel Micallef v Norbert Vella 7-3.

## Kampjonat Nazzjonali tas-Snooker

# Aaron Busuttil champion tal-U/21



Aaron Busuttil

**Aaron Busuttil irnexxielu jirbaħ it-tieni Kampjonat Nazzjonali tiegħu ta' Taħt il-21 sena meta fil-final għeleb lil Brian Cini 5-2.**
**Fis-semi-finali, Busuttil għeleb lil Chris Peplow 4-2 filwaqt li Brian Cini għeleb lil Matthew Zammit 4-1. B'kollox, f'dan il-Kampjonat ħadu sehem 16-il plejer li tqassmu f'erba' gruppi. Tnejn minn kull grupp għaddew għall-kwarti-finali.**

**Ir-riżultati tal-kwarti-finali kienu dawn:**

| | |
|---|---|
| Aaron Busuttil v Ryan Pisani | 4-0 |
| Matthew Zammit v Wayne Pace | 4-0 |
| Brian Cini v Miguel Mizzi | 4-0 |
| Chris Peplow v Johnatan Attard | 4-2 |

**Ir-rebbieħa kollha mill-2005 kienu dawn:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2005: | U/18 | Shaun Agius v Miguel Falzon | 5-0 |
| 2006: | U/18 | Thurston Grixti v Mathias Mallia | 5-0 |
| 2007: | U/18 | Joseph Casha v Aaron Busuttil | 5-4 |
| 2008: | U/19 | Thurston Grixti v Aaron Busuttil | 5-4 |
| 2009: | U/19 | Thurston Grixti v Aaron Busuttil | 5-3 |
| 2010: | U/19 | Aaron Busuttil v Shaun Sultana | 5-2 |
| 2011: | U/21 | Wayne Pace v Chris Peplow | 5-4 |
| 2012: | U/21 | Aaron Busuttil v Brian Cini | 5-2 |

## Kampjonat Nazzjonali tas-Snooker Under 16

# Brian Cini jegħleb lil Mathew Zammit fil-finali



Brian Cini

**Brian Cini (St. Philip Band Club - Żebbuġ) irnexxielu jirbaħ l-ewwel titlu nazzjonali ta' Taħt is-16-il sena meta fil-final għeleb lil Matthew Zammit ta' 147 Snooker Hall bi frame score ta' 4-0.**

Fis-semi-finali, Cini għeleb lil Leon Caruana 3-0 filwaqt li Zammit għeleb lil Chris Peplow 3-0 ukoll. F'dan l-istaġun ħadu sehem 11-il-plejer li tqassmu f'żewġ gruppi bl-ewwel tnejn minn kull grupp jgħaddu għas-semi-finali.

Ir-rebbieħa kollha mill-2006 kienu dawn:

| | | |
|---|---|---|
| 2006: | Thurston Grixti v Wayne Pace | 5-0 |
| 2007: | Shaun Sultana v Wayne Pace | 5-4 |
| 2009: | Chris Peplow v Brandon Farrugia | 5-0 |
| 2010: | John Farrugia v Luke Borg | 4-0 |
| 2011: | Chris Peplow v Jurgen Galea | 4-0 |
| 2012: | Brian Cini v Matthew Zammit | 4-0 |

## Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# It-Tiġrija tal-Vitorja (1990-1999) ... Ir-Raba' Parti

Kemm dawn il-fatturi fil-fatt effettwaw lir-Regatta Nazzjonali jien għandi d-dubji tiegħi, għax apparti l-ħin esaġerat li ta' kull sena jintilef bejn korsa u oħra u l-iżbilanċ fost id-distretti, il-fatturi l-oħra kollha minn dejjem kienu jeżistu fir-Regatta sa mill-bidu tagħha mijiet ta' snin ilu. Jien naħseb li l-problema ta' nuqqas ta' nies ġejja minn fatturi oħrajn, xi wħud minnhom espressi f'intervisti minn diversi dilettanti li għad għandhom għal qalbhom dawn it-tiġrijiet.

Nibda b'partitarju Bormliż: *'... jien inżilt kemm-il darba ħdejn il-maħżen bil-ħsieb li nara lill-qaddiefa jitħarrġu, iżda jiddispjaċini ngħid li ddiżappuntajt ruħi ħafna għax rajt biss żewġ ekwipaġġi tar-reserves jitħarrġu ... meta staqsejt għall-kbar qaluli li marru jittrenjaw fil-kanal ... anzjan qalli li l-qaddiefa qegħdin jagħtu qadfa mill-Maċina sal-kexxun tal-Baċir tat-tarzna mbagħad jaqbdu triqthom lejn il-Marsa biex jieħdu t-triq fil-kanal ... meta rajt hekk tlajt 'l fuq u ddeċidejt li ma ninżilx aktar ... fi tfuliti, ħdejn il-maħżen tar-Regatta ta' Bormla kienu jkun hemm mijiet ta' dilettanti, iżda llum ma tara lil ħadd għajr biss xi erba' qaddiefa u xi membri tal-kumitat ...'*

Qaddief Marsi kien aktar negattiv fil-kummenti tiegħu: *'... sa ftit tas-snin ilu, dawn il-mollijiet kienu jkunu mimlijin bl-ispettaturi, illum kważi ma tara lil ħadd, il-ftit li jkun hemm tista' litteralment tgħoddhom fuq il-pala ta' idejk ... għalija r-Regatta spiċċat ...'*

Qaddief Bormliż ikkummenta hekk dwar it-taħriġ tad-dgħajjes: *'...x'differenza bejn żmieni u llum ... waqt li fis-snin 70 u l-bidu tat-tmenijiet ix-xatt ta' Santa Tereża, fejn hemm il-maħżen tar-Regatta, kien ikun mimli bil-partitarji tagħna llum ma tara lil ħadd ... issib min jgħid li l-pontuni tal-Marina tal-Birgu tawna d-daqqa tal-mewt għax m'hemmx spazju biżżejjed biex issir it-taħriġ tal-qaddiefa tagħna ... jien u sħabi konna naqdfu mill-kexxun tal-baċir tat-tarzna sal-Maċina u n-nies kienet tieħu pjaċir bina u tibqa' x-xatt sa ma jidlam ... qabel l-aħħar ġimgħa ta' Awwissu aħna ma konniex mmorru nitħarrġu fil-kanal għax konna nafu li mhux kulħadd seta' jsegwi l-aħħar provi mid-dwana, u n-nies kienet tapprezzaha ħafna dan il-ġest ... sfortunatament, il-qaddiefa llum qegħdin jagħmlu l-kuntrarju ta' dak li konna nagħmlu aħna ... ta' kuljum qegħdin jitilqu lejn il-belt u meta tinżel ix-xatt ma tara lil ħadd mill-kbar ... għalkemm din il-problema hi mifruxa mad-distretti kollha, jien nosserva li f'lokalitajiet oħra għadu jsir xi taħriġ fil-viċinanza tal-klabbs tar-Regatta ... l-Isla m'għandhomx din il-problema, għax anke jekk il-qaddiefa m'għadhomx jittrenjaw qrib il-Ponta kif kienu jagħmlu fl-imgħoddi, xorta waħda l-partitarji tagħhom jistgħu jsegwuhom mill-Gardjola jew mill-Ponta ... jiddispjaċini ngħid li jekk it-taħriġ jibqa' jsir 'il bogħod minn għajnejn id-dilettanti Bormliżi, naħseb li s-sapport se jkompli jonqos drastikament ... illum ma tara l-ebda partitarju Bormliż isegwi l-provi fil-kanal, fi żmieni, id-dwana tal-belt kienet tkun mimlija bil-Bormliżi ...'*

Dilettant mill-Belt ukoll ried jikkummenta dwar it-taħriġ tal-qaddiefa Beltin: *'... aħna ilna sejrin lura minn mindu l-qaddiefa tagħna ma baqgħux jitħarrġu fil-Port ta' Marsamxett ... jien niftakar mijiet ta' dilettanti, kemm ix-xatt kif ukoll fuq is-swar isegwu l-provi ... sas-snin 70 rari kienu jidħlu fil-kanal ... meta krejna maħżen ħdejn id-dwana, il-qaddiefa tagħna bdew jittrenjaw fil-kanal, u jien bħal ħafna dilettanti oħra konna ninżlu kuljum id-dwana li kienet tkun mimlija bil-partitarji ta' Bormla, tal-Birgu u tal-Marsa ... illum ma bqajtx ninżel ... in-nuqqas ta' rebħ ta' paljijiet qed iżommni 'l bogħod mir-Regatta ... l-aħjar qaddiefa tagħna marru ma' distretti oħrajn ... le, le, ma nżiltx aktar ...'*

Partitarju Kalkariż waqt li qabel li r-Regatta marret ħafna lura, meta tkellem dwar it-taħriġ tal-qaddiefa kkummenta hekk: *'... jien nosserva li kemm il-qaddiefa tagħna kif ukoll tal-Birgu jagħmlu ħin jittrenjaw fid-daħla tal-Kalkara, minn taħt iż-żiemel sal-klabbs rispettivi tagħhom, iżda f'xi ħin imorru jittrenjaw fil-kanal bħall-ekwipaġġi l-oħra ... ovvjament, in-nuqqas ta' ekwipaġġi jitħarrġu fil-viċinanza tal-klabbs tar-Regatta qed inaqqas ħafna mill-popolarità tar-Regatta fost in-nies ta' kull lokalita', u għalhekk ma neħodhiex bi kbira li minħabba hekk ħafna dilettanti ma jibqgħux jinteressaw ruħhom fiha ... naħseb li parti mit-tort hu tal-kumitati distrettwali li mhumiex kapaċi jikkontrollaw lill-qaddiefa tagħhom ... sas-snin 80, it-taħriġ kien isir fid-daħla tal-Kalkara, imbagħad fil-bidu ta' Settembru jidħlu fil-kanal ... ir-Regatta marret lura u l-kumitati distrettwali jafu tajjeb ir-raġunijiet li wassluha f'din il-qagħda ....'*



*L-ekwipaġġ Marsi tad-dgħajsa ta' bl-Erbgħa, jidher isellem lill-partitarji wara r-rebħ*

Bla dubju ta' xejn, in-nuqqas ta' nies beda jinkwieta ħafna lill-organizzaturi tar-Regatta Nazzjonali kif ukoll lill-kumitati distrettwali li lkoll kienu rappreżentati fis-sotto kumitat tar-Regatta affiljat mal-Kumitat Festi Nazzjonali tat-8 ta' Settembru. Fil-bidu tas-snin 90, jien kont mistieden minn dan is-sotto kumitat biex niddiskutu xi suġġeriment li kont ippubblikajt fl-artiklu sportiv ftit tal-jiem qabel, u li fil-fehma tiegħi setgħu jgħinu ħafna lill-organizzazzjoni tar-Regatta fit-tentattiv tagħhom biex din it-tradizzjoni terġa' tikseb mill-ġdid il-popolarità kbira li kienet tgawdi fost il-poplu Malti.



Dwell aħrax bejn l-Isla u Bormla fl-aħħar fażi tat-tiġrija tal-Midalji fl-1993



minn Joseph Serracino

Niftakar li din il-laqgħa, li kienet immexxija mis-sur Antoine Portelli (Chairman tal-kummissjoni Regatta), kienet saret f'Casa Gaspe, u għaliha attendew ukoll is-sinjuri Alfred Chetcuti (Chairman tal-Kumitat Festi Nazzjonali), Anton Miceli (Kultura) u Albert Callus (Edukazzjoni) kif ukoll rappreżentati tal-klabbs tar-Regatta fosthom Sunny Busuttil, Reno Chircop, Alfred Mizzi, Noel Scerri u Sunny Zammit.

L-ewwel ħaġa li fakkarthom kien li fl-imgħoddi, fit-8 ta' Settembru, ma kienx isir sport ieħor f'Malta għajr biss ir-Regatta Nazzjonali, u li din hi waħda mill-fatturi li r-Regatta tilfet ħafna mill-popolarità tagħha fost il-poplu tagħna. Imbagħad għamilt diversi suġġerimenti lill-kummissjoni, fosthom l-introduzzjoni ta' tiġrijiet għaż-żagħżagħ.

Issuġġerejt li minnufih jiġu organizzati xi tiġrijiet għaż-żagħżagħ biex b'hekk ir-Regatta tieħu r-ruħ, l-ewwel jiġu organizzati l-korsi tal-Frejgatini u l-Kajjikki u fiż-żmien tliet snin jiżdiedu t-tlieta l-kbar. Issuġġerejt li f'din il-kategorija ta' tiġrijiet jipparteċipaw żgħażagħ taħt il-21 sena, kull korsa tingħata l-punti u r-rebbieħa jingħataw tazza tal-Fidda li tibda tissejjaħ 'Aggregate Cup'.

Issuġġerejt ukoll li l-età tkun flessibbli sa 25 sena, partikolarment għal dawk id-distretti li ma jkollhomx qaddiefa biżżejjed. Kull qaddief li jieħu sehem f'din il-kategorija jkun marbut b'regolament li ma jistax jieħu sehem fir-Regatta tal-kbar, iżda jkollu d-dritt li jipparteċipa sa tliet tiġrijiet.

L intervall bejn korsa u oħra m'għandux ikun ta' aktar minn 10 minuti. Għalhekk ħassejt li kien hemm bżonn li mar-regoli tar-Regatta jiżdied regolament ġdid li jirregola b'mod aktar effettiv iż-żamma tal-ħin bejn korsa u oħra.

Għalhekk bi ftehim mal-Għaqda tar-Regatta jiżdied regolament li jesiġi li l-ekwipaġġi kollha għandhom ikunu fil-post tat-tluq mat-tmiem it-tiġrija preċedenti.

Finalment, il-membri tal-ġurija jingħataw l-awtorità li ma jħallu l-ebda ekwipaġġ jipparteċipa fit-tiġrija jekk ma josservax strettament dan ir-regolament. Il-ħin stabbilit tar-Regatta għandu jkun ta' erba' sigħat bejn is-1.00 p.m. u l-5.00 p.m. Il-poloz jittellgħu qabel ir-Regatta, waqt li ċ-ċerimonja tat-tqassim tal-paljijiet u l-għoti tax-Shield issir wara li tintemm ir-Regatta. Issuġġerejt ukoll li tibda ssir il-ġostra, preferibbilment qrib il-Ponta tal-Isla.

Issuġġerejt li f'Jum l-Independenza ssir tiġrija oħra tad-dgħajjes fuq l-istess format bħal dik tal-Vitorja, bir-rebbieħa jingħataw shield ġdida 'Independence Shield' Bejn iż-żewġ festi hemm biss 13-il gurnata, u għalhekk Tiġrija oħra akkanita tista' mhux biss tħeġġeġ aktar nies jinżlu jarawha iżda wkoll għandha tkun ta' attrazzjoni speċjali għat-turisti f'nofs Settembru. Issuġġerejt li din it-tiġrija ssir fil-kanal mill-Break Water sal-Ponta ta' l-Isla, u fiha kull distrett jipparteċipa b'żewġ opri.

Peress li jien kont konvint li l kanal eżistenti kapaċi jospita tmien opri f'kull korsa (u hawn jien qed nitkellem dwar is-snin 90, fejn fir-Regatta kienu jipparteċipaw sitt distretti), kont issuġġerejt ukoll li f'kull korsa jiżdiedu żewġ opri oħra mas-sitta attwali. Dawn iż-żewġ opri jintgħażlu permezz ta' heats li jsiru fil-bidu ta' Settembru minn taħt il-Pont ta' Ras Hanżir sal-Ponta tal-Isla. L-aħjar żewġ opri li jġibu l-aħjar ħin jipparteċipaw mal-kbar. Jekk xi distrett jirtira mir-Regatta jew ma jkunx se jipparteċipa f'xi korsa partikolari, postu jittieħed mit-tielet opra bl-aħjar ħin fil-heats.

Kont issuġġerejt ukoll tibdil fil-punteġġ tal-kategoriji. Ħafna jsostnu li jekk il-punteġġi tat-tiġrijiet ikunu kollha l-istess tkun qed issir ġustizzja mal-ekwipaġġi tal-opri ż-żgħar li l-korsa tagħhom hija diffiċli ħafna. Fuq kollox it-tul tal-korsa hu l-istess għall-ekwipaġġi kollha! Suġġeriment ieħor dwar il-punteġġ tal-koros kien li d-dgħajjes tal-Midalji, Frejgatini, tad-dgħajjes ta' Bi Tnejn u Kajjikki jingħataw 20 -12 - 6 waqt li l-punteġġ tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa jibqa' 24 - 16 - 8.

Issuġġerejt ukoll biex fir-Regatta Nazzjonali terġa' tiġi ntrodotta mill-ġdid it-tiġrija b'qaddief wieħed - din id-darba, din it-tiġrija tingħata l-punti u tibda tgħodd għar-rebħ tax-Shield. Suġġerimenti oħrajn kienu dwar l-introduzzjoni ta' tiġrijiet tal-Frejgatini tal-Qlugħ, Kenuri u Giġġijiet fl-istaġun tas-sajf bil-preżentazzjoni tat-tazzi tal-Fidda ssir minn xi rappreżentant tal-gvern fid-Dwana l-Qadima. Dawn it-tiġrijiet huma ta' attrazzjoni turistika u jistgħu jsiru matul ix-xahar ta' Awwissu, kemm filgħodu kif ukoll wara nofs in-nhar.

*ikompli f'ħarġa oħra*

ISLA MARSA MARSAMXETT BORMLA BIRGU KALKARA BIRŻEBUĠĠA

# Kampjonat 1955-56

# Sliema Wanderers ikabbru l-vantaġġ f'ras il-klassifika

## Il-Ħdax-il Ġurnata

**17-03-1956:**
**Ħamrun Sp. FC – Hibernians FC 0-0**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi.**

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, George Jones, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Freddie Falzon, Carmelo 'Nene' Grech, Armando Drago, Ġużi 'San Ġuzepp' Buttigieg, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, A. Scicluna, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

*Hibernians FC*: Edwin Gili, Frans Borg, Joe Griscti, Maurice Vella Borg, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Joe 'Puskas' Muscat, Turu Tabone, Fredu Church, Charlie 'Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

**18-03-1956:**
**Rabat FC – Birkirkara FC 1-1**
**H.T 1-1**
**Skurjaw: C. Theuma (R) 10' u J. Gatt (B) 14'.**
**Referee: George Degiorgio**
**Linesmen: Watty Gatt u Carmel Spiteri**

*Rabat FC*: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Joe Cilia, Karmenu Xerri, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Tony Caruana, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Zammit, Charlie Theuma.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, Tony Pandolfino, Norman Bell, Leli 'Id-Dijju' Borg, Leli 'Likku' Saliba, George Scivagnolis, Stephen Samut Tagliaferro, Lyndon Schreener, John Gatt, Pawlu Carbonaro.

1. Ma' Rabat FC iddebutta ż żagħżugħ ta' 16-il sena Charlie Zammit.
2. Il-ġurnal, *Il-Berqa*, idaħħal id-dubju li l-goal ta' Rabat seta' ġie skorjat minn Pawlu Said meta rrapporta li fil-goal ta' Rabat il-cross ta' Theuma jista' jkun li mess bi żbrixx ma' Pawlu Said meta dan tal-aħħar ipprova jkompli l-ballun ġewwa bl-għarqub bil-ballun ikompli għaddej u jispiċċa fix-xibka. Kemm it-*Times of Malta*, *The Bulettin*, *Leħen is-Sewwa* kif ukoll il-*Malta Football Yearbook* jagħtu l-goal lil Charlie Theuma.

**19-03-1956:**
**Sliema W.. FC – Vittoriosa Stars FC 3-0**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: S. Schembri (S) 3', S. Nicholl (S) 37' u J. Xuereb (S) 51'.**
**Referee: Turu Lentini**
**Linesmen: B.S.M Joseph Galea (R.M.A) u Salvu Pirotta**

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Ġużi Cuschieri, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Vittoriosa Stars FC:* Godwin Cassar, Francis Xavier Camilleri, Emmanuel Urpani, A. Buttigieg, Lino Zahra, Johnnie Darmanin, Ritchie Sultana, Leli Stivala, Caruana, Twanny Sultana, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Fil-fixtures oriġinali tal-Ewwel Diviżjoni, din il-partita suppost intlagħbet, il-Ħadd 25 ta' Marzu, iżda tressqet għat-Tnejn, 19 ta' Marzu. Dan iċ-ċaqliq fil-fixtures sar sabiex jiġi evitat il-logħob fil-ġurnata tas-Sibt, 31 ta' Marzu, ġurnata wara l-Ġimgħa l-Kbira.
2. Fl-okkażjoni tat-tieni goal tal-Wanderers kellha tidħol il-Pulizija sabiex tikkalma l-irjus sħan tal-players ta' Vittoriosa wara li dawn sostnew li l-goal wasal minn offside. Xi players miż-żewġ naħat ġew fl-idejn.
Fil-fatt, Sammy Nicholl kien f'pożizzjoni ta' offside iżda r-referee Lentini jista' ikun li kkunsidra li qabel ma l-ballun wasal għand Nicholl dan ħabat ma' difensur tal-Istars. Wara li l-partita waqfet għal xi minuti, kien hemm foul ikrah fuq Sammy Nicholl eżatt malli kompla l-logħob fejn kien hemm iktar ġlied bejn il-players.
3. Tnax il minuta mit tmiem, il player Twanny Sultana ta' Vittoriosa laqat il-lasta minn penalty.
4. Skond il-korrispondent tal-ġurnal *The Bulettin*, il-players ta' Vittoriosa dehru bla ħeġġa fejn l-uniku spirtu kumbattiv li wrew tul id-90 minuta kien meta ġrew wara r-referee.

**24-03-1956:**
**Floriana FC – Valletta FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: Ż. Alamango (F) 3' u o.g J. Agius (F) 63'.**
**Referee: Turu Lentini**
**Linesmen: Salvu Pirotta u George Bonello**

*Floriana FC*: Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Charlie 'Nossa' Brincat, Joe Cini, Roy Swift, Freddie Vella James, Charlie 'Grioss' Azzopardi, Żarenu Alamango, Tony Cauchi, Godwin Camilleri, Pullu Demanuele.

*Valletta FC*: Pawlu Montebello, Joe Agius, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Twanny Mallia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Josie Urpani, Sonny Curmi, Charles Zerafa, Frankie Zammit, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

*Klassifika*: Sliema Wdrs. FC 18-il pt.; Ħamrun Sp. FC u Floriana FC 14-il pt.; Valletta FC u Birkirkara FC 10 pti.; Hibernians FC 9 pti.; Rabat FC 7 pti.; Vittoriosa Stars FC 6 pti.

*L-Aqwa Skorers*: S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 9 goals; J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) 8 goals; T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) u T. Cauchi (Floriana FC) 7 goals; P. Demanuele (Floriana FC) 6 goals.

## It-Tnax-il Ġurnata

**25-03-1956:**
**Sliema Wdrs. FC – Birkirkara FC 5-2**
**H.T 3-1**
**Skurjaw: S. Nicholl (S) 6', F. Bonnici (B) 12', S. Schembri (S) 13', S. Nicholl (S) 20', N. Calleja (S) 58', o.g L. Cuschieri (B) 76', T. Nicholl (S) 87'.**
**Referee: Edward Agius**
**Linesmen: Joe Genovese u Carmel Galea**

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Henry Hayston, Ġużi Cuschieri, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, Tony Pandolfino, Norman Bell, Emmanuel 'Id-Dijju' Borg, John Gatt, Frans 'Lula'

Bonnici, Lieut. Stephen Samut Tagliaferro, Leli 'Likku' Saliba, Lyndon Schreener, Pawlu Carbonaro.

1. Fit-53 minuta, il-player Leli Borg 'Id-Dijju' tkeċċa mir-referee Edward Agius wara protesti ħorox fuq penalty li ngħata favur Sliema. Fil-fatt kienu ħafna players Karkariżi li daru mar-referee jimbuttawh bid-Dijju jxejjirlu daqqa ta' sieq.
Meta s-sitwazzjoni kkalmat u ngħata l-penalty, Ninu Calleja falla milli jiskorja meta laqat il-lasta l-wieqfa. Minħabba dawn il-protesti 'Id-Dijju' Borg kien ġie sospiż għal għomru mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA. Fil-fatt huwa rritorna għall-football tliet snin wara meta fl-okkażjoni ta' President ġdid tal-MFA, l-Association kienet tat Amnestija Ġenerali li minnha kienu bbenefikaw anke l-players li kienu gew sospizi għal għomorhom u għamlu mill-inqas sentejn weqfin mill-football.
2. Birkirkara sofrew telfa wara sitt riżultati pożittivi. F'dawn il-partiti huma kienu kisbu tliet rebħiet u tliet draws sabiex kienu nqalgħu mill-qiegħ tal-klassifika. L-aħħar telfa tagħhom kienet kontra l-istess Sliema Wanderers fil-konfront tal-Ewwel Round.

**01-04-1956:**
**Floriana FC – Ħamrun Sp. FC 2-1**
**H.T 0-1**
**Skurjaw: K. Camilleri (Ħ) 12', Ż. Alamango (F) 53' u T. Cauchi (F) 78'.**
**Referee: Salvu Pirotta**
**Linesmen: Carmel Galea u Carmel Spiteri.**

*Floriana FC*: Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Charlie 'Nossa' Brincat, Joe Cini, Roy Swift, Freddie Vella James, Charlie 'Grioss' Azzopardi, Żarenu Alamango, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu Demanuele.

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Freddie Falzon, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Armando Drago, Franġisku Formosa, Effie Borg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psalla, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

1. Fuq ir-rapport tal-partita li deher fuq il-gurnal *The Times of Malta*, l-ewwel goal Ħamruniż ingħata lil Romeo Psaila. Madankollu din kienet iktar kwistjoni ta' identita żbaljata minħabba li l-ġurnali l-oħra kollha taw il-goal lil Camilleri fejn Psaila ma kienx imdaħħal fl-azzjoni tal-goal.
2. Floriana spiċċaw jilagħbu b'għaxar players minn kmieni fil-partita meta fit-33 minuta Charlie Brincat ħareġ imweġġa' mill-ground wara daħla fuqu minn Formosa. Brincat ittieħed l-isptar fejn dam nieqes mil-logħob sat-3 ta' Ġunju meta kien irritorna għas-semi-finali tat-Trophy kontra Vittoriosa Stars (3-1). Minkejja li bi player inqas u goal minn taħt Floriana rnexxielhom jiskorjaw darbtejn u jirbhu l-partita.
3. Għal Floriana irritorna Lolly Borg wara li tilef l-aħħar żewġ partiti minħabba infezzjoni f'saqajh.

**07-04-1956:**
**Vittoriosa Stars FC – Rabat FC 2-1**
**H.T 2-1**
**Skurjaw: Said (R) 5', T. Sultana (V) 26' u L. Stivala (V) 39'.**
**Referee: George Degiorgio**
**Linesmen: B.S.M Joseph Galea (RMA) u Turu Lentini**

*Vittoriosa Stars FC*: Godwin Cassar, Francis Xavier Camilleri, Emmanuel Urpani, A. Buttigieg, Lino Zahra, Johnnie Darmanin, Ritchie Sultana, Leli Stivala, J. Bezzina, Twanny Sultana, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

*Rabat FC*: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Joe Cilia, Karmenu Xerri, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Tony Caruana, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Charlie Theuma.

**08-04-1956:**
**Hibernians FC – Valletta FC 3-2**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: F. Church (H) 41', F. Borg (V) 56', F. Zammit (V) 57', C. Schembri (H) 62' u F. Church (H) 79'.**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi**
**Linesmen: Edward Agius u Salvu Pirotta**

Hibernians FC: Edwin Gili, Colin Tabone, Joe Grixti, Maurice Vella Borg, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Joe 'Puskas' Muscat, Turu Tabone, Fredu Church, Charlie 'Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

Valletta FC: Pawlu Montebello, Joe Agius, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Twanny Mallia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Leli 'Pesa' Pace, Sonny Curmi, Josie Urpani, Frankie Zammit, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

1. Il-partita ntlagħbet fl-10.00 ta' fil-għodu minħabba ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Karnival fil-Belt dak in-nhar wara nofs in-nhar. Il-*Bulettin* qal li l-partita ntlagħbet quddiem ground vojt fejn saħqet li dan kien esperiment li falla għax il-futbol m'għandu qatt jintlagħab fil-Karnival.
2. Valletta FC lagħbu kwazi l-partita kollha b'għaxar players meta wara 18-il minuta l-attakkant tagħhom Leli Pace kellu joħroġ mill-ground wara li weġġa' f'tackle ma' Joe Grixti. Huwa ttieħed l-isptar isofri minn ksur fl-irkoppa fejn tilef il-kumplament tal-istaġun. Fil-fatt għal Leli Pace din kienet l-aħħar partita tiegħu fil-kampjonat Malti.

3. Il-gurnal *Leħen is-Sewwa* pprotesta li fil-partita tal-Kampjonat qatt ma jkun hemm ambulanza preżenti u lanqas stretcher. Fil-fatt il-player ta' Valletta Leli Pace ntrefa' fuq l-idejn u ddaħħal fil-Black Maria tal-Pulizija u ttieħed l-isptar biha.

Klassifika: Sliema Wdrs. FC. 20 pt.; Floriana FC 16-il pt.; Ħamrun Sp. FC 14-il pt.; Hibernians FC 11-il pt.; Valletta FC u Birkirkara FC 10 pti.; Vittoriosa Stars FC 8 pti.; Rabat FC 7 pti.

L-Aqwa Skorers: S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 11-il goal; T. Nicholl u J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) u T. Cauchi (Floriana FC) 8 goals; P. Demanuele (Floriana FC) 6 goals.



*Lolly Debattista (Floriana)*



Il-Venezwelan Pastor Maldonado jirbaħ il-Grand Prix ta' Spanja

# L-ewwel rebħa għall-Venezwelan Pastor Maldonado




Il-Venezwelan Pastor Maldonado rebbieħ tal-Grand Prix ta' Spanja

## Riżultati tal-GP ta' Spanja
### 13.05.2012 - Katalunja

| | |
|---|---|
| 1. Pastor Maldonado (Venezwela) Williams | 1:39:09.14 |
| 2. Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 00:03.195 |
| 3. Kimi Raikkonen (Finlandja) Lotus | 00:03.884 |
| 4. Romain Grosjean (Franza) Lotus | 00:14.799 |
| 5. Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 01:04.641 |
| 6. Sebastian Vettel (Ġermanja) RedBull | 01:07.576 |
| 7. Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 01:17.919 |
| 8. Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 01:18.140 |
| 9. Jenson Button (Britannja) McLaren | 01:25.246 |
| 10. Nico Huelkenberg (Ġermanja) Force India | 1 lap |
| 11. Mark Webber (Awstralja) RedBull | 1 lap |
| 12. Jean-Eric Vergne (Franza) Toro Rosso | 1 lap |
| 13. Daniel Ricciardo (Awstralja) Toro Rosso | 1 lap |
| 14. Paul Di Resta (Britannja) Force India | 1 lap |
| 15. Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 1 lap |
| 16. Heikki Kovalainen (Finlandja) Caterham | 1 lap |
| 17. Vitaly Petrov (Russja) Caterham | 1 lap |
| 18. Timo Glock (Ġermanja) Marussia | 2 laps |
| 19. Pedro de la Rosa (Spanja) HRT | 3 laps |
| **Iritraw** | |
| Sergio Perez (Messiku) Sauber | 29 laps |
| Charles Pic (Franza) Marussia | 31 laps |
| Narain Karthikeyan (Indja) HRT | 44 laps |
| Bruno Senna (Brażil) Williams | 54 laps |
| Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 54 laps |

## Klassifika

**Sewwieqa**

| | |
|---|---|
| 1. Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | 61 |
| 2. Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 61 |
| 3. Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 53 |
| 4. Kimi Raikkonen (Finlandja) Renault | 49 |
| 5. Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 48 |
| 6. Jenson Button (Britannja) McLaren | 45 |
| 7. Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 41 |
| 8. Romain Grosjean (Franza) Renault | 35 |
| 9. Pastor Maldonado (Venezwela) Williams | 29 |
| 10. Sergio Perez (Messiku) Sauber | 22 |
| 11. Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 19 |
| 12. Paul Di Resta (Britannja) Force India | 15 |
| 13. Bruno Senna (Brażil) Williams | 14 |

# Jorge Lorenzo jaqbeż fl-ewwel post




L-Ispanjol Jorge Lorenzo

Jorge Lorenzo jiċċelebra s-suċċess tiegħu ta' Le Mans

**Klassifika**

| | |
|---|---|
| 1. Jorge Lorenzo (Yamaha) | 90 |
| 2. Casey Stoner (Honda) | 82 |
| 3. Dani Pedrosa (Honda) | 65 |
| 4. Cal Crutchlow (Yamaha) | 45 |
| 5. Andrea Dovizioso (Yamaha) | 44 |
| 6. Valentino Rossi (Ducati) | 42 |
| 7. Stefan Bradl (Honda) | 35 |
| 8. Alvaro Bautista (Honda) | 35 |
| 9. Nicky Hayden (Ducati) | 33 |
| 10. Hector Barbera (Ducati) | 26 |
| 11. Ben Spies (Yamaha) | 18 |
| 12. Aleix Espargaro (ART) | 12 |
| 13. Mattia Pasini (ART) | 6 |
| 14. Randy de Puniet (ART) | 6 |
| 15. James Ellison (ART) | 5 |
| 16. Colin Edwards (Suter) | 4 |
| 17. Danilo Petrucci (Ioda) | 4 |
| 18. Michele Pirro (FTR) | 4 |
| 19. Yonny Hernandez (BQR) | 3 |
| 20. Ivan Silva (BQR) | 1 |

## 29.04.2012 - Moto GP ta' Spanja - Jerez

| | |
|---|---|
| 1. Casey Stoner (Awstralja) Honda | 45:33.897 |
| 2. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 45:34.844 |
| 3. Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 45:35.960 |
| 4. Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 45:36.362 |
| 5. Andrea Dovizioso (Italja) Yamaha | 45:51.997 |
| 6. Alvaro Bautista (Spanja) Honda | 45:55.292 |
| 7. Stefan Bradl (Ġermanja) Honda | 46:02.534 |
| 8. Nicky Hayden (Stati Uniti) Ducati | 46:02.766 |
| 9. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 46:08.749 |
| 10. Hector Barbera (Spanja) Ducati | 46:09.000 |

## 06.05.2012 - Moto GP tal-Portugall - Estoril

| | |
|---|---|
| 1. Casey Stoner (Awstralja) Honda | 45:37.513 |
| 2. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 45:38.934 |
| 3. Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 45:41.134 |
| 4. Andrea Dovizioso (Italja) Yamaha | 45:51.359 |
| 5. Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 45:54.203 |
| 6. Alvaro Bautista (Spanja) Honda | 45:59.397 |
| 7. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 46:04.310 |
| 8. Ben Spies (Stati Uniti) Yamaha | 46:10.775 |
| 9. Stefan Bradl (Ġermanja) Honda | 46:13.380 |
| 10. Hector Barbera (Spanja) Ducati | 46:30.876 |

## 20.05.2012 - Moto GP ta' Franza - Le Mans

| | |
|---|---|
| 1. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 49:39.743 |
| 2. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 49:49.648 |
| 3. Casey Stoner (Awstralja) Honda | 49:51.041 |
| 4. Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 50:09.104 |
| 5. Stefan Bradl (Ġermanja) Honda | 50:12.220 |
| 6. Nicky Hayden (Stati Uniti) Ducati | 50:12.585 |
| 7. Andrea Dovizioso (Italja) Yamaha | 50:39.502 |
| 8. Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 50:44.895 |
| 9. Hector Barbera (Spanja) Pramac | 50:47.589 |
| 10. Alvaro Bautista (Spanja) Honda | 50:52.936 |




Chelsea champions Ewropej
CHELSEA FOOTBALL CLUB





# Smoking and Exercise



by Dr. Kirill Micallef Stafrace

**Sports and Exercise Medicine Consultant and Senior Lecturer in Sports Science**

By now everybody knows that regular exercise is an integral component of a healthy lifestyle and that smoking is a major contributor to poor health. However, the question that begs answering is what about smokers who exercise? A study conducted in Taiwan between 1996 and 2008 gives us quite a definite answer to this query. This thorough study involved over 430,000 individuals whose medical history was monitored over the study period. It revealed that physically active smokers were 55% more likely to quit smoking than non-active smokers and the former were 43% less likely to relapse. Furthermore physically active smokers had a life expectancy of 3.7 years more than their inactive counterparts. Hence, the researchers point out that exercising smokers not only have a higher chance of quitting, and staying smoke free, but also live longer.

Smokers have almost twice the chance of having a heart attack and smoking itself contributes to one tenth of all worldwide cardiovascular disease. What is even more worrying is that second hand smoking is attributed to be the direct cause of 600000 deaths a year. The good news is that after 5 years of quitting smoking the risk of a heart attack is halved and within 15 years you are practically at the same risk level as someone who never smoked.

Smoking cessation is not easy. The myriad of medications, courses, therapies and whatevers are testament to this, since no golden method has been found that helps all smokers quit. What is however obvious is that exercise is a strong adjunct to whichever cessation technique is utilised and at worse, for the chronic smoker, regular exercise helps to reduce some of the terrible health consequences attributed to this unhealthy practice.

We must remember that it is strongly recommended that when a smoker, or somebody who has quit recently, decides to start an exercise programme, he or she should first consult their personal doctor to ensure that they are medically fit to do so. A pre-exercise medical screening is always a good thing, but especially in these cases.

Dr. Kirill Micallef Stafrace is a Sports and Exercise Medicine Consultant and a Senior Lecturer in Sports Science.

sportmedicinedoc@gmail.com



vitalise life

Swiss Quality · Clinically Proven

Ginsana® restores energy levels over time.Thanks to G115®, the standardised ginseng extract whose efficacy and safety have been guaranteed by international clinical studies, Ginsana® is the smart choice to regain vitality naturally. Ginsana® contains no sugar, is safe for diabetics, suitable for people on hypocaloric diets, does not lead to dependence or addiction and has no doping effect.

*Discover how we prepare, vitalise, protect and restore, naturally and effectively, at www.ginsanaproducts.com*




ginsana

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Liverpool

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ġunju, 2012.

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Liverpool (bil-logo ta' adidas) ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 61

**Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 61 hija:**

**Michela Cassar - San Gwann**




# SPORTIV Tisliba

IRBAĦ €150 VOUCHER MA'

TeamSport

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ġunju, 2012

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**



Isem ______________

Indirizz ______________

Email ______________

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 61

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | A | N | G | A | N | I | ■ | F | E | K | E | T | E |
| O | ■ | E | ■ | L | O | N | G | ■ | ■ | I | ■ | E | ■ |
| R | E | P | K | A | ■ | T | R | U | M | P | ■ | M | ■ |
| O | ■ | T | ■ | I | D | E | A | L | ■ | S | A | I | D |
| S | T | U | N | N | E | R | S | ■ | ■ | A | ■ | L | ■ |
| I | ■ | N | U | ■ | N | ■ | S | W | A | N | S | E | A |
| N | I | E | M | I | ■ | R | ■ | ■ | P | G | A | ■ | M |
| I | ■ | ■ | R | ■ | M | O | S | E | S | ■ | R | A | Y |
| ■ | E | R | I | C | ■ | S | ■ | N | ■ | T | C | K | ■ |
| ■ | N | ■ | ■ | H | U | B | E | R | T | ■ | I | ■ | A |
| I | N | S | U | A | ■ | E | ■ | I | ■ | C | A | E | N |
| ■ | I | T | ■ | B | A | R | ■ | Q | ■ | A | ■ | ■ | T |
| A | S | A | D | A | ■ | G | I | U | S | T | I | ■ | O |
| S | ■ | M | U | L | E | ■ | ■ | E | ■ | I | S | O | N |

Ir-rebbieħ tal-Ħarġa Nru. 61 ta' April 2012 huwa: Norman Vella - San Gwann

**Mimdudin**

1) Emmanuel, referi Malti tal-Basketball (7)
6) Andras, plejer Ungeriż ta' Athleta Basketball Club (6)
9) "High-Jump" jew "....-Jump" (4)
11) Tomas, eks plejer Ċek ta' Fiorentina u West Ham (5)
12) Judd, plejer professjonali Ingliż tal-isnooker (5)
14) ".... De Suce", żiemel Franċiż ta' 16-il sena (5)
16) Gerard, mountain biker Malti (4)
17) Arkansas ........ Baseball Club (8)
19) u 39) ".... Torride", debba Franċiża ta' fama kbira (4)
20) L-uniku klabb tal-Futbol minn Wales li lagħab fl-EPL (7)
24) Antti, eks gowlkiper Finlandiż ta' Fulham FC (5)
26) Professional Golfers Association (1,1,1)
27) Mosop, maratoneta Kenjan (5)
29) George u ..., eks futbolers aħwa 'Furjaniżi' (3)
31) Zammit, jockey popolari fil-Marsa Race Track (4)
33) Tennis Club Kordin (1,1,1)
34) Camilleri, iċ-champion 'veteran' tal-Hill Climb (6)
36) Emiliano, left-back Arġentin ta' Sporting Lisbon (5)
38) Klabb tal-Futbol fil-Ligue 1 ta' Franza (4)
39) Ara 19 Mimdudin
40) u 46) Paolo, eks futboler Taljan (7)
41) Mao, figure skater Ġappuniża ta' fama mondjali (5)
43) Michael 'il-ġust', plejer ta' Athleta Basketball Club (6)
45) Inge .... Stagno, atleta żagħżugħa Maltija fis-Sailing (4)
46) Ara 40 Mimdudin

**Weqfin**

1) Piermario, il-mibki riċentli plejer ta' Livorno FC (8)
2) "....... Collonges", rebbieħ tal-Grand National 2012 (7)
3) Bernard, għawwiem Olimpiku Franċiż (5)
4) u 30) Rudi, lagħab għal Ġermanja fil-Fifa WC 1934 (4)
5) Ir-rivali ta' AC Milan fid-"Derby della Madonnina" (5)
7) Wilson, l-atleta Kenjan rebbieħ tal-Maratona ta' Londra (7)
8) Frank, eks plejer Niġerjan ta' Valletta FC (6)
10) Il-"UEFA .....roots Day " saret f'Malta f'dan ix-xahar (5)
13) u 44) Williams, rebbieħ tal-4x400 metre relay fl-1964 (4)
15) "The ...", il-home ground ta' Milwall FC (3)
18) L-ewwel darba li dehru fuq il-flokkijiet tal-Futbol kien fl-1928 (5)
21) Li sponsor ewlieni tal-Malta Youth FA (3)
22) Juan, plejer ta' Qormi Hockey Club (6)
23) Micallef, għawwiema promettenti ħafna (3)
25) Nico, sewwieq tal-Mercedes fil-Formula Uno (7)
28) Luis, eks plejer ta' Real Madrid u Barcelona, illum kowċ (7)
30) Ara 4 Weqfin
31) Jessica, atleta Ingliża fil-Heptathlon (5)
32) Sébastien, plejer famuż Franċiż tar-Rugby (6)
35) Camilleri, eks difensur 'eleganti' ta' Floriana FC (5)
37) Jaap, il-'ġgant' Olandiż eks Milan u Ajax (4)
38) Ara 42 Weqfin
41) "Notice ..", żiemel Svediż ta' 9 snin (2)
42) u 38) L-iskuderija tal-Moto GP minn Bologna (6)
44) Ara 13 Weqfin


TeamSporT
MY PROUD SPONSOR
Dun Karm Psaila Street, Iklin
t: +356 2142 1383
TeamSporT®
NIKE
adidas
Reebok
lotto
DIADORA
macron
Italian Team Uniforms
Sixtus
uhlsport
asics
UMBRO


casanova
St.Thomas Street, Luqa
**Tel**: 21 800 221 , 21 800 214 **Fax**: 21 800 225
**Email**: info@casanova.com.mt
**www.casanova.com.mt**
SPECIAL OFFERS till the end of July 2012


Valletta F.C.
VALLETTA F.C.
VALLETTA F.C.
2011-2012
SPORTIV
Premier League Champions - Season 2011/2012
BOV PREMIER LEAGUE
2011-2012
CISK
LAGER
FINEST QUALITY
LAGER BEER
CISK
LAGER
FINEST QUALITY
LAGER BEER
Find us on: facebook.
ritratt: Ray Attard



Good company.
Great beer.
CISK
CISK
Cisk is... Cisk
CISK
LAGER
CISK
LAGER
CISK
LAGER
Find us on:
facebook
ENJOY CISK RESPONSIBLY